



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/640 tat-23 ta' Marzu 2017 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Novac afumat din Țara Bârsei (IĠP))** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/641 tat-3 ta' April 2017 li jstabilixxi projbizzjoni temporanja tas-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII minn bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża** 3
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/642 tat-3 ta' April 2017 li jstabilixxi projbizzjoni tas-sajd temporanja għall-marlin blu fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** 5
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/643 tat-3 ta' April 2017 li jstabilixxi projbizzjoni temporanja tas-sajd għall-marlin abjad fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** 7
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/644 tal-5 ta' April 2017 li jstabilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll tal-livelli ta' diossini, PCBs simili għad-diossini u PCBs mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 589/2014⁽¹⁾** 9
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/645 tal-5 ta' April 2017 li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Latvjana tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 li jstabilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-ġalf⁽¹⁾** 35
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/646 tal-5 ta' April 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/378 li jstabilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-implimentazzjoni għall-ikklerjar tal-proċedura ta' kontijiet u fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-ikklerjar tal-konformità** 36

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/647 tal-5 ta' April 2017 li jadotta miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq tal-laħam tal-majjal fil-Polonja b'rabta ma' ċerti majjali nisa u majjali oħrajn li nqatlu mill-1 ta' Awwissu sat-30 ta' Novembru 2016	41
★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/648 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-okoumé plywood li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	48
★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/649 tal-5 ta' April 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	68
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/650 tal-5 ta' April 2017 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex	97

DEĊIŻIONIJET

★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/651 tat-3 ta' April 2017 li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni	99
★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/652 tad-29 ta' Marzu 2017 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem "Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa" (notifikata bid-dokument C(2017) 2200)	100

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/640

tat-23 ta' Marzu 2017

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Novac afumat din Țara Bârsei (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tar-Rumanija biex id-denominazzjoni "Novac afumat din Țara Bârsei" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk id-denominazzjoni "Novac afumat din Țara Bârsei" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Novac afumat din Țara Bârsei" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-Klassi 1.7. Ħut, molluski, krustaċji friski u prodotti derivati minnhom skont l-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ⁽³⁾.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 459, 9.12.2016, p. 28.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠUL 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/641**tat-3 ta' April 2017****li jistabbilixxi projbizzjoni temporanja tas-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII minn bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2017.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2017.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2017 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irreġistrat fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li l-ħut ta' dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trazzbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 32).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
João AGUIAR MACHADO
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

ANNEX

Nru	04/TQ2285
Stat Membru	Franza
Stokk	SBR/678-
Speċi	Il-paġella ħamra (<i>Pagellus bogaraveo</i>)
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII
Data tal-għeluq	16.2.2017

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/642**tat-3 ta' April 2017****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd temporanja għall-marlin blu fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2017.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2017.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2017 għandha titqies li ġiet eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li l-ħut ta' dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2017.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
João AGUIAR MACHADO
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

ANNEX

Nru	05/TQ127
Stat Membru	Spanja
Stokk	BUM/ATLANT
Speċi	Marlin blu (<i>Makaira nigricans</i>)
Żona	L-Oċean Atlantiku
Data tal-għeluq	1.1.2017

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/643**tat-3 ta' April 2017****li jistabbilixxi projbizzjoni temporanja tas-sajd għall-marlin abjad fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti għall-2017.
- (2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2017.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2017 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irreġistrati fihom għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li l-ħut ta' dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi rilokat, jiġi trażbordat jew jinħatt l-art wara dik id-data.

*Artikolu 3***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jiffissa għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
João AGUIAR MACHADO
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

ANNEX

Nru	06/TQ127
Stat Membru	Spanja
Stokk	WHM/ATLANT
Speċi	Marlin abjad (<i>Tetrapturus albidus</i>)
Żona	L-Oċean Atlantiku
Data tal-għeluq	1.1.2017

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/644**tal-5 ta' April 2017****li jstabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll tal-livelli ta' diossini, PCBs simili għad-diossini u PCBs mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 589/2014****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ⁽²⁾ jstabbilixxi l-livelli massimi għall-poliklorobifenil (PCBs) mhux simili għad-diossini, għad-diossini u l-furani u għat-total tad-diossini, il-furani u l-PCBs simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel.
- (2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/711/UE ⁽³⁾ tistabbilixxi l-livelli ta' azzjoni biex thegħegħ approċċ proattiv biex titnaqqas il-preżenza ta' poliklorodibenżo-p-diossini u poliklorodibenżo-furani (PCDD/Fs) u PCBs simili għad-diossini fl-ikel. Dawk il-livelli ta' azzjoni huma għodda użata mill-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi biex jenfasizzaw dawk il-każijiet fejn huwa xieraq li jiġi identifikat sors ta' kontaminazzjoni u li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi mnaqqas jew eliminat.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 589/2014 ⁽⁴⁾ jstabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-proċedura tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi li għandhom jiġu applikati għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini, PCBs simili għad-diossini u PCB mhux simili għad-diossini.
- (4) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jikkonċernaw biss it-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ta' diossini, ta' PCBs simili għad-diossini u ta' PCBs mhux simili għad-diossini għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 u r-Rakkomandazzjoni 2013/711/UE. Dawn ma jaffettwawx il-metodu, il-livelli u l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni kif stabbiliti fl-Annessi III u IV tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽⁵⁾. Ma jaffettwawx il-kriterji tal-mira għall-metodu tat-teħid ta' kampjuni stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/179/KE ⁽⁶⁾.
- (5) Huwa xieraq li jiġi żgurat li l-operaturi tan-negozju tal-ikel li japplikaw il-kontrolli mwettqa fil-qafas tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾ japplikaw proċeduri ta' teħid ta' kampjuni ekwivalenti għall-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni previsti minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li l-kampjuni li jittieħdu għal dawk il-kontrolli jkunu kampjuni rappreżentattivi. Barra minn hekk, il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għad-Diossini u l-PCBs ipprova evidenza li r-riżultati analitiċi f'ċerti każijiet mhumiex affidabbli meta l-kriterji tal-prestazzjoni kif provdut f'dan ir-Regolament ma jiġux applikati mil-laboratorji li jwettqu l-analiżi ta' kampjuni meħuda mill-operaturi tan-negozju tal-ikel fil-qafas tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. Għalhekk huwa xieraq li l-applikazzjoni tal-kriterji tal-prestazzjoni ssir obligatorja wkoll għall-analiżi ta' dawk il-kampjuni.

⁽¹⁾ ĠUL 165, 30.4.2004, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠUL 364, 20.12.2006, p. 5).⁽³⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/711/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 dwar it-tnaqqis tal-preżenza ta' diossini, furani u PCBs fl-ġhalf u fl-ikel (ĠUL 323, 4.12.2013, p. 37).⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 589/2014 tat-2 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll tal-livelli ta' diossini, PCBs simili għad-diossini u PCBs mhux simili għad-diossini f'ċerti oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 252/2012 (ĠUL 164, 3.6.2014, p. 18).⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠUL 125, 23.5.1996, p. 10).⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/179/KE tat-23 ta' Frar 1998 li tistabbilixxi regoli dettaljati dwar it-teħid uffiċjali ta' kampjuni għas-sorveljanza ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (ĠUL 65, 5.3.1998, p. 31).⁽⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠUL 139, 30.4.2004, p. 1).

- (6) Peress li l-metodu tal-użu ta' limitu tad-deċiżjoni biex jiġi żgurat li r-riżultat analitiku jkun ogħla mil-livell massimu b'ċerta probabbiltà, kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE ⁽¹⁾, ma għadux japplika għall-analiżi tad-diossini u l-PCBs fl-ikel, huwa xieraq li jitħassar dan il-metodu u li jinżamm biss il-metodu tal-inċertezza tal-kejl estiża bl-użu ta' fattur ta' kopertura ta' 2, li jagħti livell ta' fiduċja ta' madwar 95 %.
- (7) F'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar għall-metodi ta' skrinjar bijoanalitiċi, huwa xieraq li jiġu stipulati wkoll il-metodi fiżikokimiċi użati għall-iskrinjar ta' rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar.
- (8) Peress li l-analiżi tad-diossini, tal-PCB simili għad-diossini u tal-PCBs mhux simili għad-diossini f'ħafna każijiet jiġu determinati flimkien, huwa xieraq li l-kriterji tal-prestazzjoni għall-PCBs mhux simili għad-diossini jiġu allinjati mal-kriterji tal-prestazzjoni għad-diossini u l-PCBs simili għad-diossini. Din hija simplifikazzjoni, mingħajr bidliet sostanzjali fil-prattika, peress li fil-każ tal-PCBs mhux simili għad-diossini l-intensità relattiva tal-joni kwalifikaturi meta mqabbla ma' tal-joni bersall hija > 50 %.
- (9) Barra minn hekk, hemm diversi modifiki minuri oħrajn proposti għad-dispożizzjonijiet attwali, li jeħtieġu li r-Regolament (UE) Nru 589/2014 jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid biex tinżamm il-leġġibilità tat-test.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet u l-abbrevjazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 2

It-teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini, furani, PCBs simili għad-diossini u PCBs mhux simili għad-diossini fl-oġġetti tal-ikel elenkati fit-Taqsima 5 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandu jsir skont il-metodi stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Il-preparazzjonijiet u l-analiżi tal-kampjuni għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini, furani u PCBs simili għad-diossini fl-oġġetti tal-ikel elenkati fit-Taqsima 5 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandhom isiru skont il-metodi stipulati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

L-analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' PCB mhux simili għad-diossini fl-oġġetti tal-ikel elenkati fit-Taqsima 5 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandhom isiru skont ir-rekwiżiti għall-proċeduri analitiċi stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Ir-Regolament (UE) Nru 589/2014 għandu jiġi mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tal-14 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati (ĠUL 221, 17.8.2002, p. 8).

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

DEFINIZZJONIJIET U ABBREVIJAZZJONIJIET

I. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet imniżżla fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2002/657/KE.

Flimkien ma' dawk id-definizzjonijiet, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1.1. "Livell ta' azzjoni" tfisser il-livell ta' sustanza partikolari, kif stabbilit fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2013/711/UE, li jagħti bidu għal investigazzjonijiet biex jiġi identifikat is-sors ta' dik is-sustanza f'każijiet fejn jinstabu livelli miżjuda tas-sustanza.
- 1.2. "Metodi ta' skrinjar" tfisser metodi użati għall-għażla ta' dawk il-kampjuni b'livelli ta' PCDD/Fs u ta' PCBs simili għad-diossini li jaqbżu l-livelli massimi jew il-livelli ta' azzjoni. Dawn għandhom jippermettu volum kbir ta' kampjuni kosteffettivi, u b'hekk iżidu l-probabbiltà li jiġu skoperti każijiet ġodda fejn esponiment għoli jista' jwassal għal riskji għas-saħħa tal-konsumaturi. Il-metodi ta' skrinjar għandhom ikunu bbażati fuq metodi bjoanalitiċi jew metodi GC-MS. Ir-riżultati minn kampjuni li jaqbżu l-valur ta' limitu stabbilit biex tiġi kkontrollata l-konformità mal-livell massimu għandhom jiġu vverifikati permezz ta' analiżi mill-ġdid sħiħa mill-kampjun oriġinali permezz ta' metodu konfermatorju.
- 1.3. "Metodi konfermatorji" tfisser metodi li jipprovdu informazzjoni sħiħa jew kumplimentarja li tippermetti l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni inekwivoka tal-PCDD/Fs u tal-PCBs simili għad-diossini fil-livell massimu jew, f'każ ta' bżonn, fil-livell ta' azzjoni. Dawn il-metodi jużaw kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'riżoluzzjoni għolja (GC-HRMS) jew kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa tandem (GC-MS/MS).
- 1.4. "Metodi bjoanalitiċi" tfisser metodi bbażati fuq l-użu ta' prinċipji bijoloġiċi bħal assaġġi bbażati fuq iċ-ċelloli, assaġġi bir-riċetturi jew immunoassaġġi. Dawn ma jagħtux riżultati fil-livell tal-konġeneri iżda sempliċement jagħtu indikazzjoni ⁽¹⁾ tal-livell TEQ, espress f'Ekwivalenti Bjoanalitiċi (BEQ) biex jiġi rikonossut il-fatt li mhux il-komposti kollha preżenti f'estratt ta' kampjun li jipproduċu reazzjoni fit-test jistgħu jissodisfaw ir-reqwiżiti kollha tal-prinċipju TEQ.
- 1.5. "Rkupru apparenti tal-bjoassaġġ" tfisser il-livell BEQ kkalkulat mit-TCDD jew mill-kurva ta' kalibrizzjoni tal-PCB 126 korretta għall-inbjank u mbagħad maqsuma bil-livell tat-TEQ iddeterminat bil-metodu konfermatorju. Dan jipprova jikkoreġi fatturi bħat-telf ta' PCDD/Fs u komposti simili għad-diossini matul il-fażijiet ta' estrazzjoni u ta' tindif, il-komposti koestratti li jżidu jew inaqqsu r-reazzjoni (l-effetti agonistiċi u antagonistiċi), il-kwalità tal-aġġustament tal-kurva, jew id-differenzi bejn il-valuri tat-TEF u tal-REP. L-irkupru apparenti tal-bjoassaġġ huwa kkalkulat minn kampjuni ta' referenza adatti b'xejriet ta' konġeneri rappreżentattivi madwar il-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni.
- 1.6. "Analiżi duplikata" tfisser analiżi separata tal-analiti ta' interess bl-użu tat-tieni alikwota tal-istess kampjun omoġenizzat.
- 1.7. "Limitu speċifiku aċċettat ta' kwantifikazzjoni ⁽²⁾ ta' konġeneru individwali f'kampjun" tfisser l-aktar kontenut baxx tal-analit li jista' jitkejjel b'ċertezza statistika raġonevoli, u jissodisfa l-kriterji ta' identifikazzjoni kif deskritti fi standards rikonossuti b'mod internazzjonali, pereżempju, fl-istandard EN 16215:2012 ("L-għalf tal-annimali — Id-determinazzjoni ta' diossini u PCBs simili għad-diossini b'GC/HRMS u ta' PCBs indikaturi b'GC/HRMS") u/jew bil-metodi EPA 1613 u 1668 kif riveduti.

Il-limitu ta' kwantifikazzjoni ta' konġeneru individwali jista' jkun identifikat bħala

- (a) il-konċentrazzjoni ta' analit fl-estratt ta' kampjun li jipproduċi reazzjoni strumentali f'żewġ joni differenti li għandhom jiġu mmonitorjati bi proporzjon S/H (sinjal/ħoss) ta' 3:1 għas-sinjal inqas intensiv ta' dejta mhux ipproċessata;

⁽¹⁾ Il-metodi bjoanalitiċi mhumiex speċifiċi għal dawk il-konġeneri inklużi fl-iskema TEF. Fl-estratt tal-kampjun jista' jkun hemm komposti oħra strutturalment relatati attivi fl-AhR li jikkontribwixxu għar-reazzjoni ġenerali. Għaldaqstant, ir-riżultati bjoanalitiċi ma jistgħux ikunu stima, iżda pjuttost indikazzjoni, tal-livell tat-TEQ fil-kampjun.

⁽²⁾ Il-prinċipji kif deskritti fid-'Guidance Document on the Estimation of LOD and LOQ for Measurements in the Field of Contaminants in Feed and Food' (Dokument ta' Gwida dwar l-Istima ta' LOD u LOQ għall-Kejl fil-Qasam tal-Kontaminanti fl-Għalf u fl-Ikel)[link to website] għandhom jiġu segwiti meta applikabbli.

jew, jekk għal raġunijiet tekniċi l-kalkolu tas-sinjal/ħoss ma jipprovdix riżultati affidabbli,

(b) l-aktar punt ta' konċentrazzjoni baxx fuq kurva ta' kalibrizzjoni li jagħti devjazzjoni aċċettabbli ($\leq 30\%$) u konsistenti (imkejla mill-inqas fil-bidu u fit-tmiem ta' serje analitika ta' kampjuni) mill-fattur ta' reazzjoni relattiv medju kkalkulat għall-punti kollha fuq il-kurva ta' kalibrizzjoni f'kull serje ta' kampjuni ⁽¹⁾.

- 1.8. "Livell superjuri" tfisser il-kunċett li jeħtieġ l-użu tal-limitu ta' kwantifikazzjoni għall-kontribuzzjoni ta' kull konġeneru mhux kwantifikat.
- 1.9. "Livell inferjuri" tfisser il-kunċett li jeħtieġ l-użu ta' zero għall-kontribuzzjoni ta' kull konġeneru mhux kwantifikat.
- 1.10. "Livell medju" tfisser il-kunċett li jeħtieġ l-użu ta' nofs il-limitu ta' kwantifikazzjoni b'kalkolu tal-kontribuzzjoni ta' kull konġeneru mhux kwantifikat.
- 1.11. "Lott" tfisser kwantità identifikabbli ta' ikel ikkonsenjat f'darba u ddeterminat mill-uffiċjal li għandu karatteristiċi komuni, bħall-oriġini, il-varjeta, it-tip ta' imballaġġ, l-imballatur, l-ispeditur jew l-immmarkar. Fil-każ ta' ħut u prodotti tas-sajd, id-daqs tal-ħut ukoll għandu jkun komparabbli. F'każ li d-daqs u/jew il-piż tal-ħut ma jkunx kumparabbli f'konsenja, il-konsenja xorta tista' titqies bħala lott iżda għandha tiġi applikata proċedura speċifika ta' teħid ta' kampjuni.
- 1.12. "Sublott" tfisser parti magħżula minn lott kbir sabiex jiġi applikat il-metodu ta' teħid ta' kampjuni fuq dik il-parti magħżula. Kull sublott għandu jkun fiżikament separat u identifikabbli.
- 1.13. "Kampjun inkrementali" tfisser kwantità ta' materjal meħuda minn post wieħed fil-lott jew fis-sublott.
- 1.14. "Kampjun aggregat" tfisser it-total sħiħ tal-kampjuni inkrementali kollha meħuda mil-lott jew mis-sublott.
- 1.15. "Kampjun tal-laboratorju" tfisser parti/kwantità rappreżentattiva tal-kampjun aggregat maħsub għal-laboratorju.

II. ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI

BEQ	Ekwivalenti Bjoanalitiċi
GC	Kromatografija b'fażi gassuża
HRMS	Spettrometrija ta' massa b'riżoluzzjoni għolja
LRMS	Spettrometrija ta' massa b'riżoluzzjoni baxxa
MS/MS	Spettrometrija ta' massa tandem
PCB	Poliklorobifenil
PCBs mhux simili għad-diossini	PCB 28, PCB 52, PCB 101, PCB 138, PCB 153 u PCB 180
PCDD	Poliklorodibenżo-p-diossini
PCDF	Poliklorodibenżofurani
QC	Kontroll tal-kwalità
REP	Potenza relattiva
TEF	Fattur ta' Ekwivalenza Tossika
TEQ	Ekwivalenti Tossiċi
TCDD	2,3,7,8-tetraklorodibenzo-p-diossina
U	Inċertezza tal-kejl estiża

⁽¹⁾ Il-LOQ huwa kkalkulat mill-aktar punt ta' konċentrazzjoni baxx filwaqt li jitqies l-irkupru ta' standards interni u t-teħid ta' kampjuni.

ANNEX II

METODI TA' TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-KONTROLL UFFIĊJALI TAL-LIVELLI TA' DIOSSINI (PCDD/PCDF), TA' PCBs SIMILI GĦAD-DIOSSINI U TA' PCBs MHUX SIMILI GĦAD-DIOSSINI F'ĊERTI OĠĠETTI TAL-IKEL

I. AMBITU

Il-kampjuni maħsuba għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' diossini (PCDD/Fs), PCBs simili għad-diossini u PCBs mhux simili għad-diossini f'oġġetti tal-ikel għandhom jittieħdu skont il-metodi deskritti f'dan l-Anness. Il-kampjuni aggregati miħsuba b'dan il-mod għandhom jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-lottijiet jew tas-sublottijiet li jittieħdu minnhom. Il-konformità mal-livelli massimi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandha tiġi stabbilita abbażi tal-livelli ddeterminati fil-kampjuni tal-laboratorju.

Sabiex tkun żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, meta jittieħdu l-kampjuni biex jiġu kkontrollati l-livelli ta' diossini (PCDD/Fs), ta' PCBs simili għad-diossini u ta' PCBs mhux simili għad-diossini, l-operaturi tan-negozji alimentari għandhom jieħdu l-kampjuni skont il-metodi deskritti fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness jew japplikaw proċedura ta' teħid ta' kampjuni ekwivalenti li tkun uriet li għandha l-istess livell ta' rappreżentazzjoni bħall-proċedura ta' teħid ta' kampjuni deskritti fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

II. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. **Persunal**

It-teħid ta' kampjuni uffiċjali għandu jsir minn persuna awtorizzata maħtura mill-Istat Membru.

2. **Materjal li minnu għandu jittieħed kampjun**

Il-kampjuni minn kull lott jew sublott li jridu jiġu eżaminati għandhom jittieħdu b'mod separat.

3. **Prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu**

Waqt il-proċess tat-teħid tal-kampjuni u t-tħejjija tal-kampjuni, għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet biex jiġi evitat kull tibdil li jkun jaffettwa l-kontenut ta' diossini u PCBs, jew li jaffettwa b'mod negattiv id-determinazzjoni analitika, jew li jwassal biex il-kampjuni aggregati ma jkunux rappreżentattivi.

4. **Kampjuni inkrimentali**

Sa fejn hu possibbli, il-kampjuni inkrimentali għandhom jittieħdu minn postijiet differenti mifruxa mal-lott jew mas-sublott kollu. Kull devjazzjoni minn din il-proċedura għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru previst taħt il-punt II.8.

5. **Tħejjija tal-kampjun aggregat**

Il-kampjun aggregat għandu jkun magħmul billi jingħaqdu flimkien il-kampjuni inkrimentali. Dan għandu jkun jiżen mill-inqas 1 kg ħliet meta dan ma jkunx prattiku, eż. meta jittieħed kampjun minn pakkett wieħed jew meta l-prodott ikollu valur kummerċjali għoli ħafna.

6. **Kampjuni rreplikati**

Il-kampjuni rreplikati għal finijiet ta' infurzar, ta' difiża u ta' referenza għandhom jittieħdu mill-kampjun aggregat omoġenizzat, ħliet jekk it-tali proċedura tmur kontra r-regoli ta' Stat Membru fir-rigward tad-drittijiet tal-operatur tan-negozju alimentari. Id-daqs tal-kampjuni tal-laboratorju għall-infurzar għandu jkun biżżejjed biex jippermetti li ssir mill-inqas analiżi duplikata.

7. **Imballaġġ u trażmissjoni tal-kampjuni**

Kull kampjun għandu jitqiegħed f'kontenitur nadif u inert li joffri protezzjoni adegwata mill-kontaminazzjoni, mit-telf ta' analiti minħabba l-assorbiment mill-ħajt intern tal-kontenitur u kontra l-ħsara li tista' tirriżulta waqt it-trasport. Għandha tittieħed kull prekawzjoni meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe tibdil fil-kompożizzjoni tal-kampjun li jista' jseħħ waqt it-trasport jew waqt il-ħażna.

8. Sigilliar u tikkettar tal-kampjuni

Kull kampjun li jittieħed għall-użu uffiċjali għandu jiġi ssiġillat fil-post fejn ikun ittieħed u jiġi identifikat skont ir-regoli tal-Istati Membri.

Għandu jinżamm rekord ta' kull darba li jittieħed kampjun, sabiex kull lott ikun jista' jiġi identifikat mingħajr ambigwiżità, u dan ir-rekord juri d-data u l-post fejn ittieħdu l-kampjuni flimkien ma' kull informazzjoni addizzjonali li x'aktarx tkun ta' għajjnuna għall-analista.

III. PJAN TAT-TEĦID TA' KAMPJUNI

Il-metodu applikat ta' teħid ta' kampjuni għandu jiżgura li l-kampjun aggregat ikun rappreżentattiv tal-lott jew tas-sublott li għandhom jiġu kkontrollati.

1. Tqassim ta' lottijiet f'sublottijiet

Il-lottijiet il-kbar għandhom jitqassmu f'sublottijiet bil-kundizzjoni li s-sublott ikun jista' jiġi separat fiżikament. Għall-prodotti li huma nnegozjati f'konsenji bl-ingrossa kbar (eż. żjut veġetali) għandha tapplika t-Tabella 1. Għall-prodotti l-oħrajn għandha tapplika t-Tabella 2. Billi l-piż tal-lott mhux dejjem jidħol fih b'mod eżatt il-piż tas-sublottijiet, il-piż tas-sublott jista' jaqbeż il-piż imsemmi b'massimu ta' 20 %.

Tabella 1

Subdiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet għall-prodotti nnegozjati f'konsenji bl-ingrossa

Piż tal-lott (ftunnellati)	Piż jew għadd ta' sublottijiet
≥ 1 500	500 tunnellata
> 300 u < 1 500	3 sublottijiet
≥ 50 u ≤ 300	100 tunnellata
< 50	—

Tabella 2

Subdiviżjoni tal-lottijiet f'sublottijiet għal prodotti oħra

Piż tal-lott (ftunnellati)	Piż jew għadd ta' sublottijiet
≥ 15	15–30 tunnellata
< 15	—

2. Għadd ta' kampjuni inkrimentali

Il-kampjun aggregat li jgħaqqad il-kampjuni inkrimentali kollha għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg (ara l-punt II.5).

L-għadd minimu ta' kampjuni inkrimentali li għandhom jittieħdu mil-lott jew mis-sublott għandu jkun kif indikat fit-Tabelli 3 u 4.

Fil-każ ta' prodotti likwidi bl-ingrossa, il-lott jew is-sublott għandhom jitħalltu tajjeb kemm hu possibbli u sakemm ma tiġix affettwata l-kwalità tal-prodott, jew b'mezzi manwali jew b'mezzi mekkaniċi immedjatament qabel it-teħid tal-kampjun. F'dak il-każ, wieħed jassumi li d-distribuzzjoni tal-kontaminanti flott jew f'sublott partikolari tkun omoġenja. Għaldaqstant, huwa biżżejjed li jittieħdu tliet kampjuni inkrimentali minn lott jew minn sublott biex jiffurmaw il-kampjun aggregat.

Il-kampjuni inkrimentali għandhom ikunu simili fil-piż. Il-piż ta' kampjun inkrimentali għandu jkun ta' mill-inqas 100 gramma.

Kull devjazzjoni minn din il-proċedura għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru previst taħt il-punt II.8 ta' dan l-Anness. Skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE ⁽¹⁾, id-daqs tal-kampjun aggregat għall-bajd tat-tiġieġ huwa ta' mill-inqas 12-il bajda (għal lottijiet bl-ingrossa kif ukoll għal lottijiet li jkunu jikkonsistu minn pakketti individwali, għandhom japplikaw it-Tabelli 3 u 4).

Tabella 3

Numru minimu ta' kampjuni inkrimentali li għandu jittieħed mil-lott jew mis-sublott

Piż jew volum tal-lott/tas-sublott (f'kilogrammi jew flitri)	Għadd minimu ta' kampjuni inkrimentali li għandu jittieħed
< 50	3
50 sa 500	5
> 500	10

Jekk il-lott jew is-sublott ikun magħmul minn pakketti jew unitajiet individwali, l-għadd ta' pakketti jew ta unitajiet li għandu jittieħed biex jifforma l-kampjun aggregat, jidher fit-Tabella 4.

Tabella 4

L-għadd ta' pakketti jew ta' unitajiet (kampjuni inkrimentali) li għandu jittieħed biex jiġi fformat il-kampjun aggregat jekk il-lott jew is-sublott ikun magħmul minn pakketti jew unitajiet individwali

L-għadd ta' pakketti jew ta' unitajiet fil-lott/fis-sublott	L-għadd ta' pakketti jew ta' unitajiet li għandu jittieħed
1 sa 25	mill-inqas pakkett wieħed jew unità waħda
26 sa 100	madwar 5 %, mill-inqas 2 pakketti jew unitajiet
> 100	madwar 5 %, massimu ta' 10 pakketti jew unitajiet

3. Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-teħid ta' kampjuni ta' lottijiet li jkun fihom ħut sħiħ ta' daqs u piż kumparabbli

Il-ħut jitqies li jkun ta' daqs u piż kumparabbli f'każ li d-differenza fid-daqs u fil-piż ma tkunx taqbeż madwar 50 %.

L-għadd ta' kampjuni inkrimentali li għandu jittieħed mil-lott huwa ddefinit fit-Tabella 3. Il-kampjun aggregat li jgħaqqad il-kampjuni inkrimentali kollha għandu jkun ta' mill-inqas 1 kg (ara l-punt II.5).

— F'każ li l-lott li minnu għandu jittieħed il-kampjun ikollu fih ħut żgħir (ħut individwali li jiżen < madwar 1 kg), il-ħuta sħiħa tittieħed bħala kampjun inkrimentali biex tiffurma l-kampjun aggregat. F'każ li l-kampjun aggregat li jirriżulta jiżen aktar minn 3 kg, il-kampjuni inkrimentali jistgħu jikkonsistu mill-parti tan-nofs, li kull waħda tiżen mill-inqas 100 gramma, tal-ħut li jifforma l-kampjun aggregat. Il-parti sħiħa li għaliha japplika l-livell massimu, tintuża għall-omoġenizzazzjoni tal-kampjun.

Il-parti tan-nofs tal-ħuta hija dik fejn jinsab iċ-ċentru ta' gravità. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dan jinsab fix-xewka tad-dahar (f'każ li l-ħuta jkollha xewka tad-dahar) jew fin-nofs bejn il-fetħa tal-garġi u l-anus.

— F'każ li l-lott li għandu jittieħed kampjun minnu jkollu fih ħut ikbar (ħut individwali li jiżen aktar minn bejn wieħed u ieħor 1 kg), il-kampjun inkrimentali jikkonsisti mill-parti tan-nofs tal-ħut. Kull kampjun inkrimentali jiżen mill-inqas 100 gramma.

Għal ħut ta' daqs intermedju (madwar 1–6 kg) il-kampjun inkrimentali jittieħed bħala biċċa ħuta maqtugħa mis-sinla saż-żaqq fil-parti tan-nofs tal-ħuta.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE tas-27 ta' Ottubru 1997 li tiffissal-livelli u l-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni provduti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE sabiex jiġu monitorjati ċerti sustanzi u l-fdalijiet tagħhom f'ċerti prodotti mill-annimali (ĠU L 303, 6.11.1997, p. 12).

Għall-ħut kbir ħafna (eż bejn wieħed u ieħor > 6 kg), il-parti inkriminali tittieħed mill-parti leminja (aspett frontali) tal-laħam mill-muskolu dorso-laterali fil-parti ċentrali tal-ħuta. Meta t-teħid ta' tali biċċa tal-parti tan-nofs tal-ħuta tkun tirriżulta fi ħsara ekonomika sinifikattiva, jista' jiġi kkunsidrat it-teħid ta' tliet kampjuni inkriminali ta' mill-inqas 350 gramma kull wieħed, meqjusa bħala suffiċjenti indipendentament mid-daqs tal-lott, jew alternattivament jistgħu jittieħdu parti ugwali mil-laħam muskolat qrib il-parti tad-denb u mil-laħam muskolat qrib il-parti tar-ras ta' ħuta waħda biex dawn jiffurmaw parti mill-kampjun inkriminali li jkun rappreżentattiv għal-livell tad-diossini fil-ħuta sħiħa.

4. Teħid ta' kampjuni minn lottijiet ta' ħut li fihom ħut sħiħ ta' daqsijiet u/jew piżijiet differenti

- Fir-rigward tal-kostituzzjoni tal-kampjun għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt III.3.
- F'każ li klassi/kategorija ta' daqs jew ta' piż tkun predominanti (madwar 80 % jew aktar tal-lott), il-kampjun jittieħed minn ħut li għandu d-daqs jew il-piż predominanti. Dan il-kampjun għandu jitqies bħala rappreżentattiv għal-lott kollu.
- F'każ li l-ebda klassi/kategorija partikolari ta' daqs jew ta' piż ma tkun predominanti, għandu jiġi żgurat li l-ħut magħżul għall-kampjun ikun rappreżentattiv tal-lott. Għal każijiet bħal dawn hemm gwida speċifika fil-“Guidance document on sampling of whole fishes of different size and/or weight” (Dokument ta' gwida dwar it-teħid ta' kampjuni ta' ħut sħiħ ta' daqsijiet u/jew piżijiet differenti) ⁽²⁾.

5. Teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut

Meta jkun possibbli, it-teħid ta' kampjuni tal-oġġetti tal-ikel fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet għat-teħid ta' kampjuni stipulati fil-punt III.2.

Meta dan ma jkunx possibbli, jista' jintuża metodu alternattiv ta' teħid ta' kampjuni fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut, bil-kundizzjoni li dan jiżgura rappreżentanza suffiċjenti tal-lott jew tas-sublott li minnu jittieħed il-kampjun.

IV. KONFORMITÀ TAL-LOTT MAL-ISPEĊIFIKAZZJONI

1. Fir-rigward ta' PCBS mhux simili għad-diossini

Il-lott ikun konformi jekk ir-riżultat analitiku għas-somma ta' PCBS mhux simili għad-diossini ma jaqbiżx il-livell massimu rispettiv, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006, filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża ⁽³⁾.

Il-lott ikun nonkonformi mal-livell massimu kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jekk il-medja taż-żewġ riżultati analitiċi tal-livell superjuri miksuba minn analiżi duplikata ⁽⁴⁾, filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża, taqbeż il-livell massimu mingħajr ebda dubju raġonevoli.

L-inċertezza tal-kejl estiża hija kkalkulata bl-użu ta' fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' fiduċja ta' madwar 95 %. Lott ikun nonkonformi jekk il-medja tal-valuri mkejla meta tnaqqas minnha l-inċertezza estiża tal-medja hija l fuq mil-livell massimu stabbilit.

Ir-regoli, imsemmija fil-paragrafi hawn fuq taħt dan il-punt għandhom japplikaw għar-riżultat analitiku li jinkiseb fuq il-kampjun għall-kontroll uffiċjali. Fil-każ ta' analiżi għal finijiet ta' difiża jew ta' referenza, japplikaw ir-regoli nazzjonali.

2. Fir-rigward tad-diossini (PCDD/FS) u tal-PCBS simili għad-diossini

Il-lott ikun konformi jekk ir-riżultat ta' analiżi waħda

- li tkun saret permezz ta' metodu ta' skrinjar b'rata ta' konformità falza inqas minn 5 %, jindika li l-livell ma jaqbiżx il-livell massimu rispettiv tal-PCDD/FS u s-somma tal-PCDD/FS u tal-PCBS simili għad-diossini kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006;

⁽²⁾ https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/cs_contaminants_catalogue_dioxins_guidancesampling_exemples-dec2006_en.pdf

⁽³⁾ Il-prinċipji kif deskritti fid- “Guidance Document on Measurement Uncertainty for Laboratories performing PCDD/F and PCB Analysis using Isotope Dilution Mass Spectrometry” (Dokument ta' Gwida dwar l-Inċertezza tal-Kejl għal Laboratorji li jkunu qed iwettqu Analiżi ta' PCDD/F u PCB bl-użu ta' Dilwizzjoni ta' Isotopi bi Spettrometrija ta' Massa) [link to website] għandhom jiġu segwiti fejn japplikaw.

⁽⁴⁾ L-analiżi duplikata tkun neċessarja jekk ir-riżultat tal-ewwel determinazzjoni jkun nonkonformi. L-analiżi duplikata hija neċessarja sabiex tiġi eskluża l-possibilità ta' kontaminazzjoni kroċjata interna jew ta' taħlita aċċidentali tal-kampjuni. Fil-każ li l-analiżi ssir waqt inċident ta' kontaminazzjoni, il-konferma b'analiżi duplikata tista' tiġi eliminata f'każ li l-kampjuni magħżulin għall-analiżi jkunu marbuta permezz tat-traċċabbiltà mal-inċident ta' kontaminazzjoni u l-livell li jinsab ikun b'mod sinifikanti ogħla mil-livell massimu.

— li tkun saret permezz ta' metodu konfermatorju, ma jaqbiżx il-livell massimu rispettiv ta' PCDD/Fs u s-somma ta' PCDD/Fs u ta' PCBs simili għad-diossini kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża ⁽⁵⁾.

Għal assaġġi ta' skrinjar għandu jiġi stabbilit valur ta' limitu għad-deċiżjoni dwar il-konformità mal-livelli massimi rispettivi stabbiliti jew għall-PCDD/Fs jew għas-somma ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini.

Il-lott ikun nonkonformi mal-livell massimu kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jekk il-medja taż-żewġ riżultati analitiċi tal-livell superjuri (analiżi duplikata ⁽⁶⁾) miksuba bl-użu ta' metodu konfermatorju, filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża, taqbeż il-livell massimu mingħajr ebda dubju raġonevoli.

L-inċertezza tal-kejl estiża hija kkalkulata bl-użu ta' fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' fiduċja ta' madwar 95 %. Lott ikun nonkonformi jekk il-medja tal-valuri mkejla bl-inċertezza estiża tal-medja mnaqqsa tkun 'il fuq mil-livell massimu stabbilit.

Is-somma tal-inċertezzi estiżi smati tar-riżultati analitiċi separati ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini għandha tintuża għall-inċertezza estiża smata tas-somma ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini,

Ir-regoli, imsemmija fil-paragrafi hawn fuq taħt dan il-punt, għandhom japplikaw għar-riżultat analitiku miksub fuq il-kampjun għall-kontroll uffiċjali. Fil-każ ta' analiżi għal finijiet ta' difiża jew ta' referenza, japplikaw ir-regoli nazzjonali.

V. IL-QBIŻ TAL-LIVELLI TA' AZZJONI

Il-livelli ta' azzjoni jservu ta' għodda biex jintgħażlu l-kampjuni f'dawk il-każijiet fejn jixraq li jiġi identifikat sors ta' kontaminazzjoni u li jittieħdu miżuri għat-tnaqqis jew għat-tneħħija tiegħu. Il-metodi ta' skrinjar għandhom jistabbilixxu l-valuri ta' limitu xierqa għall-għażla ta' dawk il-kampjuni. F'każ li jkunu meħtieġa sforzi sinifikanti biex jiġi identifikat is-sors u biex titnaqqas jew titneħħa l-kontaminazzjoni, jista' jkun il-każ li l-qbiż tal-livell ta' azzjoni jiġi kkonfermat b'analiżi duplikata bl-użu ta' metodu konfermatorju u billi titqies l-inċertezza tal-kejl estiża ⁽⁷⁾.

⁽⁵⁾ Dokument ta' Gwida dwar l-Inċertezza tal-Kejl għal Laboratorji li jkunu qed iwettqu Analiżi ta' PCDD/F u PCB bl-użu ta' Dilwizzjoni ta' Isotopi bi Spettrometrija ta' Massa) [link to website], Dokument ta' Gwida dwar l-Istima ta' LOD u LOQ għall-Kejl fil-Qasam tal-Kontaminanti fl-Għalf u l-Ikel [link to website].

⁽⁶⁾ L-analiżi duplikata tkun neċessarja jekk ir-riżultat tal-ewwel determinazzjoni bl-applikazzjoni ta' metodi konfermatorji bl-użu ta' standard intern tat-tikketta ¹³C għall-analiti rilevanti jkun nonkonformi. L-analiżi duplikata hija neċessarja sabiex tiġi eskluża l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni kroċjata interna jew xi taħlita aċċidentali tal-kampjuni. Fil-każ li l-analiżi ssir waqt inċident ta' kontaminazzjoni, il-konferma b'analiżi duplikata tista' tiġi eliminata f'każ li l-kampjuni magħżula għall-analiżi jkunu konnessi permezz tat-traċċabbiltà mal-inċident ta' kontaminazzjoni u mal-livell misjub huwa b'mod sinifikanti ogħla mil-livell massimu.

⁽⁷⁾ Spjegazzjoni u rekwiżiti identiċi għal analiżi duplikata għall-kontroll ta' livelli ta' azzjoni kif imsemmi fin-nota 6 f'qiegħ il-paġna għal-livelli massimi.

ANNEX III

THEJJJA TAL-KAMPJUNI U REKWIŻITI GĦALL-METODI TA' ANALIŻI LI JINTUŻAW FIL-KONTROLL TAL-LIVELLI TAD-DIOSSINI (PCDD/Fs) U TAL-PCBS SIMILI GĦAD-DIOSSINI F'ĊERTI OĠĠETTI TAL-IKEL

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness għandhom jiġu applikati meta l-oġġetti tal-ikel jiġu analizzati għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' 2,3,7,8-poliklorodibenżo-p-diossini u poliklorodibenżofurani (PCDD/Fs) u poliklorobifenili simili għad-diossini (PCBs simili għad-diossini) sostitwiti, u fir-rigward tat-thejjja ta' kampjuni u r-rekwiżiti analitiċi għal finijiet regolatorji oħra, inklużi l-kontrolli li jwettaq l-operatur tan-negozju alimentari sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

Il-monitoraġġ għall-preżenza ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini fl-oġġetti tal-ikel jista' jsir b'żewġ tipi differenti ta' metodi analitiċi:

(a) *Metodi ta' skrinjar*

L-għan tal-metodi ta' skrinjar huwa li jintgħażlu dawk il-kampjuni b'livelli ta' PCDD/Fs u ta' PCBs simili għad-diossini li jaqbu l-livelli massimi jew il-livelli ta' azzjoni. Il-metodi ta' skrinjar għandhom jiżguraw volum kbir ta' kampjuni kosteffettivi, u b'hekk iżidu l-possibbiltà li jiġu skoperti każijiet ġodda fejn esponiment għoli jista' jwassal għal riskji tas-saħħa għall-konsumaturi. L-applikazzjoni tagħhom għandha l-għan li jiġu evitati riżultati ta' konformità falza. Dawn jistgħu jinkludu metodi bjoanalitiċi u ta' GC-MS.

Il-metodi ta' skrinjar iqabblu r-riżultat analitiku ma' valur ta' limitu, billi jipprovdu deċiżjoni ta' iva/le dwar il-possibbiltà ta' qbiż tal-livell massimu jew tal-livell ta' azzjoni. Il-konċentrazzjoni ta' PCDD/Fs u s-somma ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini f'kampjuni suspettati li huma nonkonformi mal-livell massimu għandha tiġi ddeterminata jew ikkonfermata b'metodu konfermatorju.

Barra minn hekk, il-metodi ta' skrinjar jistgħu jagħtu indikazzjoni tal-livelli ta' PCDD/Fs u ta' PCBs simili għad-diossini preżenti fil-kampjun. F'każ li jiġu applikati metodi ta' skrinjar bjoanalitiċi, ir-riżultat jiġi espress bħala Ekwivalenti Bjoanalitiċi (BEQ), filwaqt li jekk jiġu applikati metodi GC-MS fiżiko-kimiċi dan jiġi espress bħala Ekwivalenti Tossiċi (TEQ). Ir-riżultati tal-metodi ta' skrinjar indikati numerikament huma adattati biex tintwera l-konformità jew is-suspett ta' nonkonformità jew il-qbiż tal-livelli ta' azzjoni u jagħtu indikazzjoni tal-medda ta' livelli f'każ ta' segwitu permezz ta' metodi konfermatorji. Dawn mhumiex adatti għal finijiet bħall-evalwazzjoni tal-livelli ta' sfond, l-istima tat-teħid, is-segwitu tax-xejriet matul iż-żminijiet fil-livelli jew l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-livelli ta' azzjoni jew tal-livelli massimi.

(b) *Metodi konfermatorji*

Il-metodi konfermatorji jippermettu l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni inekwivoki ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini preżenti f'kampjun u jipprovdu l-informazzjoni kollha fuq bażi kongenera. Għaldaqstant, dawn il-metodi jippermettu l-kontroll tal-livelli massimi u ta' azzjoni, inkluża l-konferma tar-riżultati li jinkisbu permezz tal-metodi ta' skrinjar. Barra minn hekk, ir-riżultati jistgħu jintużaw għal għanijiet oħra bħad-determinazzjoni ta' livelli ta' sfond baxxi fil-monitoraġġ tal-ikel, is-segwitu tax-xejriet matul iż-żminijiet, il-valutazzjoni tal-esponiment tal-popolazzjoni u biex tinħoloq bażi tad-dejta għall-possibbiltà tar-rievalwazzjoni tal-livelli massimi u l-livelli ta' azzjoni. Dawn huma importanti wkoll biex jiġu stabbiliti l-profil tal-konġeneri sabiex jiġi identifikat is-sors f'każ ta' kontaminazzjoni. Dawn il-metodi jużaw il-GC-HRMS. Jistgħu jintużaw ukoll il-GC-MS/MS għall-konferma tal-konformità jew tan-nonkonformità mal-livell massimu.

2. SFOND

Sabiex jiġu kkalkulati l-konċentrazzjonijiet ta' TEQ, il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi individwali f'kampjun partikolari għandhom jiġu multiplikati bit-TEF rispettiv tagħhom, kif stabbilit mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u kif elenkat fl-Appendiċi ta' dan l-Anness, u sussegwentement jingħaddu biex jinkiseb it-total tal-konċentrazzjoni tal-komposti simili għad-diossini espressi bħala TEQs.

Il-metodi konfermatorji u ta' skrinjar jistgħu jiġu applikati biss għall-kontroll ta' ċerta matriċi jekk il-metodi jkun sensittivi biżżejjed li jindivdwar il-livelli b'mod affidabbli fil-livell massimu jew fil-livell ta' azzjoni.

3. REKWIŻITI TA' GARANZIJA TAL-KWALITÀ

- Għandhom jittieħdu miżuri sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata f'kull stadju tal-proċedura tat-teħid ta' kampjuni u tal-analiżi.
- Il-kampjuni għandhom jinħażnu u jinġarru f'kontenituri tal-ħġieġ, tal-aluminju, tal-polipropilen jew tal-poliutilen adattati għall-ħżin mingħajr ma jaffettwaw il-livelli ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini fil-kampjuni. It-traċċi tat-trab tal-karti għandhom jitneħħew mill-kontenitur tal-kampjuni.
- Il-ħażna u l-ġarr tal-kampjuni għandhom jitwettqu b'mod li tinżamm l-integrità tal-kampjun tal-oġġett tal-ikel.
- Sa fejn huwa rilevanti, kull kampjun tal-laboratorju għandu jkun mitħun fin u mħallat bl-użu ta' proċess li jkun wera li jwassa għal omoġenizzazzjoni totali (eż. tħin sabiex jgħaddi minn ġo għarbiel ta' 1 mm); il-kampjuni għandhom jitnixxfu qabel it-tħin jekk il-kontenut tal-indewwa jkun għoli wisq.
- Il-kontroll ta' reaġenti, oġġetti tal-ħġieġ u tagħmir għall-possibiltà li jiġu influwenzati r-riżultati bbażati fuq it-TEQ jew il-BEQ huwa ta' importanza ġenerali.
- Għandha ssir analiżi inbjank billi ssir il-proċedura analitika sħiħa filwaqt li jitħalla barra l-kampjun biss.
- Għall-metodi bijoanalitiċi, huwa ta' importanza kbira li l-oġġetti tal-ħġieġ u s-solventi kollha li jintużaw fl-analiżi għandhom jiġu ttestjati biex jintwera li huma ħielsa minn komposti li jfixklu s-sejba tal-komposti fil-mira fil-medda tal-ħidma. L-oġġetti tal-ħġieġ għandhom jitlaħalħu b'solventi jew/u jissaħħnu għal temperaturi adattati biex jitneħħew it-traċċi ta' PCDD/Fs, il-komposti simili għad-diossini u l-komposti ta' tfixkil mis-superfiċje tagħhom.
- Il-kwantità tal-kampjun li jintuża għall-estrazzjoni għandha tkun biżżejjed biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fir-rigward tal-medda ta' ħidma baxxa biżżejjed inklużi l-konċentrazzjonijiet tal-livelli massimi jew il-livelli ta' azzjoni.
- Il-proċeduri speċifiċi għall-preparazzjoni tal-kampjun li jintużaw għall-prodotti inkwistjoni għandhom isegwu l-linji gwida aċċettati fuq livell internazzjonali.
- Fil-każ tal-ħut, il-ġilda għandha titneħħa billi l-livell massimu japplika għal-laħam tal-muskoli mingħajr ġilda. Madankollu, jeħtieġ li l-fdalijiet kollha tal-laħam immuskolat u tat-tessut tax-xaħam li jinsabu fuq il-parti ta' ġewwa tal-ġilda jitneħħew bil-galbu u kompletament mill-ġilda u jinżiedu mal-kampjun li jrid jiġi analizzat.

4. REKWIŻITI GĦAL-LABORATORJI

- B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-laboratorji għandhom ikunu akkreditati minn korp rikonossut li jopera skont il-Gwida ISO 58 biex ikun żgur li dawn qegħdin japplikaw l-assigurazzjoni tal-kwalità analitika. Il-laboratorji għandhom jiġu akkreditati billi jiġi segwit l-istandard EN ISO/IEC 17025. Il-prinċipji kif deskritti fil-Linji Gwida Tekniċi għall-istima tal-incerzezza tal-kejl u l-limiti ta' kwantifikazzjoni għall-analiżi ta' PCDD/Fs u PCBs għandhom jiġu segwiti fejn applikabbli ⁽¹⁾.
- Il-profiċjenza tal-laboratorju għandha tintwera permezz tal-parteċipazzjoni kontinwa b'suċċess fi studji interlaboratorji għad-determinazzjoni tal-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini fil-matriċi tal-ikel u fil-firxiet ta' konċentrazzjoni rilevanti.
- Il-laboratorji li japplikaw metodi ta' skrinjar għall-kontroll ta' rutina tal-kampjuni għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib mal-laboratorji li japplikaw metodu konfermatorju, kemm għall-kontroll tal-kwalità kif ukoll għall-konferma tar-riżultat analitiku tal-kampjuni suspetti.

5. REKWIŻITI BAŻIĊI LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI BIL-PROĊEDURA ANALITIKA GĦAD-DIOSSINI (PCDD/Fs) U PCBs SIMILI GĦAD-DIOSSINI

5.1. **Medda ta' ħidma baxxa u limiti ta' kwantifikazzjoni**

- Fir-rigward tal-PCDD/Fs, il-kwantitajiet li jistgħu jiġu individwati għandhom ikunu fil-medda tal-femtogrammi superjuri (10^{-15} g) minħabba t-tossiċità estrema ta' wħud minn dawn il-komposti. Għall-biċċa l-kbira tal-konġeneri tal-PCBs il-limitu ta' kwantifikazzjoni fil-medda tan-nanogrammi (10^{-9} g) diġà huwa biżżejjed. Madankollu, għall-kejl tal-konġeneri tal-PCBs simili għad-diossini l-aktar tossiċi (b'mod partikolari l-konġeneri nonortosostitwiti), il-limitu inferjuri tal-medda ta' ħidma għandu jilħaq il-livelli tal-pikogrammi inferjuri (10^{-12} g).

⁽¹⁾ Guidance Document on Measurement Uncertainty for Laboratories performing PCDD/F and PCB Analysis using Isotope Dilution Mass Spectrometry [link to website], (Dokument ta' Gwida dwar l-Incerzezza tal-Kejl għal Laboratorji li jkunu qed iwettqu Analiżi ta' PCDD/Fs u PCBs bl-użu ta' Dilwizzjoni ta' Isotopi bi Spettrometrija ta' Massa), Guidance Document on the Estimation of LOD and LOQ for Measurements in the Field of Contaminants in Feed and Food [link to website] (Dokument ta' Gwida dwar l-Istima ta' LOD u LOQ għall-Kejl fil-Qasam tal-Kontaminanti fl-Għalf u l-Ikel) ()

5.2. **Għażla għolja (specifità)**

- Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini u għadd kbir ta' komposti oħra koestratti u li possibbilment jinterferixxu li jkunu preżenti f'konċentrazzjonijiet ta' daqs ferm akbar minn dawk tal-analiti ta' interess. Għall-metodi ta' kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija ta' massa (GC/MS), jeħtieġ li ssir differenzjazzjoni fost diversi konġeneri, pereżempju bejn il-konġeneri tossiċi (eż. is-sbatax-il PCDD/F sostitwiti fil-pożizzjoni 2,3,7,8 u t-taxx-il PCB simili għad-diossini) u konġeneri oħra.
- Il-metodi bjoanalitiċi għandhom ikunu kapaċi jindividwaw il-komposti fil-mira fl-għamla tas-somma tal-PCDD/Fs, u/jew tal-PCBs simili għad-diossini. It-tindif tal-kampjun għandu jimmira li jneħħi l-komposti li jikkawżaw riżultati ta' nonkonformità falza jew il-komposti li jistgħu jnaqqsu r-reazzjoni, u b'hekk jikkawżaw riżultati ta' konformità falza.

5.3. **Akkuratezza kbira (eżattezza u preċiżjoni, rkupru apparenti bjoassaġġ)**

- Għall-metodi GC/MS, id-determinazzjoni għandha tipprovdi stima valida tal-konċentrazzjoni reali f'kampjun. Akkuratezza kbira (akkuratezza tal-kejl: il-qrubija tal-qbil bejn ir-riżultat tal-kejl mal-valur, reali jew assenjat, tal-kwantità li trid titkejjel) biex jiġi evitat li r-riżultat ta' analiżi tal-kampjun jiġi rrifjutat abbażi ta' dipendenza mhux rakkomandabbli tal-valur TEQ iddeterminat. L-akkuratezza hija espressa bħala eżattezza (id-differenza bejn il-valur medju mkejjejl għal analit f'materjal iċċertifikat u l-valur iċċertifikat tiegħu, li huwa espress bħala perċentwal ta' dan il-valur) u preċiżjoni (id-devjazzjoni standard relattiva RSD_R ikkalkolata mir-riżultati ġenerati f'kundizzjonijiet ta' riproduċibilità).
- Għall-metodi bjoanalitiċi, għandu jiġi ddeterminat l-irkupru apparenti tal-bjoassaġġ.

5.4. **Il-validazzjoni fil-medda tal-livell massimu u ġenerali tal-miżuri tal-kontroll tal-kwalità**

- Il-laboratorji għandhom juru r-rendiment ta' metodu fil-medda tal-livell massimu, eż. 0,5x, 1x u 2x il-livell massimu b'koeffiċjenti aċċettabbli ta' varjazzjoni għal analiżi ripetuta, matul il-proċedura ta' validazzjoni u/jew matul l-analiżi ta' rutina.
- Bħala miżuri interni ta' kontroll tal-kwalità, għandhom jitwettqu kontrolli inbjank regolari u esperimenti miżjuda jew analiżi tal-kampjuni ta' kontroll (preferibbilment, jekk ikun hemm, materjal iċċertifikat ta' referenza). Għandhom jiġu rreġistrati u ċċekkjati it-tabelli għall-kontroll tal-kwalità tal-kontrolli inbjank, tal-esperimenti miżjuda jew tal-analiżi tal-kontroll tal-kampjuni biex ikun żgurat li r-rendiment analitiku huwa skont ir-rekwiżiti.

5.5. **Limitu ta' kwantifikazzjoni**

- Għal metodu ta' skrinjar bjoanalitiku, mhuwiex indispensabbli li jiġi stabbilit LOQ iżda l-metodu għandu juri li jista' jiddistingwi bejn il-valur inbjank u dak ta' limitu. Meta jingħata l-livell BEQ, għandu jiġi stabbilit livell ta' rappurtar għat-trattament ta' kampjuni li juru reazzjoni taħt dan il-livell. Għandu jintwera li l-livell ta' rappurtar hu differenti mill-kampjuni inbjank tal-proċedura mill-inqas b'fattur ta' tlieta, b'reazzjoni taħt il-medda ta' ħidma. Għaldaqstant, dan għandu jiġi kkalkulat minn kampjuni li fihom il-komposti fil-mira madwar il-livell minimu meħtieġ, u mhux minn proporzjon S/H jew test inbjank.
- Il-limitu ta' kwantifikazzjoni (LOQ) għal metodu konfermatorju għandu jkun ta' madwar għoxrin fil-mija tal-livell massimu.

5.6. **Kriterji analitiċi**

- Għal riżultati affidabbli minn metodi konfermatorji jew ta' skrinjar, il-kriterji li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fil-medda tal-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni għall-valur TEQ u l-valur BEQ rispettivament, kemm jekk iddeterminat bħala TEQ totali jew BEQ totali (bħala somma tal-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini) jew separatament għal PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini.

	Skrinjar b'metodi bjoanalitiċi jew fiżi-kokimiċi	Metodi konfermatorji
Rata ta' konformità falza (*)	< 5 %	
Eżattezza		- 20 % sa + 20 %

	Skrinjar b'metodi b'joanalitiċi jew fiżi- kokimiċi	Metodi konfermatorji
Ripetibbiltà (RSD _r)	< 20 %	
Preċiżjoni intermedja (RSD _r)	< 25 %	< 15 %

(*) Fir-rigward tal-livelli massimi.

5.7. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-metodi ta' skrinjar

- Għall-iskrinjar jistgħu jintużaw kemm il-metodi GC-MS kif ukoll dawk b'joanalitiċi. Għall-metodi GC/MS għandhom jintużaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 6. Għall-metodi b'joanalitiċi bbażati fuq iċ-ċelloli hemm stipulati rekwiżiti speċifiċi fil-punt 7.
- Il-laboratorji li japplikaw metodi ta' skrinjar għall-kontrolli ta' rutina tal-kampjuni għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib ma' laboratorji li japplikaw il-metodu konfermatorju.
- Il-verifika tar-rendiment tal-metodu ta' skrinjar hija meħtieġa matul l-analiżi ta' rutina, b'kontroll tal-kwalità tal-analiżi u b'validazzjoni kontinwa tal-metodu. Għandu jkun hemm programm kontinwu għall-kontroll ta' riżultati konformi.
- Kontroll tas-soppressjoni potenzjali tar-reazzjoni ċellulari u ċ-ċitotossiċità

20 % tal-estratti tal-kampjuni għandhom jitkejlu fi skrinjar ta' rutina biż-żieda ta' TCDD u mingħajrha, b'konformità mal-livell massimu jew mal-livell ta' azzjoni, biex jiġi vverifikat jekk ir-reazzjoni tistax tkun imħassra minn sustanzi ta' tfixkil li jinsabu fl-estratt tal-kampjun. Il-konċentrazzjoni mkejla tal-kampjun miżjud titqabbel mas-somma tal-konċentrazzjoni tal-estratt mhux miżjud flimkien mal-konċentrazzjoni miżjuda. Jekk din il-konċentrazzjoni mkejla tkun inqas minn 25 % tal-konċentrazzjoni kkalkolata (is-somma), dan jindika li s-sinjali potenzjali seta' tħassar, u l-kampjun rispettiv għandu jintbagħat għall-analiżi konfermatorja. Ir-riżultati għandhom jiġu mmonitorjati f'tabelli ta' kontroll tal-kwalità.

- Il-kontroll tal-kwalità fuq kampjuni konformi

Għandhom jiġu kkonfermati bejn 2 % sa 10 % tal-kampjuni konformi, skont il-matriċi tal-kampjuni u l-esperjenza tal-laboratorju.

- Id-determinazzjoni tar-rati ta' konformità falza mid-dejta tal-QC

Għandha tiġi ddeterminata r-rata tar-riżultati ta' konformità falza mill-iskrinjar ta' kampjuni inqas u ogħla mil-livell massimu jew mil-livell ta' azzjoni. Ir-rati reali ta' konformità falza għandhom ikunu inqas minn 5 %.

Wara li l-kontroll tal-kwalità tal-kampjuni konformi juri minimu ta' 20 riżultat ikkonfermat għal kull matriċi jew grupp ta' matriċi, il-konklużjonijiet dwar ir-rata ta' konformità falza jistgħu jitfasslu minn din il-bażi tad-dejta. Ir-riżultati mill-kampjuni analizzati fi provi interlaboratorji jew waqt inċidenti ta' kontaminazzjoni li jkopru sa medda ta' konċentrazzjoni ta' eż. 2x il-livell massimu (ML), jistgħu wkoll jiġu inklużi fil-minimu ta' 20 riżultat għall-evalwazzjoni tar-rata ta' konformità falza. Il-kampjuni għandhom ikopru l-profili tal-konġeneri l-aktar frekwenti, li jirrappreżentaw diversi sorsi.

Għalkemm it-testijiet ta' skrinjar għandhom bi preferenza jimmiraw li jindividwaw kampjuni li jaqbżu l-livell ta' azzjoni, il-kriterju għad-determinazzjoni tar-rati ta' konformità falza huwa l-livell massimu, filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża tal-metodu konfermatorju.

- Ir-riżultati tal-iskrinjar li jkunu potenzjalment nonkonformi għandhom dejjem jiġu vverifikati permezz ta' analiżi mill-ġdid sħiħa tal-kampjun oriġinali permezz ta' metodu konfermatorju. Dawn il-kampjuni jistgħu jintużaw ukoll biex tiġi evalwata r-rata ta' riżultati ta' nonkonformità falza. Għall-metodi ta' skrinjar, ir-rata ta' riżultati ta' nonkonformità falza hija l-frazzjoni tar-riżultati kkonfermati li huma konformi minn analiżi konfermatorja, filwaqt li fi skrinjar preċedenti l-kampjun kien ġie ddikjarat li hu suspettat bħala nonkonformi. Madankollu, l-evalwazzjoni ta' kemm hu vantaġġuż il-metodu ta' skrinjar għandha tkun imsejsa fuq it-tqabbil tal-kampjuni ta' nonkonformità falza mal-għadd totali ta' kampjuni kkontrollati. Din ir-rata għandha tkun baxxa biżżejjed biex jibqa' vantaġġuż l-użu ta' għodda ta' skrinjar.

- Il-metodi bijoanalitiċi għandhom jagħtu indikazzjoni valida tal-livell tat-TEQ, ikkalkulat u espress bħala BEQ, tal-anqas taħt il-kundizzjonijiet ta' validazzjoni.
- Anki għall-metodi bijoanalitiċi mwettqa f'kundizzjonijiet ta' ripetibilità, l-RSD_r intralaboratorju tkun tipikament iżgħar mill-RSD_R tar-riproduċibilità.

6. REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦAL METODI GC-MS LI GĦANDHOM JIĠU SSODISFATI GĦAL RAĠUNIJET TA' KONFERMA U TA' SKRINJAR

6.1. Id-differenzi aċċettabbli bejn il-livelli WHO-TEQ superjuri u inferjuri

- Id-differenza bejn il-livell superjuri u l-livell inferjuri ma għandhiex taqbeż l-20 % għall-konferma tal-qbiż tal-livell massimu, jew f'każ ta' b'żonn, tal-livell ta' azzjoni.

6.2. Kontroll tal-irkupri

- Iż-żieda tal-istandards PCDD/F interni sostitwiti għal 2,3,7,8-kloru ttikkettati ¹³C u tal-istandards interni ta' PCB simili għad-diossini ttikkettati ¹³C għandha ssir fil-bidu nett tal-metodu analitiku eż. qabel l-estrazzjoni sabiex tiġi vvalidata l-proċedura analitika. Tal-inqas konġeneru wieħed għal kull wieħed mill-gruppi omologi tetra sa ottaklorinati għall-PCDD/Fs u tal-inqas konġeneru wieħed għal kull wieħed mill-gruppi omologi għall-PCBs simili għad-diossini għandhom jiġu miżjuda (alternattivament, tal-inqas konġeneru wieħed għal kull funzjoni ta' reġistrazzjoni ta' jon magħżula għal kull spettrometrija ta' massa użata għall-monitoraġġ ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini). Fil-każ tal-metodi konfermatorji, għandhom jintużaw is-17-il standard intern kollha tal-PCDD/Fs sostitwiti għal 2,3,7,8 ttikkettati ¹³C u t-12-il standard intern kollha tal-PCBs simili għad-diossini ttikkettati ¹³C.
- Għandhom jiġu ddeterminati wkoll il-fatturi ta' reazzjoni relattivi għal dawk il-konġeneri li għalihom ma hu miżjud l-ebda analogu ttikkettat ¹³C bl-użu ta' soluzzjonijiet ta' kalibrizzjoni adatti.
- Għall-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-pjanti u għall-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali li jkun fihom inqas minn 10 % ta' xaħam, iż-żieda ta' standards interni hija obbligatorja qabel l-estrazzjoni. Għall-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali li jkun fihom aktar minn 10 % ta' xaħam, l-istandards interni jistgħu jinżiedu qabel jew wara l-estrazzjoni tax-xaħam. Għandha titwettag validazzjoni adatta tal-effiċjenza tal-estrazzjoni, skont l-istadju li fih jiġu introdotti l-istandards interni u skont jekk ir-riżultati jkunux irrappurtati abbażi tal-prodott jew tax-xaħam.
- Qabel l-analiżi GC/MS, għandu jinżied standard wieħed jew jinżiedu żewġ standards ta' rkupru (surrogat/i).
- Il-kontroll tal-irkupru huwa neċessarju. Għall-metodi konfermatorji, l-irkupri tal-istandards interni individwali għandhom ikunu fil-medda ta' bejn 60 u 120 %. Irkupri ogħla jew aktar baxxi għal konġeneri individwali, b'mod partikolari għal ċerti dibenzo-p-diossini u dibenzofurani ettaklorinati u ottaklorinati huma aċċettabbli b'kundizzjoni li l-kontribuzzjoni tagħhom lill-valur tat-TEQ ma taqbiżx l-10 % tal-valur tat-TEQ totali (ibbażat fuq is-somma tal-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini). Għal metodi ta' skrinjar GC-MS, l-irkupri għandhom ikunu fil-medda ta' minn 30 sa 140 %.

6.3. It-tneħħija ta' sustanzi ta' tfixkil

- Is-separazzjoni ta' PCDD/Fs minn komposti klorinati ta' tfixkil bħal PCB mhux simili għad-diossini u eteri tad-difenil klorinati għandha ssir permezz ta' tekniki kromatografiċi adattati (preferibbilment b'kolonna ta' florisil, ta'alumina u/jew ta' karbonju).
- Is-separazzjoni permezz ta' kromatografija b'fażi gassuża ta' isomeri għandha tkun biżżejjed (< 25 % quċċata ma' quċċata bejn 1,2,3,4,7,8-HxCDF u 1,2,3,6,7,8-HxCDF).

6.4. Kalibrizzjoni b'kurva standard

- Il-medda tal-kurva ta' kalibrizzjoni għandha tkopri l-medda rilevanti tal-livell massimu jew tal-livell ta' azzjoni.

6.5. Kriterji speċifiċi għal metodi konfermatorji

- Fil-każ tal-GC-HRMS:

Fl-HRMS, ir-riżoluzzjoni għandha tipikament tkun akbar minn jew daqs 10 000 għall-medda sħiħa tal-massa f'qiegħ ta' 10 %.

Għandhom jiġu ssodisfatti aktar kriterji ta' identifikazzjoni u ta' konferma kif deskritt fl-istandards rikonnoxxuti b'mod internazzjonali, pereżempju, fl-istandard EN 16215:2012 (L-għalf tal-animali — Id-determinazzjoni tad-diossini u tal-PCBs simili għad-diossini b'GC/HRMS u ta' PCBs indikaturi b'GC/HRMS) u/jew fil-metodi EPA 1613 u 1668 kif riveduti.

— Fil-każ tal-GC-MS/MS:

Il-monitoraġġ ta' mill-anqas żewġ joni prekursori speċifiċi, kull wieħed b'jon tal-prodott ta' tranżizzjoni speċifiku korrispondenti, għall-analiti kollha tikkettati u mhux tikkettati fl-ambitu tal-analiżi.

It-tolleranza massima permessa tal-intensitajiet tal-ioni relattivi ta' $\pm 15\%$ għall-ioni ta' prodott ta' tranżizzjoni magħżula meta mqabbla ma' valuri kkalkulati jew imkejla (medja minn standards tal-kalibrizzjoni), li japplikaw kundizzjonijiet MS/MS identiċi, b'mod partikolari tal-enerġija tal-ħbit u l-pressjoni tal-ħbit tal-gass, għal kull tranżizzjoni ta' analita.

Ir-riżoluzzjoni għal kull kwadropolu għandha tiġi stabbilita daqs jew aħjar mir-riżoluzzjoni tal-massa tal-unità (riżoluzzjoni tal-massa tal-unità: riżoluzzjoni biżżejjed sabiex tissepara żewġ quċċati b'unità ta' massa waħda bejniethom) sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' interferenzi fuq l-analiti ta' interess.

Għandhom jiġu ssodisfatti l-kriterji ulterjuri kif deskritt fi standards rikonnoxxuti b'mod internazzjonali, pereżempju, fl-istandard EN 16215:2012 (Għalf tal-animali — Id-determinazzjoni ta' diossini u PCBs simili għad-diossini b'GC/HRMS u ta' PCBs indikaturi b'GC/HRMS) u/jew fil-metodi EPA 1613 u 1668 kif riveduti, ħlief l-obbligju tal-użu ta' GC-HRMS.

7. REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦALL-METODI BIJOANALITIĊI

Il-metodi bjoanalitiċi huma metodi bbażati fuq l-użu ta' prinċipji bijoloġiċi bħal testijiet ibbażati fuq iċ-ċelloli, assaġġi fuq ir-riċevituri jew immunoassaġġi. Dan il-punt jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-metodi bjoanalitiċi b'mod ġenerali.

Bħala prinċipju, metodu ta' skrinjar jikklassifika kampjun bħala konformi jew suspettat li hu nonkonformi. Għal dan il-għan, il-livell tal-BEQ ikkalkulat jitqabbel mal-valur ta' limitu (ara l-punt 7.3). Il-kampjuni taħt il-valur ta' limitu jiġu ddikjarati konformi, il-kampjuni daqs jew ogħla mill-valur ta' limitu jiġu ddikjarati li huma nonkonformi u jirrikjedu analiżi permezz ta' metodu konfermatorju. Fil-prattika, livell tal-BEQ li jikkorrispondi għal żewġ terzi tal-livell massimu jista' jservi bħala valur ta' limitu dment li jiżgura rata ta' konformità falza taħt il-5 % u rata aċċettabbli għal riżultati ta' nonkonformità falza. B'livelli massimi separati għall-PCDD/Fs u għas-somma ta' PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini, il-kontroll tal-konformità ta' kampjuni mingħajr frazzjonament jirrikjedi valuri ta' limitu għall-bijoassaġġi adattati għall-PCDD/Fs. Għall-verifika tal-kampjuni li jaqbżu l-livelli ta' azzjoni, jista' jintuża perċentwal adattat tal-livell ta' azzjoni rispettiv bħala valur ta' limitu.

Jekk livell indikattiv jiġi espress f'BEQ, ir-riżultati mill-kampjun għandhom jingħatw fil-medda tal-ħidma u jaqbżu l-limitu tar-rappurtar (ara l-punti 7.1.1 u 7.1.6).

7.1. Evalwazzjoni tar-reazzjoni għat-test

7.1.1. Rekwiżiti ġenerali

— Meta jiġu kkalkolati l-konċentrazzjonijiet minn kurva ta' kalibrizzjoni tat-TCDD, il-valuri fil-limitu superjuri tal-kurva juru varjazzjoni għolja (koeffiċjent għoli ta' varjazzjoni (CV)). Il-medda tal-ħidma hija l-erja fejn dan is-CV ikun iżgħar minn 15 %. Il-limitu inferjuri tal-medda tal-ħidma (limitu ta' rappurtar) għandu wkoll jiġi stabbilit b'mod sinifikanti flivell ogħla (mill-inqas b'fattur ta' tlieta) mill-bjanki tal-proċedura. Il-limitu superjuri tal-medda tal-ħidma normalment huwa rrappreżentat bil-valur EC_{70} (70 % tal-konċentrazzjoni effettiva massima), iżda huwa iktar baxx jekk is-CV jkun ogħla minn 15 % f'din il-medda. Il-medda ta' ħidma għandha tiġi stabbilita waqt il-validazzjoni. Il-valuri ta' limitu (ara l-punt 7.3) għandhom ikunu fil-medda tal-ħidma.

— Is-soluzzjonijiet standard u l-estratti tal-kampjuni għandhom jiġu ttestjati għall-inqas b'mod duplikat. Meta jintużaw id-duplikati, soluzzjoni standard jew estratt ta' kontroll ittestjat f'minn erbgħa sa sitt "wells" imqasma fuq il-platt għandhom jipproduċu reazzjoni jew konċentrazzjoni (possibbli biss fil-medda tal-ħidma) abbażi ta' $CV < 15\%$.

7.1.2. Kalibrazzjoni

7.1.2.1. Kalibrazzjoni b'kurva standard

- Il-livelli fil-kampjuni jistgħu jiġu stmati billi titqabbel ir-reazzjoni tat-test ma' kurva ta' kalibrazzjoni tat-TCDD (jew PCB 126 jew taħlita standard ta' PCDD/F/PCB simili għad-diossini) biex jiġi kkalkulat il-livell BEQ fl-estratt u wara dan, fil-kampjun.
- Il-kurvi ta' kalibrazzjoni għandhom jinkludu minn tmienja sa 12-il konċentrazzjoni (għall-inqas f'duplikati), b'konċentrazzjonijiet biżżejjed fil-parti t'isfel tal-kurva (il-medda ta' ħidma). Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-kwalità tal-aġġustament tal-kurva fil-medda ta' ħidma. Fih innifsu, il-valur R^2 għandu f'it jew xejn valur fl-istima tal-adegwatezza tal-aġġustament fir-rigressjoni nonlineari. It-tnaqqis tad-differenza bejn il-livelli kkalkulati u dawk osservati fil-medda ta' ħidma tal-kurva jtejjeb l-aġġustament (eż. billi tiġi minimizzata s-somma ta' residwi kwadrati).
- Wara jiġi kkoreġut il-livell stmat fl-estratt tal-kampjun għal-livell tal-BEQ ikkalkolat għall-kampjun inbjank ta' matriċi jew solvent (sabiex ikopri l-impurità minn solvanti u kimiċi użati), u l-irkupru apparenti (ikkalkolat mil-livell tal-BEQ ta' kampjuni ta' referenza adattati bi profili ta' konġeneri rappreżentattivi qrib il-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni). Sabiex jiġi kkoreġut irkupru, l-irkupru apparenti għandu dejjem ikun fil-medda meħtieġa (ara l-punt 7.1.4). Il-kampjuni ta' referenza li jintużaw għall-korrezzjoni tal-irkupru għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti mogħtija fil-punt 7.2.

7.1.2.2. Kalibrazzjoni b'kampjuni ta' referenza

Bħala alternattiva, tista' tintuża kurva ta' kalibrazzjoni mħejjija minn tal-inqas 4 kampjuni ta' referenza (ara l-punt 7.2: jistgħu jintużaw bjank tal-matriċi wieħed, flimkien ma' tliet kampjuni ta' referenza b'0,5x, 1,0x u 2,0x il-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni, filwaqt li titneħħa l-ħtieġa ta' korrezzjoni tal-bjank u tal-irkupru jekk il-proprietajiet tal-matriċi tal-kampjuni ta' referenza jaqblu ma' dawk tal-kampjuni mhux magħrufa. F'dan il-każ, ir-reazzjoni tat-test li tikkorrispondi ma' żewġ terzi tal-livell massimu (ara l-punt 7.3) tista' tiġi kkalkulata direttament minn dawn il-kampjuni u użata bħala valur ta' limitu. Għall-kontroll ta' kampjuni li jaqbzū l-livelli ta' azzjoni, il-valur ta' limitu jista' jkun perċentwal adattat ta' dawn il-livelli ta' azzjoni.

7.1.3. Id-determinazzjoni separata tal-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini

L-estratti jistgħu jinqasqu fi frazzjonijiet li jkun fihom il-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini, u li jippermettu indikazzjoni separata tal-livelli tat-TEQ tal-PCDD/Fs u tal-PCBs simili għad-diossini (f'BEQs). Preferibbilment għandha tintuża kurva ta' kalibrazzjoni standard tal-PCB 126 biex jiġu evalwati r-riżultati għall-frazzjoni li fiha l-PCBs simili għad-diossini.

7.1.4. Rkupri apparenti tal-bijoassaġġi

L-“irkupru apparenti tal-bijoassaġġ” għandu jiġi kkalkulat minn kampjuni ta' referenza adattati bi profili ta' konġeneri rappreżentattivi qrib il-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni u espress bħala perċentwal tal-livell tal-BEQ meta mqabbel mal-livell tat-TEQ. Skont it-tip ta' assaġġ u t-TEFs (1) li jintużaw, id-differenzi bejn il-fatturi tat-TEF u tal-REP għall-PCBs simili għad-diossini jistgħu jwasslu biex il-PCBs simili għad-diossini jkollhom irkupri apparenti baxxi meta mqabbla mal-PCDD/Fs. Għaldaqstant, jekk titwettaq determinazzjoni separata tal-PCDD/Fs u tal-PCBs simili għad-diossini, l-irkupri apparenti tal-bijoassaġġi għandhom ikunu: bejn 20 % u 60 % għall-PCBs simili għad-diossini, bejn 50 % u 130 % għall-PCDD/Fs (il-meded japplikaw għall-kurva ta' kalibrazzjoni tat-TCDD). Billi l-kontribuzzjoni tal-PCBs simili għad-diossini għas-somma tal-PCDD/Fs u tal-PCBs simili għad-diossina tista' tvarja bejn il-matriċi u l-kampjuni differenti, l-irkupri apparenti tal-bijoassaġġi għall-parametru tas-somma jirriflettu dawk il-meded u għandhom ikunu bejn 30 % u 130 %.

7.1.5. Kontroll tal-irkupri għat-tindif

It-telf ta' komposti waqt it-tindif għandu jiġi kkontrollat waqt il-validazzjoni. Kampjun inbjank miżjud b'taħlita ta' konġeneri differenti għandu jiġi ppreżentat għat-tindif (mill-inqas $n = 3$) u l-irkupru u l-varjabbiltà għandhom jiġu kkontrollati permezz ta' metodu konfermatorju. L-irkupru għandu jkun bejn 60 % u 120 % speċjalment għall-konġeneri li jikkontribwixxu aktar minn 10 % għal-livell tat-TEQ f'taħlitiet diversi.

(1) Ir-rekwiżiti attwali huma msejsa fuq it-TEFs ippubblikati fi: M. Van den Berg et al, Toxicol Sci 93 (2), 223–241 (2006).

7.1.6. *Limitu tar-Rappurtar*

Meta jkunu qed jiġu rrapportati l-livelli tal-BEQs, il-limitu tar-rappurtar għandu jiġi ddeterminat mill-kampjuni matriċi rilevanti bl-involviment ta' profili ta' konġeneri tipiċi, imma mhux mill-kurva ta' kalibrazzjoni tal-istandards minħabba preċiżjoni baxxa fil-medda inferjuri tal-kurva. Għandhom jitqiesu l-effetti mill-estrazzjoni u t-tindif. Il-limitu ta' rappurtar għandu jiġi stabbilit b'mod sinifikanti flivell ogħla (mill-inqas b'fattur ta' tlieta) mill-bjanki tal-proċedura.

7.2. **Użu ta' kampjuni ta' referenza**

- Il-kampjuni ta' referenza għandhom jirrappreżentaw il-matriċi tal-kampjuni, il-profilu tal-konġeneri u l-medda tal-konċentrazzjoni għall-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini qrib il-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni.
- F'kull serje ta' testijiet għandhom jiġu inklużi bjank tal-proċedura, jew preferibbilment bjank tal-matriċi, u kampjun ta' referenza fil-livell massimu jew fil-livell ta' azzjoni. Dawn il-kampjuni għandhom jiġu estratti u ttestjati fl-istess ħin f'kundizzjonijiet identiċi. Il-kampjun ta' referenza għandu juri biċ-ċar reazzjoni elevata meta mqabbel mal-kampjun inbjank, u b'hekk jiżgura l-adegwatezza tat-test. Dawn il-kampjuni jistgħu jintużaw għall-korrezzjonijiet tal-bjank u tal-irkupru.
- Il-kampjuni ta' referenza li jintgħażlu biex titwettagħ il-korrezzjoni tal-irkupru għandhom ikunu rappreżentattivi tal-kampjuni tat-test, u dan ifisser li l-profilu tal-konġeneri ma għandhomx iwasslu għal sottostima tal-livelli.
- Il-kampjuni ta' referenza żejda, eż. b'0,5x u 2x il-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni jistgħu jiġu inklużi sabiex juru r-rendiment korrett tat-test fil-medda ta' interess għall-kontroll tal-livell massimu jew tal-livell ta' azzjoni. Meta jitqiegħdu flimkien, dawn il-kampjuni jistgħu jintużaw biex jiġu kkalkulati l-livelli tal-BEQ fil-kampjuni tat-test (ara l-punt 7.1.2.2).

7.3. **Determinazzjoni tal-valuri ta' limitu**

Ir-relazzjoni bejn ir-riżultati bjoanalitiċi fil-BEQ u r-riżultati minn metodi konfermatorji fit-TEQ għandha tiġi stabbilita (eż. permezz ta' esperimenti ta' kalibrazzjoni adattati għall-matriċi, li jinvolvu kampjuni ta' referenza miżjuda b'0, 0,5x, 1x u 2x il-livell massimu (ML), b'6 ripetizzjonijiet fuq kull livell (n = 24)). Il-fatturi ta' korrezzjoni (tal-bjank u tal-irkupru) jistgħu jiġu stmati permezz ta' din ir-relazzjoni iżda għandhom jiġu kkontrollati f'kull serje ta' testijiet billi jiġu inklużi bjanki tal-proċedura/tal-matriċi u kampjuni tal-irkupru (il-punt 7.2).

Il-valuri ta' limitu għandhom jiġu stabbiliti għad-deċiżjoni dwar il-konformità tal-kampjun mal-livelli massimi jew għall-kontroll tal-livelli ta' azzjoni, jekk ikun ta' interess, mal-livell massimu jew mal-livell ta' azzjoni rispettiv stabbilit, jew għall-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini waħidhom, jew għas-somma tal-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini. Dawn huma rrappreżentati mill-punti tat-tmiem *aktar baxxi* tad-distribuzzjoni tar-riżultati bjoanalitiċi (korretti għall-irkupru u inbjank) li jikkorrispondu mal-limitu ta' deċiżjoni tal-metodu konfermatorju bbażat fuq livell ta' fiduċja ta' 95 %, li jimplika rata ta' konformità falza ta' < 5 %, u fuq RSD_R ta' < 25 %. Il-limitu ta' deċiżjoni tal-metodu konfermatorju huwa l-livell massimu, filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża.

Fil-prattika, il-valur ta' limitu (fil-BEQ) jista' jiġi kkalkulat permezz tal-approċċi li ġejjin (ara l-Illustrazzjoni 1):

7.3.1. *L-użu tal-bandeġġ aktar baxx tal-intervall ta' previżjoni ta' 95 % fil-limitu ta' deċiżjoni tal-metodu konfermatorju*

$$\text{Valur ta' limitu} = \text{BEQ}_{\text{DL}} - s_{y,x} \times t_{\alpha, f = m - 2} \sqrt{1/n + 1/m + (x_i - \bar{x})^2 / Q_{xx}}$$

fejn:

BEQ _{DL}	BEQs jikkorrispondu għal-limitu ta' deċiżjoni tal-metodu konfermatorju, li huwa l-ML filwaqt li titqies l-inċertezza tal-kejl estiża
s _{y,x}	devjazzjoni standard tar-residwi
t _{α, f = m - 2}	fattur student (α = 5 %, f = gradi ta' libertà, b'naħa waħda)
m	għadd totali ta' punti ta' kalibrazzjoni (indiċi j)
n	għadd ta' ripetizzjonijiet f'kull livell

- x_i konċentrazzjoni fil-kampjun (fit-TEQ) tal-punt tal-kalibrazzjoni I ddeterminata permezz ta' metodu konfermatorju
- \bar{x} medja tal-konċentrazzjonijiet (fit-TEQ) tal-kampjuni kollha ta' kalibrazzjoni

$$Q_{xx} = \sum_{j=1}^m (x_i - \bar{x})^2 \text{ parametru tas-somma tal-kwadrti}$$

i = l-indiċi għall-punt ta' kalibrazzjoni i

- 7.3.2. Kalkolu mir-riżultati bjoanalitiċi (korretti għall-irkupru u inbjank) ta' analiżi tal-kampjuni multipla ($n \geq 6$) ikkontaminati fil-limitu ta' deċiżjoni tal-metodu konfermatorju, bħala l-punt tat-tmiem *aktar baxx* tad-distribuzzjoni tad-dejta fil-valur tal-BEQ medju korrispondenti:

$$\text{Valur ta' limitu} = \text{BEQ}_{\text{DL}} - 1,64 \times \text{SD}_R$$

fejn:


SD_R devjazzjoni standard tar-riżultati tal-biojassaġġ fil- BEQ_{DL} , imkejla f'kundizzjonijiet ta' riproduċibilità intralaboratorju

- 7.3.3. Il-kalkolu bħala l-valur medju tar-riżultati bjoanalitiċi (fil-BEQ, ikkoreġuti għall-irkupru u inbjank) mill-analiżi tal-kampjuni multipla ($n > 6$) ikkontaminati f'żewġ terzi tal-livell massimu jew tal-livell ta' azzjoni. Dan hu bbażat fuq l-osservazzjoni li dan il-livell se jkun qrib il-valur ta' limitu ddeterminat fil-punt 7.3.1 jew 7.3.2.

Il-kalkolu tal-valuri ta' limitu abbażi ta' livell ta' fiduċja ta' 95 % li jimplika rata ta' konformità falza $< 5 \%$, u $\text{RSD}_R < 25 \%$:

1. mill-bandedġ *aktar baxx* tal-intervall ta' previżjoni ta' 95 % fil-limitu ta' deċiżjoni tal-metodu konfermatorju,
2. mill-analiżi tal-kampjuni multipla ($n \geq 6$) ikkontaminati fil-limitu ta' deċiżjoni tal-metodu konfermatorju bħala l-punt tat-tmiem *aktar baxx* tad-distribuzzjoni tad-dejta (irrappreżentat fl-illustrazzjoni b'kurva b'forma ta' qanpiena) fil-valur tal-BEQ medju korrispondenti.

Illustrazzjoni 1



7.3.4. Restrizzjonijiet għall-valuri ta' limitu

Il-valuri ta' limitu msejsa fuq il-BEQ ikkalkulati mill-RSD_R miksuba waqt il-validazzjoni bl-użu ta' numru limitat ta' kampjuni bi profili ta' konġeneri/matriċi differenti jistgħu jkunu ogħla mil-livell massimu jew mil-livell ta' azzjoni msejsa fuq it-TEQ minħabba preċiżjoni aħjar minn dik miksuba f'analiżi ta' rutina fejn irid jiġi kkontrollat spettru mhux magħruf ta' profili ta' konġeneri potenzjali. F'dawn il-każijiet, il-valuri ta' limitu għandhom jiġu kkalkulati b'RSD_R = 25 %, jew preferibbilment, b'żewġ terzi tal-livell massimu jew tal-livell ta' azzjoni.

7.4. Karatteristiċi tar-rendiment

- Billi ma jista' jintuża l-ebda standard intern fil-metodi bijoanalitiċi, għandhom isiru testijiet fuq ir-ripetibbiltà sabiex tinkiseb informazzjoni dwar id-devjazzjoni standard f'serje ta' testijiet u bejniethom. Ir-ripetibbiltà għandha tkun inqas minn 20 %, u r-riproduċibilità intralaboratorju għandha tkun inqas minn 25 %. Dan għandu jkun ibbażat fuq il-livelli kkalkulati f'BEQs wara l-korrezzjoni tal-bjank u tal-irkupru.
- Bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni, it-test għandu juri distinzjoni bejn kampjun inbjank u livell fil-valur ta' limitu, kif ukoll jippermetti l-identifikazzjoni ta' kampjuni ogħla mill-valur ta' limitu korrispondenti (ara l-punt 7.1.2).
- Għandhom jiġu definiti l-komposti fil-mira, l-interferenzi potenzjali u l-livelli massimi tollerabbli inbjank.
- Id-devjazzjoni standard relattiva mfissra bħala persentaġġ fir-reazzjoni jew fil-konċentrazzjoni kkalkulata mir-reazzjoni (possibbli biss fil-medda ta' ħidma) ta' determinazzjoni tripla ta' estratt tal-kampjun, ma għandhiex tkun ogħla minn 15 %.
- Ir-riżultati mhux korretti tal-kampjun(i) ta' referenza espressi f'BEQs (inbjank u fil-livell massimu jew fil-livell ta' azzjoni) għandhom jintużaw għall-evalwazzjoni tar-rendiment tal-metodu bijoanalitiku tul perjodu ta' żmien kostanti.
- Għandhom jiġu rrekordjati u kkontrollati t-tabelli għall-kontroll tal-kwalità għall-proċeduri inbjank u għal kull tip ta' kampjun ta' referenza biex ikun żgurat li r-rendiment analitiku huwa skont ir-rekwiżiti, b'mod partikolari għall-proċeduri inbjank fir-rigward tad-differenza minima mitluba meta mqabbla mal-limitu inferjuri tal-medda ta' ħidma u għall-kampjuni ta' referenza fir-rigward tar-riproduċibilità intralaboratorju. Il-proċeduri inbjank għandhom jiġu kkontrollati sew biex meta jitnaqqsu jiġu evitati riżultati ta' konformità falza.
- Għandhom jinġabru u jintużaw ir-riżultati mill-metodi konfermatorji tal-kampjuni suspettati u bejn 2 u 10 % tal-kampjuni konformi (minimu ta' 20 kampjun għal kull matriċi) biex jiġi evalwat ir-rendiment tal-metodu ta' skrinjar u r-relazzjoni bejn il-BEQs u t-TEQs. Din il-bażi tad-dejta tista' tintuża għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-valuri ta' limitu applikabbli għall-kampjuni ta' rutina għall-matriċi vvalidati.
- Ir-rendiment b'suċċess tal-metodu jista' jintwera wkoll permezz ta' parteċipazzjoni fi provi interlaboratorji. Ir-riżultati mill-kampjuni analizzati fil-provi interlaboratorji, li jkopru sa medda ta' konċentrazzjoni ta' eż. 2x ML, jistgħu jiġu inklużi wkoll fl-evalwazzjoni tar-rata ta' konformità falza, jekk laboratorju jkun jista' juri r-rendiment b'suċċess tiegħu. Il-kampjuni għandhom ikopru l-profil tal-konġeneri l-aktar frekwenti, li jirrap-preżentaw diversi sorsi.
- F'xi każijiet, il-valuri ta' limitu jistgħu jiġu evalwati mill-ġdid, b'riflessjoni tal-matriċi speċifika u l-profil tal-konġeneri ta' dan l-inċident partikolari.

8. RAPPORTAR TAR-RIŻULTAT

Metodi konfermatorji

- Ir-riżultati analitiċi għandhom jinkludu l-livelli tal-konġeneri individwali tal-PCDD/F u tal-PCB simili għad-diossini u l-valuri tat-TEQ għandhom jiġu rrapportati bħala livell inferjuri, livell superjuri u livell medju sabiex jiġi inkluż il-massimu tal-informazzjoni fir-rapportar tar-riżultati u tkun tista' ssir l-interpretazzjoni tar-riżultati skont rekwiżiti speċifiċi.
- Ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-metodu li jkun intuża għall-estrazzjoni tal-PCDD/Fs, tal-PCBs simili għad-diossini u tal-lipidi. Il-kontenut ta' lipidi tal-kampjun għandu jiġi ddeterminat u rrapportat għall-matriċi tal-ikel b'livelli massimi espressi abbażi ta' xaħam u konċentrazzjoni ta' xaħam mistennija fil-medda ta' 0 – 2 % (b'korrispondenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti). Għal kampjuni oħra, id-determinazzjoni tal-kontenut ta' lipidi hija fakultattiva.

- L-irkupri tal-istandards interni individwali għandhom ikunu disponibbli f'każ li l-irkupri jinsabu barra mill-medda msemmija fil-punt 6.2, f'każ li jinqabeż il-livell massimu (f'dan il-każ, l-irkupri għal waħda miż-żewġ analizzijiet duplikati) u f'każijiet oħra fuq talba.
- Billi għandha titqies l-inċertezza tal-kejl estiża meta tittieħed deċiżjoni dwar il-konformità tal-kampjun, dan il-parametru għandu jkun disponibbli wkoll. Għalhekk, ir-riżultati analitiċi għandhom jiġu rrapportati bħala $x \pm U$ fejn x huwa r-riżultat analitiku u U hija l-inċertezza tal-kejl estiża bl-użu ta' fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' fiduċja ta' madwar 95 %. Fil-każ ta' determinazzjoni separata tal-PCDD/Fs u tal-PCBs simili għad-diossini, is-somma tal-inċertezza stmata estiża tar-riżultati analitiċi separati tal-PCDD/Fs u tal-PCBs simili għad-diossini għandha tintuża għas-somma tal-PCDD/Fs u l-PCBs simili għad-diossini.
- Ir-riżultati għandhom jiġu espressi bl-istess unitajiet ta' kejl u bl-istess għadd ta' ċifri sinifikanti bħalma huma tal-livelli massimi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

Metodi ta' skrinjar bjoanalitiċi

- Ir-riżultat tal-iskrinjar għandu jiġi espress bħala konformi jew suspettat li hu nonkonformi ("suspettat").
- Barra minn hekk, jista' jingħata riżultat indikattiv għall-PCDD/Fs u/jew għall-PCBs simili għad-diossini f'BEQ (mhux TEQ) (ara l-punt 1). Il-kampjuni b'reazzjoni taħt il-limitu ta' rappurtar għandhom jiġu espressi bħala taħt il-limitu ta' rappurtar. Il-kampjuni b'reazzjoni 'l fuq mill-medda ta' ħidma għandhom jiġu rrapportati bħala li jaqbuż l-medda tal-ħidma u l-livell korrispondenti għal-limitu superjuri tal-medda tal-ħidma għandu jingħata f'BEQ.
- Għal kull tip ta' matriċi tal-kampjun, ir-rapport għandu jsemmi l-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni li fuqu hija bbażata l-evalwazzjoni.
- Ir-rapport għandu jsemmi t-tip ta' test applikat, il-prinċipju bażiku tat-test u t-tip ta' kalibrizzjoni.
- Ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-metodu użat għall-estrazzjoni tal-PCDD/Fs, tal-PCBs simili għad-diossini u tal-lipidi. Il-kontenut ta' lipidi tal-kampjun għandu jiġi ddeterminat u rrapportat għall-matriċi tal-ikel b'livelli massimi espressi abbażi ta' xaħam u b'konċentrazzjoni ta' xaħam mistennija fil-medda ta' 0 – 2 % (skont il-leġiżlazzjoni eżistenti). Għal kampjuni oħrajn, id-determinazzjoni tal-kontenut ta' lipidi hija fakultattiva.
- F'każ ta' kampjuni suspettati li huma nonkonformi, ir-rapport irid jinkludi nota dwar l-azzjoni li trid tittieħed. Il-konċentrazzjoni ta' PCDD/Fs u s-somma ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini f'dawk il-kampjuni b'livelli għoljin jeħtieġ li tiġi ddeterminata/kkonfermata b'metodu konfermatorju.
- Ir-riżultati nonkonformi għandhom jiġu rrapportati biss minn analiżi konfermatorja.

Metodi ta' skrinjar fiżiko-kimiċi

- Ir-riżultat tal-iskrinjar għandu jiġi espress bħala konformi jew suspettat li hu nonkonformi ("suspettat").
- Għal kull tip ta' matriċi tal-kampjun, ir-rapport għandu jsemmi l-livell massimu jew il-livell ta' azzjoni li fuqu hija bbażata l-evalwazzjoni.
- Barra minn hekk, jistgħu jingħataw il-livelli għal konġeneri individwali tal-PCDD/Fs u/jew tal-PCBs simili għad-diossini u l-valuri tat-TEQ irrappurtati bħala livell inferjuri, livell superjuri u livell medju. Ir-riżultati għandhom jiġu espressi bl-istess unitajiet ta' kejl u (tal-anqas) bl-istess għadd ta' ċifri sinifikanti bħalma huma tal-livelli massimi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.
- L-irkupri tal-istandards interni individwali għandhom ikunu disponibbli f'każ li l-irkupri jkun barra mill-medda msemmija fil-punt 6.2 u f'każijiet oħra fuq talba.
- Ir-rapport għandu jsemmi t-tip ta' metodu GC-MS applikat.
- Ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-metodu użat għall-estrazzjoni tal-PCDD/Fs, tal-PCBs simili għad-diossini u tal-lipidi. Il-kontenut ta' lipidi fil-kampjun għandu jiġi ddeterminat u rrapportat għall-matriċi tal-ikel b'livelli massimi espressi abbażi ta' xaħam u b'konċentrazzjoni ta' xaħam mistennija fil-medda ta' 0 – 2 % (skont il-leġiżlazzjoni eżistenti). Għal kampjuni oħra, id-determinazzjoni tal-kontenut ta' lipidi hija fakultattiva.

-
- F'każ ta' kampjuni li dwarhom ikun hemm suspett li ma humiex konformi, ir-rapport għandu jinkludi nota dwar l-azzjoni li għandha tittieħed. Il-konċentrazzjoni ta' PCDD/Fs u s-somma ta' PCDD/Fs u PCBs simili għad-diossini fil-kampjuni b'livelli għoljin jeħtieġ li jiġu ddeterminati/kkonfermati b'metodu konfermatorju.
 - In-nonkonformità tista' tiġi deċiża biss wara analiżi konfermatorja.
-

Appendiċi

WHO-TEFs għall-valutazzjoni tar-riskju għall-bnedmin abbażi tal-konklużjonijiet tal-laqgħa ta' esperti tal-Programm Internazzjonali dwar is-Sigurtà tas-Sustanzi Kimiċi (IPCS) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li saret f'Ġinevra f'Ġunju 2005 ⁽¹⁾

Konġeneru	Valur TEF	Konġeneru	Valur TEF
Dibenzo-p-diossini ("PCDDs")		PCBs "simili għad-diossini"	
		PCBs non-orto + PCBs mono-orto	
2,3,7,8-TCDD	1		
1,2,3,7,8-PeCDD	1	PCBs non-orto	
1,2,3,4,7,8-HxCDD	0,1	PCB 77	0,0001
1,2,3,6,7,8-HxCDD	0,1	PCB 81	0,0003
1,2,3,7,8,9-HxCDD	0,1	PCB 126	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDD	0,01	PCB 169	0,03
OCDD	0,0003		
Dibenżofurani ("PCDFs")		PCBs Mono-orto	
2,3,7,8-TCDF	0,1	PCB 105	0,00003
1,2,3,7,8-PeCDF	0,03	PCB 114	0,00003
2,3,4,7,8-PeCDF	0,3	PCB 118	0,00003
1,2,3,4,7,8-HxCDF	0,1	PCB 123	0,00003
1,2,3,6,7,8-HxCDF	0,1	PCB 156	0,00003
1,2,3,7,8,9-HxCDF	0,1	PCB 157	0,00003
2,3,4,6,7,8-HxCDF	0,1	PCB 167	0,00003
1,2,3,4,6,7,8-HpCDF	0,01	PCB 189	0,00003
1,2,3,4,7,8,9-HpCDF	0,01		
OCDF	0,0003		
Abbrevjazzjonijiet użati: "T" = tetra; "Pe" = penta; "Hx" = eżxa; "Hp" = etta; "O" = otta; "CDD" = klorodibenżodiossina; "CDF" = klorodibenżofuran; "CB" = klorobifenil.			

⁽¹⁾ Martin van den Berg et al., The 2005 World Health Organization Re-evaluation of Human and Mammalian Toxic Equivalency Factors for Dioxins and Dioxin-like Compounds. *Toxicological Sciences* 93(2), 223–241 (2006).

ANNEX IV

THEJJJA TAL-KAMPJUNI U REKWIŻITI GĦALL-METODI TAL-ANALIŻI UŻATI FIL-KONTROLL TAL-LIVELLI TA' PCBs
MHUX SIMILI GĦAD-DIOSSINI F'ĊERTI OĠĠETTI TAL-IKEL

Ir-reqwiziti stabbiliti f'dan l-Anness għandhom jiġu applikati meta l-oġġetti tal-ikel jiġu analizzati għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' PCBs mhux simili għad-diossini u fir-rigward tat-thejjja ta' kampjuni u reqwiziti analitiċi għal finijiet regolatorji oħra, inkluż il-kontrolli li jitwettqu mill-operaturi ta' negozji alimentari biex tkun żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

Id-dispożizzjonijiet dwar it-thejjja tal-kampjuni previsti fil-punt 3 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandhom ukoll ikunu applikabbli għall-kontroll tal-livelli ta' PCBs mhux simili għad-diossini fl-ikel.

1. Metodi ta' detezzjoni applikabbli:

Il-kromatografija b'fażi gassuża/Detezzjoni tal-Qabda tal-Elettron (GC/ECD), GC/LRMS, GC/MS-MS, GC/HRMS jew metodi ekwivalenti.

2. Identifikazzjoni u konferma tal-analiti ta' interess:

- Ħin ta' żamma relattiv b'rabta mal-istandards interni jew standards ta' referenza (devjazzjoni aċċettabbli ta' $\pm 0,25$ %).
- Għandha tiġi kkonfermata s-separazzjoni permezz ta' kromatografija b' fażi gassuża tal-PCBs mhux simili għad-diossini (minn sustanzi ta' tfixkil, speċjalment PCBs ta' koelużjoni, b'mod partikolari jekk il-livelli tal-kampjuni jkunu fil-medda tal-limiti legali u n-nonkonformità għadha trid tiġi kkonfermata ⁽¹⁾).
- Għal tekniki GC/MS:
 - Monitoraġġ ta' mill-inqas l-għadd li ġej ta' joni molekulari jew joni karatteristiċi mir-raggruppament molekulari:
 - żewġ joni speċifiċi għall-HRMS,
 - tliet joni speċifiċi għal LRMS,
 - żewġ joni prekursori speċifiċi, kull wieħed b'jon tal-prodott ta' tranżizzjoni korrispondenti speċifiku għal MS-MS.
 - Tolleranzi massimi permessi għall-proporzjonijiet ta' abbondanza għall-frammenti ta' mases magħżula:
Id-devjazzjoni relattiva tal-proporzjon ta' abbondanza tal-frammenti ta' massa magħżula minn abbondanza teoretika jew standard ta' kalibrizzjoni għall-jon fil-mira (il-jon l-aktar abbundanti mmonitorjat) tal-jon jew joni kwalifikaturi: ± 15 %.
- Għal GC/ECD:
Konferma tar-riżultati li jaqbu l-livell massimu b'żewġ kolonni GC b'fażijiet stazzjonarji ta' polarità differenti.

3. Dimostrazzjoni tar-rendiment tal-metodu:

Il-validazzjoni fil-medda tal-livell massimu (0,5 sa darbtejn il-livell massimu) b'koeffiċjent ta' varjazzjoni aċċettabbli għal analiżi ripetuta (ara r-reqwiziti għall-preċiżjoni intermedja fil-punt 8).

4. Limitu ta' kwantifikazzjoni:

Is-somma tal-LOQs ⁽²⁾ tal-PCBs mhux simili għad-diossini ma għandux ikun ogħla minn terz tal-livell massimu ⁽³⁾.

5. Kontroll tal-kwalità:

Il-kontrolli inbjank regolari, l-analiżi ta' kampjuni miżjuda, il-kampjuni ta' kontroll tal-kwalità, il-parteċipazzjoni fi studji interlaboratorji dwar matriċijiet rilevanti.

⁽¹⁾ Il-konġeneri li ħafna drabi jkunu f'koelużjoni huma eż. PCB 28/31, PCB 52/69 u PCB 138/163/164. Fir-rigward tal-GC/MS għandhom jitqiesu wkoll interferenzi potenzjali minn frammenti ta' konġeneri aktar klorinati.

⁽²⁾ Il-prinċipji kif deskritti fil-"Guidance Document on the Estimation of LOD and LOQ for Measurements in the Field of Contaminants in Feed and Food" (id-Dokument ta' Gwida dwar l-Istima ta' LOD u LOQ għall-Kejl fil-Qasam tal-Kontaminanti fl-Għalf u l-Ikel) [link to website] għandhom jiġu segwiti meta applikabbli.

⁽³⁾ Huwa rrakkomandat ħafna li jkun hemm kontribuzzjoni aktar baxxa tal-livell tar-reaġent inbjank minn dik tal-livell ta' kontaminant f'kampjun. Il-laboratorju huwa responsabbli għall-kontroll tal-varjazzjoni tal-livelli inbjank, b'mod partikolari, jekk il-livelli inbjank jinaqqsu.

6. Kontroll tal-irkupri:

- L-użu ta' standards interni xierqa bi proprjetajiet fiżikokimiċi komparabbli mal-analiti ta' interess.
- Iż-żieda ta' standards interni:
 - Iż-żieda mal-prodotti (qabel il-proċess ta' estrazzjoni u tindif);
 - Hi possibbli wkoll iż-żieda max-xaħam estratt (qabel il-proċess ta' tindif), jekk il-livell massimu jkun espress abbażi ta' xaħam.
- Ir-rekwiżiti għall-metodi li jużaw is-sitt konġeneri kollha tal-PCBs mhux simili għad-diossini ttikkettati b'isotopu:
 - Il-korrezzjoni tar-riżultati għall-irkupri tal-istandards interni,
 - L-irkupri ġeneralment aċċettabbli tal-istandards interni ttikkettati b'isotopu huma bejn 60 u 120 %,
 - Irkupri anqas jew aktar għal konġeneri individwali b'kontribuzzjoni għas-somma tal-PCBs mhux simili għad-diossini taħt 1-10 % huma aċċettabbli.
- Rekwiżiti għall-metodi li ma jużawx is-sitt standards interni kollha ttikkettati b'isotopu jew standards interni oħra:
 - Il-kontroll tal-irkupru tal-istandard(s) intern(i) għal kull kampjun,
 - L-irkupri aċċettabbli tal-istandard(s) intern(i) bejn 60 u 120 %,
 - Il-korrezzjoni tar-riżultati għall-irkupri tal-istandards interni.
- L-irkupri tal-konġeneri mhux ittikkettati għandhom jiġu vverifikati permezz ta' kampjuni miżjuda jew kampjuni ta' kontroll tal-kwalità b'konċentrazzjonijiet fil-medda tal-livell massimu. L-irkupri aċċettabbli għal dawn il-konġeneri huma bejn 60 u 120 %.

7. Rekwiżiti għal-laboratorji:

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-laboratorji għandhom jiġu akkreditati minn korp rikonoxxut li jaħdem skont il-Gwida ISO 58 biex jiżgura li dawn qegħdin japplikaw assigurazzjoni ta' kwalità analitika. Il-laboratorji għandhom jiġu akkreditati billi jiġi segwit l-istandard EN ISO/IEC 17025. Barra minn hekk, il-prinċipji kif deskritti fil-Linji Gwida Tekniċi għall-istima tal-incerterza tal-kejl u l-limiti ta' kwantifikazzjoni għall-analiżi tal-PCBs għandhom jiġu segwiti meta applikabbli ⁽¹⁾.

8. Karatteristiċi tar-rendiment: Kriterji għas-somma tal-PCBs mhux simili għad-diossini fil-livell massimu:

	Dilwizzjoni ta' isotopi bi spettrometrija ta' massa (*)	Tekniki oħrajn
Eżattezza	- 20 sa + 20 %	- 30 sa + 30 %
Preċiżjoni intermedja (RSD _R)	≤ 15 %	≤ 20 %
Differenza bejn il-kalkolu tal-livell superjuri u dak tal-livell inferjuri	≤ 20 %	≤ 20 %

(*) Huwa meħtieġ l-użu tas-sitt analogi kollha ttikkettati ¹³C bħala standards interni

9. Rappurtar tar-riżultati

- Ir-riżultati analitiċi għandhom jinkludu l-livelli tal-konġeneri individwali tal-PCBs mhux simili għad-diossini u s-somma tal-PCBs mhux simili għad-diossini, irrappurtati bħala livell inferjuri, livell superjuri u livell medju sabiex jiġi inkluż il-massimu tal-informazzjoni fir-rappurtar tar-riżultati u b'hekk tkun tista' ssir l-interpretazzjoni tar-riżultati skont ir-rekwiżiti speċifiċi.

⁽¹⁾ "Guidance Document on Measurement Uncertainty for Laboratories performing PCDD/F and PCB Analysis using Isotope Dilution Mass Spectrometry" [link to website], "Guidance Document on the Estimation of LOD and LOQ for Measurements in the Field of Contaminants in Feed and Food" [link to website].

- Ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-metodu użat għall-estrazzjoni tal-PCBs u tal-lipidi. Il-kontenut ta' lipidi tal-kampjun għandu jiġi ddeterminat u rrapportat għall-matriċi tal-ikel b'livelli massimi espressi abbażi ta' xaħam u b'konċentrazzjoni ta' xaħam mistennija fil-medda ta' 0 — 2 % (skont il-leġiżlazzjoni eżistenti). Għal kampjuni oħra, id-determinazzjoni tal-kontenut ta' lipidi hija fakultattiva.
 - L-irkupri tal-istandards interni individwali għandhom ikunu disponibbli f'każ li l-irkupri jkunu barra mill-medda msemmija fil-punt 6, f'każ li l-livell massimu jinqabeż, u f'każijiet oħra meta dawn jintalbu.
 - Peress li fid-deċiżjoni dwar il-konformità ta' kampjun għandha titqies l-inċertezza tal-kejl estiża, dak il-parametru għandu jkun disponibbli wkoll. Għalhekk, ir-riżultati analitiċi għandhom jiġu rrapportati bħala $x \pm U$ fejn x huwa r-riżultat analitiku u U hija l-inċertezza tal-kejl estiża bl-użu ta' fattur ta' kopertura ta' 2 li jagħti livell ta' fiduċja ta' madwar 95 %.
 - Ir-riżultati għandhom jiġu espressi bl-istess unitajiet ta' kejl u bl-istess għadd ta' ċifri sinifikanti bħal-livelli massimi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.
-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/645**tal-5 ta' April 2017****li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Latvjana tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 li jstabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Sar żball fil-verżjoni tal-lingwa Latvjana tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 ⁽²⁾ kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2013 ⁽³⁾. Għalhekk hemm bżonn ta' korrezzjoni fit-test tan-noti ta' qiegħ il-paġna fit-tabelli tal-punti 5.1.1, 5.1.3 u 5.1.5 fl-Anness I fil-verżjoni tal-lingwa Latvjana tar-Regolament (KE) Nru 152/2009. Il-verżjonijiet tal-lingwi l-oħrajn mhumiex affettwati.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 152/2009 għandu għalhekk jiġi kkoreġut skont dan.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjoni tal-lingwa Latvjana.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2013 tad-19 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 152/2009 dwar metodi ta' kampjunar u analiżi (ĠU L 197, 20.7.2013, p. 1).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/646**tal-5 ta' April 2017**

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/378 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-implimentazzjoni għall-ikklerjar tal-proċedura ta' kontijiet u fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-ikklerjar tal-konformità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(6) tiegħu,

Billi:

- (1) L-ewwel eżerċizzju ta' kkerjar tal-kontijiet annwali mwettqa skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/378 ⁽²⁾ enfasizza l-hteġa li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni ta' ammonti ta' prefinanzjament annwali li mhumiex totalment ikkerjati mill-kontijiet annwali ppreżentati.
- (2) Hemm bżonn li jiġu stabbiliti arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-approvazzjoni tal-konformità u b'mod partikolari r-regoli dettaljati dwar il-kriterji għad-determinazzjoni tal-livell ta' korrezzjoni finanzjarja li l-Kummissjoni tista' tapplika skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 wara li tintemm din il-proċedura.
- (3) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt u t-trattament indaqs tal-Istati Membri, huwa essenzjali li jiġu ċċarati l-kriterji għad-determinazzjoni tan-nuqqasijiet serji fil-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, li jiġu ddefiniti t-tipi ewlenin ta' dawn in-nuqqasijiet u li jiġu stabbiliti l-kriterji għad-determinazzjoni tal-livell ta' korrezzjoni finanzjarja.
- (4) Għaldaqstant ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/378 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat "għall-Fondi għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u s-Sigurtà Interna",

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/378 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta l-ammont aċċettat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja N ikun inqas mill-ammont ta' prefinanzjament annwali għas-sena finanzjarja N, dan l-ammont għandu jiġi approvat billi jitnaqqas mill-ewwel ammont. Kull ammont pendenti ta' prefinanzjament għandu jiġi approvat matul eżerċizzji tal-approvazzjoni sussegwenti.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jippreżenta l-kontijiet annwali li jiddikjaraw pagament żero."

(b) Jitħassar il-paragrafu 7.

⁽¹⁾ ĠUL 150, 20.5.2014, p. 112.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/378 tat-2 ta' Marzu 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-implimentazzjoni għall-ikklerjar tal-proċedura ta' kontijiet u fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-ikklerjar tal-konformità (ĠUL 64, 7.3.2015, p. 30).

(2) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 3a

Kriterji biex jiġu stabbiliti nuqqasijiet serji fil-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

1. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fuq ir-riżultati tal-verifiki u kontrolli disponibbli kollha mwettqa mill-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni u mill-Qorti tal-Awdituri, ir-riżultati tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jew kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-konformità mal-kriterji tal-ħatra msemmija fl-Artikolu 2(1) ir-Regolament (UE) Nru 1042/2014 (*).

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tkopri l-ambjent ta' kontroll intern tal-programm nazzjonali, l-attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll tal-Awtorità Responsabbli, u l-attivitajiet ta' kontroll u awditjar tal-Awtorità tal-Awditjar u għandha tkun ibbażata fuq il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness.

2. Il-konformità mar-rekwiżiti ewlenin imsemmija fil-paragrafu 1 skont il-kategoriji stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness għandha tintuża biex jiġi vvalutat il-funzjonament effettiv ta' kull awtorità kompetenti u biex tintlaħaq konklużjoni ġenerali dwar is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll. Għandu jitqies kull fattur mitiganti jew aggravanti fil-konklużjoni ġenerali dwar is-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

3. Fejn jiġi vvalutat li xi wieħed mir-rekwiżiti prinċipali 2, 4, 5, 8, 11, 12 jew 14 fit-Tabella 1 tal-Anness, jew tnejn jew aktar mir-rekwiżiti prinċipali l-oħra f'dik it-Tabella jaqgħu fil-kategoriji 3 jew 4 stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness, dan għandu jitqies bħala tip ta' nuqqas serju fil-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

Artikolu 3b

Kriterji għall-applikazzjoni u għad-determinazzjoni tal-livell ta' korrezzjonijiet finanzjarji

1. Il-Kummissjoni għandha tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn tidentifika irregolarità individwali jew sistemika jew aktar minn waħda jew defiċjenza waħda jew aktar fil-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll (“defiċjenzi sistemiċi”).

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, irregolarità tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali jew kwalunkwe ksur tar-regoli nazzjonali li jirriżulta minn att jew minn ommissjoni min-naħa ta' benefiċjarju jew benefiċjarji li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jipprevedika l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea billi jitlob mingħandha ħlas għal element ta' nefqa mhux iġġustifikat.

L-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ fejn ikun possibbli u għandu jkun ekwivalenti għall-ammont eżatt tan-nefqa mitluba inġustament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Fejn il-Kummissjoni tidentifika irregolaritajiet f'kampjun rappreżentattiv tal-infiq fi programm nazzjonali jew f'parti minnu, iżda ma jkunx kosteffikaċi li wieħed jivverifika r-regolarità tal-infiq l-ieħor, il-korrezzjoni tista' tiġi ddeterminata billi jiġu estrapolati r-riżultati tal-eżami tal-kampjun għall-bqija tal-popolazzjoni minn fejn ikun ittieħed.

Meta l-Kummissjoni tidentifika irregolaritajiet sistemiċi jew nuqqasijiet fis-sistema iżda fejn mhux possibbli, anki permezz tal-estrapolazzjoni, li tikkwantifika l-korrezzjoni b'mod preċiż, korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa għandha tiġi applikata għan-nefqa ddikjarata għal dik il-parti tas-sistema li tkun ġiet affettwata skont il-kriterji indikattivi u l-iskali stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

Korrezzjonijiet b'rata fissa jistgħu jkunu applikati wkoll fuq irregolaritajiet individwali.

2. Il-livell ta' korrezzjoni b'rata fissa għandu jiġi stabbilit filwaqt li jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(a) il-grad tal-gravità tal-irregolarità jew in-nuqqas tas-sistema fil-kuntest tas-sistema ġenerali jew parti minnha, jew li t-tipi ta' nefqa ddikjarata;

(b) tal-grad tar-riskju tat-telf li għalih kien espost il-baġit tal-UE b'riżultat tal-irregolarità jew in-nuqqas tas-sistema;

- (c) il-vulnerabbiltà għal frodi fl-infiq minħabba l-irregolarità jew in-nuqqas tas-sistema;
- (d) kull fattur mitiganti jew aggravanti.

3. Il-livell ta' korrezzjoni għandu jiġi determinat kif ġej:

- (a) fejn l-irregolarità jew l-irregolaritajiet jew id-defiċjenza jew id-defiċjenzi fis-sistema hija jew huma tant fundamentali, frekwenti jew mifruxin li jirrappreżentaw falliment totali tas-sistema, liema falliment ipoġġi friskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa kollha kkonċernata, għandha tiġi applikata rata fissa ta' 100 %.
- (b) fejn l-irregolarità jew l-irregolaritajiet jew id-defiċjenza jew id-defiċjenzi fis-sistema hija jew huma tant frekwenti jew mifruxin li jirrappreżentaw falliment serju tas-sistema, liema falliment ipoġġi friskju l-legalità u r-regolarità ta' proporzjon għoli ħafna min-nefqa kkonċernata, għandha tiġi applikata rata fissa ta' 25 %;
- (c) fejn l-irregolarità jew l-irregolaritajiet jew id-defiċjenza jew id-defiċjenzi fis-sistema hija jew huma dovuti għall-fatt li s-sistema qed tiffunzjona parzjalment, b'mod tant ħażin jew b'mod mhux frekwenti li tpoġġi friskju l-legalità u r-regolarità ta' proporzjon għoli mill-infiq ikkonċernat, għandha tiġi applikata rata fissa ta' 10 %;
- (d) fejn l-irregolarità jew l-irregolaritajiet jew id-defiċjenza jew id-defiċjenzi fis-sistema hija jew huma dovuti għall-fatt li s-sistema qed tiffunzjona b'mod inkonsistenti u b'hekk tpoġġi friskju l-legalità u r-regolarità ta' proporzjon sinifikanti min-nefqa kkonċernata, għandha tiġi applikata rata fissa ta' 5 %.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-rata tista' tiġi mnaqqsa għal 2 % fejn in-natura u l-gravità tal-irregolarità jew in-nuqqas tas-sistema ma jkunux ikkunsidrati bħala li jiġġustifikaw rata ta' korrezzjoni ta' 5 %.

4. Fejn, minħabba nuqqas tal-awtorità kompetenti li tiegħu miżuri korrettivi adegwati wara l-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja f'sena tal-kontabbiltà, l-istess irregolarità jew irregolaritajiet jew defiċjenza jew defiċjenzi jiġu identifikati f'sena tal-kontabbiltà sussegwenti, ir-rata ta' korrezzjoni tista', minħabba l-persistenza tal-irregolarità jew irregolaritajiet, tiżdied għal livell li ma jaqbix dak tal-kategorija ogħla li jmiss fl-iskala stabbilita fil-paragrafu 3.

(*) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1042/2014 tal-25 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 514/2014 fir-rigward tar-responsabbiltajiet tan-nomina u tal-ġestjoni u tal-kontroll ta' Awtoritajiet Responsabbli u fir-rigward tal-istatus u tal-obbligi tal-Awtoritajiet tal-Awditar (ĠU L 289, 3.10.2014, p. 3)."

(3) Qed jiżdied anness ġdid kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

"ANNEX

Rekwiżiti ewlenin tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-klassifikazzjoni tagħhom rigward it-tħaddim effettiv tagħhom

(kif imsemmi fl-Artikolu 3a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/378)

Tabella 1

Rekwiżiti ewlenin

	Rekwiżiti ewlenin tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll	Korpi/awtoritajiet ikkonċernati	Kamp ta' applikazzjoni
1	Deskrizzjoni adegwata u separazzjoni tal-funzjonijiet u sistemi adegwati għar-rapportar u l-monitoraġġ f'każijiet fejn l-Awtorità Responsabbli tinkariga t-tweqqif tal-kom-piti lil korp ieħor	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Ambjent intern
2	Għażla xierqa tal-proġetti	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Attivitajiet ta' kontroll
3	Informazzjoni adegwata lill-benefiċjarji, benefiċjarji po-tenzjali u l-pubbliku	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Informazzjoni u komunikazzjoni interna
4	Kontrolli adegwati	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Attivitajiet ta' kontroll
5	Sistemi u proċeduri effettivi biex jiġi żgurat li jin-żammu d-dokumenti kollha dwar l-infiq u l-awditjar sabiex ikun żgurat rekord adegwat tal-awditjar	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Attivitajiet ta' kontroll
6	Sistemi kompjuterizzati affidabbli għall-kontabbiltà, għall-ħżin u t-trasmissjoni ta' data finanzjarja u data dwar indi-katuri, għall-monitoraġġ u għar-rapportar	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Attivitajiet ta' kontroll/ Informazzjoni u komunikazzjoni interna
7	Implimentazzjoni effettiva ta' proċeduri għall-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet, in-klużi miżuri proporzjonati kontra l-frodi	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Attivitajiet ta' kontroll
8	Proċeduri xierqa għat-tfassil tal-kontijiet annwali, tad-dikjarazzjoni tal-maniġment u tas-sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli mwettqa	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Attivitajiet ta' kontroll
9	Rendikont xieraq u komplut tal-ammonti rekuperabbli, dawk irkuprati u dawk ikkanċellati	Awtorità Responsabbli/ Awtorità Delegata	Attivitajiet ta' kontroll
10	Deskrizzjoni adegwata u separazzjoni tal-funzjonijiet, l-in-dipendenza funzjonali mill-Awtorità Responsabbli u sis-temi adegwati biex jiżguraw li kwalunkwe entità oħra li twettaq awditjar ikollha l-indipendenza funzjonali meh-tieġa u tqis l-istandards tal-awditjar tal-kontijiet aċċettati internazzjonalment	Awtorità tal-Awditjar	Ambjent intern

	Rekwiżiti ewlenin tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll	Korpi/awtoritajiet ikkonċernati	Kamp ta' applikazzjoni
11	Awditi adegwati tas-sistemi	Awtorità tal-Awditjar	Attivitajiet ta' kontroll
12	Awditi adegwati tan-nefqa	Awtorità tal-Awditjar	Attivitajiet ta' kontroll
13	Awditi adegwati tal-kontijiet	Awtorità tal-Awditjar	Attivitajiet ta' kontroll
14	Proċeduri adegwati sabiex tingħata opinjoni affidabbli tal-awditi u għat-tħejjija tar-rapporti	Awtorità tal-Awditjar	Attivitajiet ta' kontroll

Tabella 2

Klassifikazzjoni tar-rekwiżiti ewlenin għas-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll fir-rigward tal-funzjonament effettiv tagħhom

Kategorija 1	Taħdem sew. Le jew hemm bżonn biss ta' xi titjib minuri.
Kategorija 2	Taħdem. Huwa meħtieġ xi titjib
Kategorija 3	Taħdem parzjalment. Hemm bżonn ta' titjib sostanzjali
Kategorija 4	Essenzjalment ma taħdimx"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/647

tal-5 ta' April 2017

li jadotta miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq tal-laħam tal-majjal fil-Polonja b'rabta ma' ċerti majjali nisa u majjali oħrajn li nqatlu mill-1 ta' Awwissu sat-30 ta' Novembru 2016

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 220(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Bejn l-1 ta' Awwissu u t-30 ta' Settembru 2016 il-Polonja kkonfermat li kien hemm sensiela ta' tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer marbutin mal-fattur uman, u għarrfet lill-Kummissjoni b'dan. L-epidemija kienet partikolarment gravi minħabba li ġie kkonfermat li kien hemm il-vajrus f'diversi azjendi li jrabbu l-ħnieżer domestiċi f'żona ġeografika relattivament wiesgħa.
- (2) Il-Polonja mill-ewwel ħadet il-miżuri li kien hemm b'żonn marbutin mas-saħħa tal-annimali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE ⁽²⁾ li tistabbilixxi l-miżuri minimi li għandhom jiġu applikati fl-Unjoni għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer. B'mod partikulari, il-Polonja ħadet miżuri ta' kontroll, ta' monitoraġġ u ta' prevenzjoni skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE ⁽³⁾, kif emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1236 ⁽⁴⁾, (UE) 2016/1372 ⁽⁵⁾, (UE) 2016/1405 ⁽⁶⁾ u (UE) 2016/1900 ⁽⁷⁾, u stabbiliet żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1367 ⁽⁸⁾ u (UE) 2016/1406 ⁽⁹⁾.
- (3) Barra minn hekk, sabiex tevita li jkompli jinfirex id-deni Afrikan tal-ħnieżer u sabiex tevita aktar xkiel għall-kummerċ fil-Polonja u l-barra minnha, il-Polonja implimentat xi miżuri preventivi oħrajn fiż-żoni kkonċernati. B'mod partikulari, ġew implimentati miżuri ta' sorveljanza aktar stretti għall-moviment u t-trasport tal-ħnieżer u ġew implimentati restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-ħnieżer fis-suq domestiku li jmorru lil hinn minn dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE.
- (4) Billi applikat dawk il-miżuri, il-Polonja rnexxiha tevita li tkompli tinfirex din il-marda. Il-miżuri nazzjonali u tal-Unjoni marbutin mas-saħħa ġew applikati sat-18 ta' Novembru 2016 fl-azjendi kollha rilevanti.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieq u temenda id-Direttiva 92/119/KEE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieq (ĠUL 192, 20.7.2002, p. 27).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠUL 295, 11.10.2014, p. 63).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1236 tas-27 ta' Lulju 2016 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri, fir-rigward tal-entrati għall-Estonja, għal-Latvja, għal-Litwanja u għall-Polonja (ĠUL 202, 28.7.2016, p. 45).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1372 tal-10 ta' Awwissu 2016 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri, fir-rigward tal-entrati għal-Latvja u għall-Polonja (ĠUL 217, 12.8.2016, p. 38).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1405 tat-22 ta' Awwissu 2016 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri (ĠUL 228, 23.8.2016, p. 33).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1900 tas-26 ta' Ottubru 2016 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri, fir-rigward tal-entrati għall-Estonja, għal-Latvja u għall-Polonja (ĠUL 293, 28.10.2016, p. 46).

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1367 tal-10 ta' Awwissu 2016 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Polonja (ĠUL 216, 11.8.2016, p. 26).

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1406 tat-22 ta' Awwissu 2016 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Polonja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1367 (ĠUL 228, 23.8.2016, p. 46).

- (5) Il-Polonja għarrfet lill-Kummissjoni li daww il-miżuri laqtu għadd kbir ħafna ta' azjendi li jrabbu l-ħnieżer u li l-produtturi kkonċernati ġarrbu telf ta' dhuw li mhux eliġibbli għall-kontribut finanzjarju mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. Fl-4 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet talba formali għall-finanzjament parzjali ta' ċerti miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ mingħand il-Polonja skont l-Artikolu 220(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (6) Għall-ħnieżer imrobbija fiż-żoni kkonċernati, l-għajnuna għandha tingħata biss għall-annimali maqtula. L-ammont tal-għajnuna li għandu jingħata għall-annimali maqtula għandu jingħata bħala ammont għal kull kilogramm għal għadd limitat ta' annimali. L-ammont tal-għajnuna għandu jiġi stabbilit billi jitqiesu l-prezzijiet kif miġburin mill-Polonja kif ukoll billi titqies l-informazzjoni li tinsab fuq il-fatturi li hija marbuta mal-prezzijiet li fil-fatt tħallsu lill-produtturi miż-żoni li fihom ittieħdu l-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali.
- (7) Fid-dawl tal-informazzjoni li baġtet il-Polonja, l-għadd massimu ta' annimali eliġibbli għall-finanzjament għandu jiġi stabbilit abbażi tat-talba li għamel dak l-Istat Membru.
- (8) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' finanzjament doppju, jenħtieġ li t-telf imġarrab ma jkunx ġie kkompensat b'għajnuna mill-Istat jew b'assigurazzjoni u jenħtieġ li l-għajnuna tkun limitata għall-annimali eliġibbli li għalihom ma jkun ingħata l-ebda kontribut finanzjarju mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014.
- (9) Jenħtieġ li jkun previst li l-awtoritajiet kompetenti tal-Polonja jieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn u jwettqu l-verifiki kollha meħtieġa u jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan kif xieraq. B'mod partikulari, daww il-verifiki għandhom jinkludu verifiki *ex ante* dwar l-eliġibbiltà u l-korrettezza tat-talba għall-għajnuna.
- (10) Jenħtieġ li l-livell u t-tul ta' żmien tal-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq previsti f'dan ir-Regolament ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġi appoġġat is-suq. B'mod partikulari, jenħtieġ li l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq japplikaw biss għat-trobbija tal-ħnieżer fl-azjendi li jinsabu fiż-żoni delimitati rilevanti li kienu suġġetti għall-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni Pollakka rilevanti għat-tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu u t-18 ta' Novembru 2016.
- (11) Ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment u t-trasport tal-ħnieżer ilhom jiġu applikati għal diversi ġimgħat fiż-żoni kkonċernati u din is-sitwazzjoni xekklet is-suq u gābet tnaqqis kbir fil-prezzijiet u telf kbir għall-produtturi, kif ukoll żiedet b'mod sostanzjali l-piż tal-annimali u allura l-benesseri tal-annimali ġie fqagħda intollerabbli. Għalhekk, il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom ikopru lill-annimali li twasslu fil-biċċerija mill-1 ta' Awwissu sat-30 ta' Novembru.
- (12) Għal raġunijiet ta' ġestjoni baġitarja soda ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq u ta' ħlas f'waqtu lill-produtturi, jenħtieġ li l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ⁽²⁾ ma jkunx japplika u li l-ħlasijiet li l-Polonja tagħmel lill-benefiċjarji wara t-30 ta' Settembru 2017 ma jkunux eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni.
- (13) Jenħtieġ li l-Polonja tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti sabiex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-kontroll finanzjarju tagħha.
- (14) Minħabba li r-restrizzjonijiet marbutin mat-tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer daħlu fis-seħħ f'dati differenti fiż-żoni kkonċernati u minħabba li dan ir-Regolament ma jipprevedix skadenza sa meta għandhom isiru t-talbiet għall-għajnuna, huwa xieraq li d-data tad-dhuw fis-seħħ ta' dan ir-Regolament titqies bħala d-data msemmija fl-Artikolu 29(4) tar-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014.
- (15) Sabiex ikun żgurat li l-Polonja timplimenta dawn il-miżuri b'mod immedjat, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-Polonja hija awtorizzata tagħti għajna lill-produtturi tas-settur tal-laħam tal-majjal li l-azjendi tagħhom kienu suġġetti għal miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u li jinsabu fiż-żoni tal-Polonja msemmijin fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni Pollakka mniżżla fl-Anness. Dik l-għajna għandha tingħata biss għall-qtil tal-annimali li ġejjin:

(a) il-majjali nisa koperti bil-kodiċi tan-NM 0103 92 11;

(b) majjali oħrajn koperti bil-kodiċi tan-NM 0103 92 19.

2. L-għajna msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata biss jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk l-annimali jkunu trabbew fiż-żoni tal-Polonja msemmijin fil-paragrafu 1 u jkunu ġew suġġetti għal ċerti restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni minħabba d-deni Afrikan tal-ħnieżer f'xi perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2016 u t-18 ta' Novembru 2016;

(b) jekk l-annimali kienu f'xi waħda miż-żoni msemmijin fil-paragrafu 1 fid-data meta bdiet tapplika r-restrizzjoni f'dik iż-żona jew jekk dawn twieldu u trabbew f'dawk iż-żoni wara dik id-data;

(c) jekk l-annimali nqatlu fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu 2016 u t-30 ta' Novembru 2016;

(d) jekk il-produttur li japplika għall-għajna ("l-applikant") ma jibbenefikax minn għajna mill-Istat, minn assigurazzjonijiet jew minn għajna ffinanzjata minn kontribut tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 għall-istess annimali.

Artikolu 2

1. Għall-majjali nisa msemmijin fl-Artikolu 1(1)(a), l-għajna għandha tkun ta' EUR 0,34 għal kull kilogramm ta' piż tal-karkassa.

2. Għall-majjali l-oħrajn msemmijin fl-Artikolu 1(1)(b), l-għajna għandha tiġi kkalkulata għal kull kilogramm fuq id-differenza fil-prezz bejn il-prezz li l-Polonja tkun irrappurtat għaż-żona li fiha tinsab l-azjenda tal-produttur għall-ġimgħa li fiha l-ħnieżer ikunu tteħdu fil-biċċerija u l-prezz li fil-fatt ikun tħallas lill-produttur, muri b'fattura bħala prova. L-għajna għal kull kilogramm ma għandhiex taqbeż l-ammonti li ġejjin:

(a) EUR 0,23 għal kull kilogramm għal kull ħanżir b'piż tal-karkassa ta' 93 kilogramm jew inqas;

(b) EUR 0,34 għal kull kilogramm għal kull ħanżir b'piż tal-karkassa ta' iktar minn 93 kilogramm imma ta' mhux aktar minn 105 kilogrammi;

(c) EUR 0,46 għal kull kilogramm għal kull ħanżir b'piż tal-karkassa ta' iktar minn 105 kilogrammi.

Artikolu 3

1. Il-Polonja għandha tieħu l-miżuri kollha li hemm bżonn, fosthom kontrolli amministrattivi u verifiki fuq il-post eżawrjenti, skont l-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, sabiex tiżgura l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. B'mod partikulari, il-Polonja għandha tivverifika:

(a) l-eliġibbiltà tal-applikant;

(b) għal kull applikant eliġibbli, il-kwantità u d-differenza fil-prezz msemmija fl-Artikolu 2(2);

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

- (c) li kull applikant eliġibbli ma jkunx irċieva finanzjament minn sorsi oħrajn bħala kumpens għat-telf marbut mal-qtil tal-annimali;
 - (d) li l-annimali li għalihom tkun inġhatat l-għajnuna jkunu konformi mal-kundizzjonijiet marbutin mar-restrizzjonijiet li japplikaw għaż-żoni msemmijin fl-Artikolu 1(1).
2. Għall-applikanti eliġibbli li jkunu sarulhom il-kontrolli amministrattivi, l-għajnuna tista' tingħata mingħajr ma wieħed joqgħod jistenna li jsiru l-verifiki kollha, b'mod partikulari dawk fuq l-applikanti li jkunu ntgħażlu għall-verifiki fuq il-post.
3. F'każijiet fejn ma tkunx ġiet ikkonfermata l-eliġibbiltà tal-applikant, l-għajnuna għandha tiġi rkuprata u għandhom jiġu applikati l-pieni.

Artikolu 4

1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni jekk il-Polonja tkun ħallsitha lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2017 biss.
2. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ma għandux japplika.

Artikolu 5

L-Unjoni għandha ttipprovdi finanzjament parzjali li jkun ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa li ġarrbet il-Polonja għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għal għadd massimu ta' 50 000 annimal.

Artikolu 6

1. Il-Polonja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu skont l-Artikolu 3 sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
2. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru 2017, il-Polonja għandha tibgħat rapport iddetaljat lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jkun fih dettalji dwar l-eżekuzzjoni tal-miżuri li jkunu ttieħdu u tal-verifiki li jkunu twettqu skont l-Artikolu 3.
3. Il-Polonja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti.

Artikolu 7

Għall-finijiet tal-Artikolu 29(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju b'rabta mal-ammonti stipulati fl-Artikolu 2 għandu jkun id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għandha titqies bħala miżura eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq kif previst fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Iż-żoni tal-Polonja msemmijin fl-Artikolu 1

Iż-żoni tal-Polonja ddefiniti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni Pollakka li ġejja:

(a) il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

- id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1367 tal-10 ta' Awwissu 2016 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Polonja (ĠU L 216, 11.8.2016, p. 26);
- id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1406 tat-22 ta' Awwissu 2016 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Polonja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1367 (ĠU L 228, 23.8.2016, p. 46);
- il-Parti III tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63), kif emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1236, (UE) 2016/1372, (UE) 2016/1405 u (UE) 2016/1900;

(b) il-leġiżlazzjoni Pollakka:

- Rozporządzenie nr 3/2016 Powiatowego Lekarza Weterynarii w Hajnówce z dnia 24 czerwca 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu hajnowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 2668, z późn. zm.);
- Rozporządzenie nr 1/2016 Wojewody Podlaskiego z dnia 2 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: wysokomazowieckiego i zambrowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3218);
- Rozporządzenie nr 2/2016 Wojewody Podlaskiego z dnia 5 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: wysokomazowieckiego i zambrowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3253);
- Rozporządzenie nr 1/2016 Powiatowego Lekarza Weterynarii w Siemiatyczach z dnia 9 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu siemiatyckiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3276);
- Rozporządzenie nr 3/2016 Wojewody Podlaskiego z dnia 10 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: białostockiego i wysokomazowieckiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3282, z późn. zm.);
- Rozporządzenie nr 5/2016 Wojewody Podlaskiego z dnia 12 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: zambrowskiego i łomżyńskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3300);
- Rozporządzenie nr 6/2016 Wojewody Podlaskiego z dnia 12 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: wysokomazowieckiego i zambrowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3301);
- Rozporządzenie nr 7/2016 Wojewody Podlaskiego z dnia 12 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: wysokomazowieckiego i białostockiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3302);
- Rozporządzenie nr 1/2016 Powiatowego Lekarza Weterynarii w Bielsku Podlaskim z dnia 16 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu bielskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3308, z późn. zm.);
- Rozporządzenie Wojewody Podlaskiego nr 9/2016 z dnia 24 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: siemiatyckiego i hajnowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3363);
- Rozporządzenie Wojewody Podlaskiego nr 10/2016 z dnia 26 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: siemiatyckiego i hajnowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3375);

- Rozporządzenie Wojewody Podlaskiego nr 11/2016 z dnia 26 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: białostockiego, łomżyńskiego, wysokomazowieckiego i zambrowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3376);
 - Rozporządzenie Wojewody Podlaskiego nr 12/2016 z dnia 29 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: grajewskiego oraz monieckiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3385);
 - Rozporządzenie nr 13/2016 Wojewody Podlaskiego z dnia 30 września 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatów: siemiatyckiego i hajnowskiego (Dz. Urz. Woj. Podlaskiego z 2016 r., poz. 3698);
 - Rozporządzenie nr 1 Powiatowego Lekarza Weterynarii w Białej Podlaskiej z dnia 16 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu bialskiego (Dz. Urz. Woj. Lubelskiego z 2016 r., poz. 3571, z późn. zm.);
 - Rozporządzenie nr 2 Powiatowego Lekarza Weterynarii w Białej Podlaskiej z dnia 19 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu bialskiego (Dz. Urz. Woj. Lubelskiego z 2016 r., poz. 3612);
 - Rozporządzenie nr 1/2016 Powiatowy Lekarza Weterynarii w Łosicach z dnia 12 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu łosickiego (Dz. Urz. Woj. Mazowieckiego z 2016 r., poz. 7468);
 - Rozporządzenie nr 2/2016 Powiatowego Lekarza Weterynarii w Łosicach z dnia 18 sierpnia 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu łosickiego (Dz. Urz. Woj. Mazowieckiego z 2016 r., poz. 7615, z późn. zm.);
 - Rozporządzenie nr 4/2016 Powiatowego Lekarza Weterynarii w Łosicach z dnia 12 września 2016 r. w sprawie zwalczania afrykańskiego pomoru świń na terenie powiatu łosickiego (Dz. Urz. Woj. Mazowieckiego z 2016 r., poz. 8028).
-

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/648**tal-5 ta' April 2017****li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-okoumé plywood li joriġina mir-
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament
(UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

A. IL-PROCĊEDURA**1. Miżuri fis-seħħ**

- (1) Wara investigazzjoni tal-antidumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill impona, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1942/2004 ⁽²⁾, dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-okoumé plywood li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat"). Il-miżuri ħadu l-għamla ta' dazju *ad valorem* u l-livelli tad-dazju imposti kienu jvarjaw bejn 6,5 % sa 23,5 % għal erba' produttori u 66,7 % għall-produttori l-oħrajn kollha. Wara rieżami tal-iskadenza, dawn il-miżuri nżammu mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 82/2011 ⁽³⁾ (ir-"rieżami preċedenti").

2. Talba għal rieżami tal-iskadenza

- (2) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar l-iskadenza imminenti ⁽⁴⁾ tal-miżuri antidumping fis-seħħ, il-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami tal-iskadenza tal-miżuri kontra r-RPĊ skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ⁽⁵⁾ ("it-talba għal rieżami tal-iskadenza" jew "it-talba").
- (3) It-talba tressqet fit-22 ta' Ottubru 2015 mill-European Panel Federation ("EPF") ("l-applikant") fisem il-produttori li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-okoumé plywood. It-talba hija bbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal rikorrenza ta' dumping u għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

3. Bidu ta' rieżami tal-iskadenza

- (4) Ladarba stabbiliet, wara li kkonsultat lill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami tal-iskadenza, fid-29 ta' Jannar 2016 il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁶⁾ ("in-Notifika ta' Bidu"), il-bidu ta' rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2004 tat-2 ta' Novembru 2004 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-okoumé plywood li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 336, 12.11.2004, p. 4).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 82/2011 tal-31 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' okoumé plywood li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'segwitu għal reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li jtemm reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 28, 2.2.2011, p. 1).

⁽⁴⁾ Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri ta' antidumping (ĠU C 161, 14.5.2015, p. 8).

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51). Dan ir-Regolament tħassar mir-Regolament (UE) 2016/1036.

⁽⁶⁾ Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-okoumé plywood li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 34, 29.1.2016, p. 5).

4. L-investigazzjoni

4.1. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat

- (5) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 (il-“perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami” jew “PIR”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (il-“perjodu kkunsidrat”).

4.2. Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

- (6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikanti, lill-produtturi l-oħrajn magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lill-importaturi/utenti magħrufa li huma kkonċernati, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-RPĊ dwar il-bidu tar-rieżami tal-iskadenza.
- (7) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu smiġ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu.

4.3. Teħid ta' kampjuni

- (8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni indikat li tista' tieħu kampjuni minn partijiet interessati, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

4.3.1. Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ

- (9) Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-kampjunar kien previst fin-Notifika ta' Bidu.
- (10) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm minnhom, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (11) Billi żewġ kumpaniji biss fir-RPĊ ippreżentaw ruħhom, il-kampjunar ma kienx neċessarju.

4.3.2. Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (12) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, filwaqt li qieset ukoll il-volum tal-bejgħ u l-firxa ġeografika. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn ħames produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni magħżulin fil-kampjun kienu jammontaw għal madwar 74 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni waqt il-PIR. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jikkumentaw dwar il-kampjun provviżorju. Ma għie riċevut l-ebda kumment sal-iskadenza u għaldaqstant il-kampjun provviżorju kien ikkonfermat. Il-kampjun jitqies bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

4.3.3. Kampjunar ta' importaturi mhux relatati, kwestjonarji u kooperazzjoni

- (13) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni staqsiet lill-importaturi mhux relatati kollha sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (14) Ġew ikkuntattjati madwar 35 importatur/utent potenzjali magħrufin fl-istadju tal-bidu u ġew mistiedna jispjegaw l-attività tagħhom u biex jimlew formola ta' kampjunar meħmuża mal-Avviż ta' Bidu, jekk applikabbli.
- (15) Tlettax-il importatur issottomettaw il-formola ta' kampjunar. Kollha indikaw li ma importawx okoumé plywood miċ-Ċina. Fuq bażi ta' dan, il-kampjunar ma kienx meqjus iġġustifikat.

4.4. Kwestjonarji u żjarat ta' verifika

- (16) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għall-fini tal-iddeterminar tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping, tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' ħsara, u tal-interess tal-Unjoni.
- (17) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji maħsubin għall-produtturi esportaturi lil żewġ kumpaniji fir-RPĊ imsemmijin fil-premessa (11), tnax-il produttur magħruf f'pajjiżi analogi potenzjali (il-Gabon, il-Marokk, l-Isvizzera u t-Turkija) u l-ħames produtturi tal-Unjoni magħżulin għall-kampjun.
- (18) Kumpanija waħda biss fir-RPĊ wiegħbet il-kwestjonarju b'mod parzjali, filwaqt li twegħbiet sħaħ għall-kwestjonarju waslu mingħad żewġ produtturi fil-Gabon, produttur fil-Marokk u l-ħames produtturi tal-Unjoni li ntgħażlu għall-kampjun.
- (19) Il-Kummissjoni wettqet verifiki fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:
- (a) Il-produtturi tal-Unjoni:
- F.A. MOURIKIS S.A. (il-Greċja),
 - GARNICA PLYWOOD S.A. (Spanja);
 - JEAN THÉBAULT SAS (Franza);
 - JOUBERT LES ELIOTS SAS (Franza),
 - JOUBERT ST JEAN D'ANGÉLY SAS (Franza).
- (b) Produttur fil-pajjiż b'ekonomija tas-suq
- CEMA BOIS DE L'ATLAS (il-Marokk)

4.5. Komunikazzjoni

- (20) Fit-13 ta' Frar, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom beħsiebha tipproponi li tħalli fis-seħħ il-miżuri antidumping u stiednet lill-partijiet interessati kollha sabiex jikkomentaw. Ma daħal l-ebda kumment.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

- (21) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali u huwa ddefinit skont kif ġej: plywood li jikkonsisti biss minn folji ta' injam, b'kull saff ma jaqbiżx ħxuna ta' 6 mm, b'tal-anqas saff wieħed fuq barra tal-okoumé mhux mgħotti b'film permanenti ta' materjali oħrajn, li joriġinaw mir-RPĊ, u li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 4412 31 10 (kodiċi TARIC 4412 31 10 10). Il-prodott ikkonċernat jintuża għal firxa wiesgħa ta' użi finali. Jintuża fl-industrija tal-bini f'applikazzjonijiet tal-mastrudaxxa u tal-karpentrija fuq barra għal xogħol bil-bords, bords tax-xaters, kantini fuq barra u balavostri u panewijiet mal-ġenb tax-xmajjar. Jintuża wkoll għal skopijiet aktar dekorattivi, inter alia, fit-trasport bit-triq (pereżempju l-karozzi, il-kowċis, il-karavans, il-karozzi tal-kamping), it-trasport bil-baħar (fil-jots), l-industrija tal-għamara u l-bibien.
- (22) Jeżistu żewġ tipi prinċipali ta' okoumé plywood, plywood magħmul kompletament bl-okoumé ("okoumé sħiħ") u plywood b'tal-anqas wieħed mill-uċuħ ta' barra magħmul mill-okoumé u l-bqija magħmul minn injam ieħor (plywood b'wiċċ tal-okoumé) (dan tal-aħħar huwa magħruf ukoll bħala "combi" jew "twin"). Iż-żewġ tipi ewlenin tal-okoumé plywood għandhom l-istess dehra esterna. Minkejja differenzi fil-karatteristiċi mekkaniċi, huma kollha għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi, u jintużaw għall-istess skopijiet bażiċi.

2. Il-prodott simili

- (23) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi, kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott ikkonċernat;
 - il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (24) Il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-prodotti huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW TA' RIKORRENZA TAD-DUMPING

1. Kummenti preliminari

- (25) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri eżistenti twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dumping.
- (26) Kif intqal fil-premessa (18) aktar 'il fuq, kumpanija waħda biss fir-RPĊ wiegħbet il-kwestjonarju b'mod parzjali. Din il-kumpanija rrapportat li la kienet qed tipproduċi u lanqas tbigħ il-okoumé plywood tul il-perjodu kkunsidrat.
- (27) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' produttori oħrajn fir-RPĊ, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Ċiniżi li skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta mingħand l-awtoritajiet Ċiniżi.
- (28) Fuq il-bażi ta' dan, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping stabbiliti hawn taħt kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari:
- (i) informazzjoni fit-talba għal-rieżami tal-iskadenza
 - (ii) statistika tal-Eurostat u d-dejta miġbura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("bażi ta' dejta 14(6)").
 - (iii) statistika disponibbli għall-pubbliku tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti ("FAO").

Il-Bażi ta' Dejta tal-Istatistika dwar l-Esportazzjoni taċ-Ċina ma setgħetx tintuża minħabba li l-istruttura tal-kodifikazzjoni tagħha ma kinitx preċiża biżżejjed biex tipprovdi informazzjoni utli.

- (29) L-Eurostat u l-bażi ta' dejta 14(6) ma indikaw l-ebda importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ waqt il-PIR; għaldaqstant ma setax jiġi stabbilit dumping tul dan il-perjodu fis-suq tal-Unjoni.
- (30) Il-kalkolazzjonijiet ta' dumping saru fil-kuntest tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping.

2. Żvilupp tal-importazzjonijiet f'każ li jitħassru l-miżuri

- (31) Sabiex tkun stabbilita l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri jiġu revokati, ġew analizzati l-elementi segwenti: (i) il-livelli possibbli ta' dumping fis-suq tal-Unjoni u f'pajjiżi terzi oħrajn, (ii) il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni fiċ-Ċina u (iii) l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni.
- (32) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultati fir-rigward tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping stabbiliti hawn taħt kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, jiġifieri s-sorsi elenkati fil-premessa (28).

(i) **Livelli ta' dumping possibbli fis-suq tal-Unjoni u pajjiżi terzi oħrajn***Il-pajjiż analogu*

- (33) Erba' produttori esportaturi ngħataw trattament ta' ekonomija tas-suq (TES) fl-investigazzjoni oriġinali. Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi li jifdal għandu jkun determinat abbażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiżi terz b'ekonomija tas-suq. Għal dan il-għan, kellu jintgħażel pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("il-pajjiż analogu").
- (34) It-Turkija ntgħażlet bħala l-pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali u fir-rieżami preċedenti. Fl-Avviż ta' Bidu tar-rieżami preżenti, il-Kummissjoni pproponiet li tuża lit-Turkija bħala pajjiż analogu.
- (35) Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni rigward il-produtturi tal-okoumé plywood f'pajjiżi analogi potenzjali oħrajn u kkuntattjat lil produttori magħrufin tal-okoumé plywood fil-Gabon, il-Marokk u l-Isvizzera u stednithom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja.
- (36) Żewġ produttori mill-Gabon u produttur mill-Marokk wiegħbu għal din l-istedina u pprovdew l-informazzjoni mitluba. L-ebda wieħed mill-produtturi Torok ma kkooopera.
- (37) Il-Gabon ma kienx meqjus bħala pajjiż analogu xieraq minħabba li l-produtturi tal-okoumé plywood lokali kellhom vantaġġ kumparattiv ċar minħabba li kienu jibbenefikaw minn kostijiet tal-input tal-materja prima ferm aktar baxxi ⁽¹⁾, il-prodott immanifatturat fil-Gabon għall-bejgħ fis-suq domestiku kien jidher ta' kwalità baxxa, is-suq domestiku kien limitat bl-ebda importazzjoni tal-okoumé plywood u dazju tal-importazzjoni ta' 30 %.
- (38) Il-Marokk kien ikkunsidrat bħala pajjiż analogu xieraq minħabba li, minkejja d-dazji tal-importazzjoni għoljin tiegħu, kellu importazzjonijiet sostanzjali tal-prodott simili li kienu qed jikkompetu mal-prodott immanifatturat fuq livell domestiku.
- (39) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkumentaw dwar din l-għażla. Ma waslu l-ebda kummenti.

Il-valur normali

— għall-produtturi esportaturi li ngħataw TES fl-investigazzjoni oriġinali

- (40) Kif issemma fil-premessa (33) aktar 'il fuq, erba' produttori esportaturi ngħataw TES fl-investigazzjoni oriġinali. Minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-valur normali għal dawn il-produtturi esportaturi kien ibbażat fuq il-fatti disponibbli, jiġifieri l-istima magħmula fit-talba għal rieżami tal-iskadenza.

— għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES fl-investigazzjoni oriġinali

- (41) Produttur wieħed Marokkin ikkooopera u ssottometta twegħba għall-kwestjonarju. Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien ikkalkulat fuq il-bażi tad-dejta vverifikata fl-istabbiliment ta' dan il-produttur kif spjegat hawn taħt.
- (42) Il-valur normali kien stabbilit għaż-żewġ tipi ewlenin tal-prodott deskritti fil-premessa (22).
- (43) Sussegwentement, ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili setax jitqies bħala bejgħ li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi, għall-prodott simili mibjugħ fis-suq tal-Marokk, ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ domestiku bi profitt lil klijenti indipendenti waqt il-PIR.
- (44) Billi l-volum ta' bejgħ bi profitt tal-prodott simili rrappreżenta inqas minn 80 % tal-volum ta' bejgħ totali tal-prodott simili, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku reali kkalkulat bħala medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.

⁽¹⁾ Okoumé huwa injam tropikali li jikber prinċipalment fil-Gabon u flivell inqas fil-Ginea Ekwatorjali u fil-Kamerun.

Prezz tal-esportazzjoni

- (45) Kif ġie nnutat aktar 'il fuq fil-premessa (28), minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-produtturi Ċiniżi, il-prezz tal-esportazzjoni kien ibbażat fuq il-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq informazzjoni fit-talba għal rieżami tal-iskadenza. B'mod speċifiku, il-prezz tal-esportazzjoni għaż-żewġ tipi prinċipali tal-prodott deskritti fil-premessa (22) kien ibbażat fuq aktar minn għaxar offerti kummerċjali lis-suq tal-Unjoni u lil pajjiżi terzi oħrajn (jiġifieri il-Bożnija-Herzegovina, l-Isvizzera, it-Turkija, l-Istati tal-Golf u n-Norveġja), ikkomunikati bl-email jew disponibbli bħala offerti kummerċjali għal pubbliku fuq siti web Ċiniżi differenti waqt il-PIR, kif indikat fit-talba għal rieżami tal-iskadenza. Il-prezzijiet fl-offerti kummerċjali kienu jvarjaw minn 313 EUR/m³ sa 540 EUR/m³ (CIF). Għandu jiġi nnutat li dawn il-livelli ta' prezzijiet kienu fl-istess medda tal-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet tal-okoumé plywood miċ-Ċina, kif irrappurtat mill-Eurostat u l-bażi ta' dejta 14(6) wara l-PIR (it-tielet kwart tal-2016). Għalkemm il-kwantitajiet ikkonċernati kienu marġinali, dan il-livell tal-prezz jikkonferma r-rappreżentattività tal-offerti kummerċjali bħala indikazzjoni tal-prezzijiet ta' esportazzjoni possibbli tal-okoumé plywood miċ-Ċina.

Paragun

- (46) Il-Kummissjoni qabblat il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni b'hekk stabbilit fuq il-bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika skont it-tip ta' prodott deskritt fil-premessa (22). Fejn dan kien iġġustifikat għall-iskop ta' paragun ġust, il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali ġew aġġustati għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għall-kostijiet tat-trasport (domestiċi u bl-oċean) abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq informazzjoni fit-talba għal rieżami tal-iskadenza.

Marġni tad-dumping

- (47) Il-Kummissjoni qabblat il-valur normali medju ponderat mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat skont it-tip ta' prodott kif stabbilit hawn fuq skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

— għall-produtturi esportaturi li nġhataw TES fl-investigazzjoni oriġinali

- (48) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġni tad-dumping medju ponderat espress bħala perċentwali tal-prezz fil-fruntiera tal-Unjoni fuq bażi tal-kost, l-assigurazzjoni u t-trasport (cost, insurance, freight — CIF), bid-dazju mhux imħallas, kien ta' aktar minn 45 % kemm fis-suq tal-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi oħrajn.

— għall-produtturi esportaturi li ma nġhatawx TES fl-investigazzjoni oriġinali

- (49) Il-marġni tad-dumping medju ponderat espress bħala perċentwali tal-prezz fil-fruntiera tal-Unjoni fuq bażi tal-kost, l-assigurazzjoni u t-trasport (cost, insurance, freight — CIF), bid-dazju mhux imħallas, kien ta' aktar minn 100 % kemm fis-suq tal-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi oħrajn.

(ii) Il-produzzjoni u l-kapaċità ta' produzzjoni fiċ-Ċina*Il-Produzzjoni fiċ-Ċina*

- (50) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi u informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, il-produzzjoni fir-RPĊ ġiet stabbilita fuq bażi ta' stimi mogħtija mill-applikant fit-talba tiegħu għal rieżami tal-iskadenza attwali, ibbażati fuq l-aħjar għarfien tiegħu tas-suq.
- (51) L-applikant stima l-produzzjoni tal-okoumé plywood fiċ-Ċina fuq il-bażi tan-numru ta' zkuq tal-okoumé importati fiċ-Ċina fl-2014 li ntużaw għall-produzzjoni tal-plywood. Fuq il-bażi ta' dan, ġie stmat li l-produzzjoni tal-okoumé plywood kienet bejn tal-anqas 290 000 m³ u massimu ta' 2,9 miljun m³, skont it-tip ta' prodott manifatturat, kif deskritt fil-premessa (22), jiġifieri okoumé sħiħ jew plywood b'wiċċ tal-okoumé, rispettivament. Dan kien jikkorrispondi għal minimu ta' darba u nofs (1.5) sa massimu ta' 15-il darba tal-konsum totali tal-Unjoni.

Il-kapaċità ta' produzzjoni fiċ-Ċina

- (52) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-produtturi Ċiniżi tal-okoumé plywood jew informazzjoni oħra disponibbli dwar l-industrija Ċiniża tal-okoumé plywood, is-sitwazzjoni tal-industrija taċ-Ċina tal-plywood b'mod ġenerali (irrispettivament mit-tip tal-ispeċi tal-injam użat) ġiet eżaminata, kif sar fir-rieżami preċedenti.

F'konformità mal-investigazzjonijiet preċedenti, ġie kkonfermat li l-plywood huwa prodott mill-istess kumpaniji, bl-istess tagħmir, irrilevanti mill-ispeċi użata. Ir-rieżami preċedenti stabbilixxa wkoll li l-okoumé plywood jħalli aktar qligħ minn tipi oħra ta' plywood. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' miżuri, huwa probabbli li l-produtturi Ċiniżi jibdeu ixaqilbu l-produzzjoni tagħhom minn tipi oħrajn ta' plywood għall-plywood tal-okoumé li jħalli aktar qligħ.

- (53) Fuq il-bażi ta' dan, il-kapaċità ta' produzzjoni sinifikanti potenzjalment disponibbli fiċ-Ċina hija indikata mill-volumi ta' produzzjoni tat-tipi kollha ta' plywood, li skont statistika tal-FAO kienet tlaħħaq il-113-il miljun m³ waqt il-PIR. Konsegwentement, bidla żgħira biss minn tipi oħrajn ta' injam għall-okoumé hija meħtieġa biex il-volumi tal-produzzjoni tal-okoumé plywood jiżiedu sostanzjalment, u li mbagħad ikunu jistgħu jintużaw għall-esportazzjonijiet.

(iii) **L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni**

- (54) L-element prinċipali użat biex tiġi stabbilita l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jiġu revokati kien il-livell tal-prezz tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi oħrajn meta mqabbel mal-livell tal-prezz tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni. L-offerti kummerċjali msemmijin aktar 'il fuq fil-premessa (45) għas-suq tal-Unjoni u pajjiżi terzi oħrajn indikaw li waqt il-PIR, is-suq tal-Unjoni kien tabiħaqq attraenti minħabba li l-prezzijiet tal-esportazzjoni taċ-Ċina tal-okoumé plywood lejn is-suq tal-Unjoni kienu ogħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni taċ-Ċina lejn is-swieq terzi l-oħrajn kollha li għalihom kienu disponibbli l-offerti kummerċjali, bl-eċċezzjoni tan-Norveġja. Prinċipalment, l-offerti tal-pezzijiet tal-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni kienu madwar 30 % ogħla minn dawk lejn il-Bożnja-Herzegovina u madwar 40 % ogħla milli lejn it-Turkija u l-Istati tal-Golf. Billi ma kienx hemm statistika disponibbli fuq il-volum ta' esportazzjoni taċ-Ċina ta' okoumé plywood lejn dawn il-pajjiżi, ir-rappreżentattività f'termini ta' volum ma setgħetx tiġi stabbilita. Madankollu, prezzijiet ta' esportazzjoni potenzjalment ogħla lejn l-Unjoni jagħmlu lis-suq tal-Unjoni attraenti, minħabba li kieku l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jħallu profitti akbar.
- (55) Barra minn hekk, dazji antidumping fuq importazzjonijiet tal-plywood miċ-Ċina ⁽¹⁾ jeżistu fir-Repubblika tal-Korea, fil-Marokk u t-Turkija, filwaqt li l-Istati Uniti tal-Amerika ħarġu determinazzjoni preliminari tal-miżuri kompensatorji kontra l-plywood miċ-Ċina f'Jannar 2017. Għaldaqstant, il-produtturi esportaturi Ċiniżi ser ikollhom aċċess limitat għal dawn is-swieq u ser ikunu limitati fl-esportazzjoni tal-produzzjoni tagħhom jew fir-ridirezzjoni tal-esportazzjonijiet tagħhom lejn dawn is-swieq. Dan jirrendi s-suq tal-Unjoni aktar attraenti għall-importazzjonijiet tal-plywood miċ-Ċina.
- (56) Huwa għalhekk probabbli li jekk il-miżuri jiġu revokati, fid-dawl tal-kapaċità ta' produzzjoni konsiderevoli fiċ-Ċina li tista' tiżdid faċilment, l-esportazzjonijiet miċ-Ċina jkomplu f'volumi konsiderevoli lejn is-suq tal-Unjoni. Ta' min ifakkar li qabel ma ġew imposti l-miżuri oriġinali, fl-2004, il-volumi tal-bejgħ Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni kienu jammontaw għal 83 606 m³, li jikkorrespondu għal 44 % tal-konsum tal-Unjoni waqt il-PIR.

3. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dumping

- (57) Bħala konklużjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni sinifikanti disponibbli fiċ-Ċina, il-possibbiltà li l-produtturi Ċiniżi faċilment iżidu l-volumi tal-produzzjoni disponibbli għall-esportazzjoni, il-prezzijiet għoljin oġġett ta' dumping possibbli fi swieq terzi oħrajn, kif ukoll fis-suq tal-Unjoni, u l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni, jindikaw li revoka tal-miżuri x'aktarx twassal lil produtturi esportaturi Ċiniżi biex jergħu jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping u fi kwantitajiet sinifikanti. Huwa għalhekk ikkunsidrat li jkun hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri antidumping attwali jitħallew jiskadu.

D. DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

- (58) Fl-Unjoni, huwa magħruf li l-prodott simili jiġi mmanifatturat minn tlettax-il produttur fi Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja u Spanja. Il-produzzjoni totali tal-Unjoni hija stmata li hija ta' 162 000 m³. Il-produtturi tal-Unjoni li huma responsabbli għall-produzzjoni totali tal-Unjoni jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (59) Kif issemma fil-premessa (12), intgħażel kampjun ta' ħames produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw 74 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni waqt il-PIR.

(¹) Il-kodiċi HS 4412 31.

E. IS-SITWAZZJONI TAS-SUQ TAL-UNJONI

1. Il-konsum tal-Unjoni

- (60) Il-konsum fl-Unjoni tal-okoumé plywood kien stabbilit fuq il-bażi tal-volumi tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni li għamlu lment u produtturi oħrajn tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni fuq il-bażi ta' dejta tal-Eurostat.
- (61) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni

	2012	2013	2014	PIR
Il-konsum totali (m ³)	181 749	176 005	175 652	188 727
Indiċi (2012 = 100)	100	97	97	104

Sors: It-talba għal rieżami, l-Eurostat, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji.

- (62) Mill-2012 għall-2013, il-konsum tal-Unjoni naqas. Bejn l-2012 u l-2014, ix-xejra ta' tnaqqis gradwalment stabbilizzat u bdiet turi sinjali ta' rkupru waqt il-PIR, biex b'hekk irriflettiet it-titjib marġinali f'ċerti attivitajiet industrijali. Konsegwentement, il-konsum tal-Unjoni naqas bi ftit, b'4 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (63) Madankollu, dan għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-iżviluppi wara r-rieżami preċedenti. Bejn il-PIR tar-rieżami preċedenti (l-1 ta' Ottubru 2008 — it-30 ta' Settembru 2009) u l-PIR tar-rieżami attwali, il-konsum tal-Unjoni b'mod ġenerali naqas b'35 % (minn 291 421 m³ waqt il-PIR tar-rieżami preċedenti għal 188 727 m³ waqt il-PIR tar-rieżami attwali), minkejja xejra ta' żieda marġinali tul il-perjodu attwali kkunsidrat. Ix-xejra ġenerali ta' tnaqqis, li kienet fil-fatt diġà bdiet timmanifesta ruħha anki minn qabel ir-rieżami preċedenti, ġiet spjegata mill-fatt li l-okoumé plywood, sa ċertu punt, ġie sostitwit minn speċijiet oħrajn ta' injam tropikali. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika u t-tnaqqis konsegwenti ta' ċerti attivitajiet industrijali, inklużi l-kostruzzjoni, in-nawtiżmu u l-vetturi kummerċjali/turistiċi hfiel, kienu kkontribwew għax-xejra ta' tnaqqis fid-domanda għall-okoumé plywood fl-Unjoni.

2. Volum, prezzijiet u kwota tas-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

2.1. Volum u kwota tas-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

Tabella 2

Il-volum u l-kwoti tas-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

	2012	2013	2014	PIR
Volum ta' importazzjonijiet (m ³)	1 043	0	62	0
Indiċi (2012 = 100)	100	0	6	0
Kwota tas-suq %	0,57	0,00	0,04	0,00

Sors: L-Eurostat.

- (64) Waqt il-perjodu kkunsidrat tal-investigazzjoni oriġinali, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien żdied b'pass mgħaġġel minn prattikament zero għal 18,7 % ⁽¹⁾. Sussegwentement, dan naqas għal 4,3 % (12 620 m³) ⁽²⁾ waqt il-PIR tar-rieżami preċedenti. Waqt il-perjodu kkunsidrat tar-rieżami attwali, l-importazzjonijiet miċ-Ċina prattikament waqfu, bl-eċċezzjoni tal-2012, meta l-volumi ta' importazzjonijiet miċ-Ċina ammontaw għal madwar 1 000 m³.

2.2. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet u twaqqigħ tal-prezzijiet

Tabella 3

Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u t-twaqqigħ tal-prezzijiet

	2012	2013	2014	PIR
Prezz medju (EUR/m ³)	549	0,00	168	0,00
Indiċi (2012 = 100)	100	0	31	0

Sors: L-Eurostat

- (65) L-unika sena fejn kien hemm kwantitajiet sostanzjali ta' importazzjonijiet miċ-Ċina kienet l-2012. Tul dik is-sena, il-prezz medju tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien ta' 549 EUR/m³, li kien ferm aktar baxx mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni tul dik l-istess sena (756 EUR/m³).

3. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

Tabella 4

Il-volumi tal-importazzjonijiet, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet minn pajjiżi terzi oħrajn

	2012	2013	2014	PIR
Il-Gabon	40 467	43 964	41 029	42 711
Indiċi (2012 = 100)	100	109	101	106
Kwota tas-suq (%)	22,3	25,0	23,4	22,6
Prezz medju (EUR/mt ³)	628,64	625,76	636,40	645,32
Indiċi (2012 = 100)	100	100	101	103
Il-Marokk	15 431	7 298	5 182	4 492
Indiċi (2012 = 100)	100	47	34	29
Kwota tas-suq %	8,5	4,1	3,0	2,4
Prezz medju (EUR/mt ³)	662,27	678,51	696,75	700,81
Indiċi (2012 = 100)	100	102	105	106

⁽¹⁾ Ara l-premessa (77) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 988/2004 tas-17 ta' Mejju 2004 li jimponi dazju provviżorju ta' antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-okoumé plywood li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 181, 18.5.2004, p. 5).

⁽²⁾ Ara l-premessi (42) u (43) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 82/2011.

	2012	2013	2014	PIR
Pajjiżi terzi oħrajn (*)	774	549	1 550	78
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	71	200	10
Kwota tas-suq %	0,4	0,3	0,9	0,0
Prezz medju (EUR/mt ³)	545,80	572,55	576,47	842,50
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	105	106	154
Total ta' pajjiżi terzi oħra	56 672	51 812	47 761	47 281
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	91	84	83
Kwota tas-suq %	31,2	29,4	27,2	25,1
Prezz medju (EUR/mt ³)	636,66	632,63	641,01	650,92
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	99	101	102

(*) Minbarra l-Gabon u l-Marokk.
Sors: L-Eurostat.

- (66) Waqt il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kienu kważi esklussivament mill-Gabon u l-Marokk, filwaqt li s-sehem ta' pajjiżi terzi oħrajn kien neglijgibbli. L-importazzjonijiet mill-Gabon u l-Marokk fl-Unjoni naqsu kontinwament minn 55 899 m³ fl-2012 għal madwar 47 203 m³ waqt il-PIR, jiġifieri b'16 %. Billi l-konsum tal-Unjoni żdied biss b'4 % (ara l-premessa (62) t-Tabella 1), is-sehem mis-suq korrispondenti tal-Gabon u l-Marokk kompli naqas, jiġifieri minn 30,8 % fl-2012 għal 25,0 % waqt il-PIR jew b'5,7 punti perċentwali.
- (67) Waqt il-perjodu kkunsidrat tal-investigazzjoni attwali, il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Gabon u l-Marokk bħala medja kienu bejn 16 % sa 17 % aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni (ara t-tabella 8). Meta mqabblin mal-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina fl-2012 (l-unika sena tul il-perjodu kkunsidrat fejn iċ-Ċina esportat kwantitajiet sostanzjali lejn l-Unjoni), il-prezzijiet tal-importazzjoni minn dawn il-pajjiżi kienu bħala medja 16 % ogħla mill-prezzijiet ta' importazzjoni taċ-Ċina.
- (68) B'mod aktar speċifiku, il-Gabon huwa l-akbar pajjiż terz esportatur lejn l-Unjoni. Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Gabon żdiedu minn 40 467 m³ fl-2012 għal 42 711 m³ waqt il-PIR, jiġifieri b'6 %. Din iż-żieda ssarrfet f'żieda marġinali fis-sehem mis-suq tiegħu, minn 22,3 % fl-2012 għal 22,6 % waqt il-PIR, jiġifieri żieda ta' 0,3 punti perċentwali. Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-Gabon kienu bejn 17 % u 18 % aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (ara t-tabella 8), filwaqt li kienu ogħla mill-prezzijiet medji ta' importazzjoni miċ-Ċina fl-2012, jiġifieri l-unika sena b'volumi ta' importazzjonijiet sostanzjali minn dan il-pajjiż fis-suq tal-Unjoni. Dawn kienu ogħla wkoll mill-prezzijiet tal-importazzjoni potenzjali miċ-Ċina abbażi tal-offerti kummerċjali waqt il-PIR, kif imsemmi aktar 'il fuq fil-premessa (45). Dawn żdiedu marġinalment minn 628,64 EUR/m³ fl-2012 għal 645,32 EUR/m³ waqt il-PIR, li kienet tikkorrispondi għal żieda ta' 3 %.
- (69) Fir-rigward tal-Marokk, il-volumi ta' importazzjoni tiegħu naqsu konsiderevolment waqt il-perjodu kkunsidrat (minn 15 431 m³ fl-2012 għal 4 492 m³ waqt il-PIR). Konsegwentement, is-sehem mis-suq naqas minn 8,5 % fl-2012 għal 2,4 % waqt il-PIR. Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Marokk kienu ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina fl-2012 u ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni potenzjali bbażati fuq l-offerti kummerċjali tul il-PIR kif imsemmi aktar 'il fuq fil-premessa (45).

4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.1. Rimarki ġenerali

- (70) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.
- (71) Kif imsemmi fil-premessa (12), il-kampjunar intuża sabiex jiġi ddeterminat id-dannu.
- (72) Għad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi tad-dannu. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi relatati mal-industrija tal-Unjoni kollha fuq bażi ta' informazzjoni provduta mill-applikant fit-talba għal rieżami tal-iskadenza u fuq il-bażi ta' dejta pprovduta fit-tweġibiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi li jirrigwardaw biss il-kumpaniji inklużi fil-kampjun fuq il-bażi tad-dejta inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' dejta nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (73) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.
- (74) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji għal kull unità, il-kost ta' kull unità, il-kost lavorattiv, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġbir tal-kapital.

4.2. Indikaturi makroekonomiċi

4.2.1. Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità

- (75) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2012	2013	2014	PIR
Volum ta' produzzjoni (m ³)	143 729	145 002	146 287	147 767
Indiċi (2012 = 100)	100	101	102	103
Volum ta' produzzjoni (m ³)	179 561	182 583	184 388	184 738
Indiċi (2012 = 100)	100	102	103	103
Użu tal-kapaċità (%)	80	79	79	80
Indiċi (2012 = 100)	100	99	99	100

Sors: Talba għal rieżami, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji

- (76) Il-produzzjoni żdiedet marġinalment waqt il-perjodu kkunsidrat minn 143 729 m³ fl-2012 għal 147 767 m³ waqt il-PIR, jiġifieri bi 3 %. Din iż-żieda rriflettiet it-titjib marġinali fis-suq tal-okoumé fl-Unjoni, kif issemma fil-premessa (62). Minkejja din iż-żieda marġinali, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqa' aktar baxx mill-volumi misjubin fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali u waqt il-PIR tar-rieżami preċedenti, jiġifieri anqas minn 267 591 m³. Dan irrifletta t-tnaqqis fil-konsum fis-suq u l-fatt li l-produzzjoni ssir prinċipalment abbażi tal-ordnijiet.

- (77) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet marġinalment, b'mod parallel mal-volum tal-produzzjoni, minn madwar 179 561 m³ fl-2012 għal 184 738 m³ waqt il-PIR, jiġifieri bi 3 %. Din il-kapaċità, madankollu, hija flivell ferm aktar baxx milli fir-rieżami preċedenti, jiġifieri 68 % aktar baxxa mill-577 205 m³ stabbiliti waqt il-PIR tar-rieżami preċedenti. Dan kien minħabba l-għeluq ta' numru ta' produtturi tal-Unjoni: tal-okoumé plywood, inkluż l-akbar produttur fl-Unjoni, Plysorol, u anki minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni ta' dawk il-produtturi tal-Unjoni li baqgħu fin-negozju.
- (78) Billi l-adattament tal-kapaċità tal-produzzjoni biex din taqbel mal-livelli aktar baxxi tal-konsum saret qabel il-perjodu kkunsidrat, ir-rata tal-użu tal-kapaċità kienet stabbli u flivell ogħla meta mqabbla mar-rati stabbiliti waqt il-PIR fir-rieżami preċedenti (41 %) ⁽¹⁾.

4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u l-kwota tas-suq

- (79) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Il-volum tal-bejgħ u l-kwota tas-suq

	2012	2013	2014	PIR
Volum ta' produzzjoni (m ³)	124 033	124 193	127 829	141 446
Indiċi (2012 = 100)	100	100	103	114
Kwota tas-suq (%)	68,2	70,6	72,8	74,9

Sors: Talba għal rieżami, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji

- (80) Il-volum tal-bejgħ żdied matul il-perjodu kkunsidrat minn 124 033 m³ fl-2012 għal madwar 141 446 m³ waqt il-PIR, jiġifieri b'14 %, li kienet aktar minn żieda ta' 4 % tal-konsum deskritt fil-premessa (62). Għaldaqstant, iż-żieda fil-volumi ta' bejgħ, meta wieħed iqis ukoll it-tnaqqis parallel fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra deskritti fil-premessa (66), ikkontribwixxiet għal żieda fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni minn 68,2 % fl-2012 għal 74,9 % waqt il-PIR. Madankollu, dan il-livell ta' sehem mis-suq xorta huwa inqas mis-sehem mis-suq ta' 80,2 % tal-industrija tal-Unjoni waqt il-PIR tar-rieżami preċedenti.

4.2.3. It-ktabbir

- (81) Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied b'4 % matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied aktar, jiġifieri b'14 %, li sarraf f'żieda fis-sehem mis-suq ta' 6,7 punti perċentwali.

4.2.4. L-impjegi u l-produttività

- (82) L-impjegi u l-produttività żviluppaw matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kif ġej:

Tabella 7

L-impjegi u l-produttività

	2012	2013	2014	PIR
Għadd ta' impjegati	543	480	470	492
Indiċi (2012 = 100)	100	88	87	91

⁽¹⁾ Ara l-premessa (50) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 82/2011.

	2012	2013	2014	PIR
Produttività (m ³ /impjegat)	265	302	311	300
Indiċi (2012 = 100)	100	114	118	113

Sors: Talba għal rieżami, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji.

- (83) L-impjegi fl-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali naqsu mill-2012 għall-2014 bi 13 % u sussegwentement żdiedu bi ftit (b'4 %) mill-2014 għall-PIR. Kumplessivament, tul il-perjodu kkunsidrat dawn żdiedu b'9 %. Minħabba għeluq u ristrutturar ta' kumpaniji, il-livell tal-impjeg waqt il-perjodu kkunsidrat kien biss madwar nofs il-livell stabbilit waqt il-PIR tar-rieżami preċedenti (983 persuna).
- (84) Kif spjegat fil-premessa (76), il-volum ta' produzzjoni żdied bi 3 % waqt il-perjodu kkunsidrat. Konsegwentement, il-produttività mkejla bħala output annwali (metri kubi) għal kull persuna impjegata naqset bi 13 % waqt il-perjodu kkunsidrat. Dan jirrifletti l-fatt li l-produzzjoni żdiedet marġinalment, filwaqt li l-livelli ta' impjeg naqsu. Din hija indikazzjoni tal-effiċjenza mtejba u r-riżultati tar-ristrutturar mill-produtturi tal-Unjoni.

4.2.5. Id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti

- (85) Kif imsemmi fil-premessa (29), ma kienx hemm importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ waqt il-PIR. Għaldaqstant, ma setax jiġi stabbilit dumping waqt dan il-perjodu fis-suq tal-Unjoni u d-daqs tal-marġni tad-dumping ma setax jiġi vvalutat. Konsegwentement, lanqas kien hemm pressjoni diretta fuq il-prezz fis-suq tal-Unjoni waqt il-perjodu kkunsidrat. Fuq din il-bażi, il-miżuri antidumping fis-seħħ kienu effettivi b'mod ġenerali.

4.3. Indikaturi mikroekonomiċi

4.3.1. Il-prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

- (86) Il-prezzijiet tal-bejgħ medji tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Prezzijiet medji tal-bejgħ u l-kostijiet tal-unitajiet

	2012	2013	2014	PIR
Prezz tal-bejgħ medju ta' unità fl-Unjoni (EUR/m ³)	756	760	771	780
Indiċi (2012 = 100)	100	101	102	103
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/m ³)	783	762	759	778
Indiċi (2012 = 100)	100	97	97	99

Sors: It-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji

- (87) Il-prezz medju tal-bejgħ tal-unitajiet tal-industrija tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn il-livelli ta' prezzijiet kienu madankollu aktar baxxi minn daww osservati waqt l-investigazzjoni ta' rieżami preċedenti, meta kienu żdiedu minn 786 EUR/m³ fl-2006 għal 887 EUR/m³ waqt il-PIR, fejn imbagħad laħqu massimu ta' 930 EUR/m³ fl-2008 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Ara l-premessa (53) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 82/2011.

- (88) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kost unitarju tal-produzzjoni naqas b'1 %.
- (89) Il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-industrija tal-Unjoni qed taddatta għas-sitwazzjoni tas-suq iddeterjorata permezz ta' tnaqqis tal-kapaċità tal-produzzjoni tagħha u l-kost tal-produzzjoni tagħha meta mqabblin mal-PIR tar-rieżami preċedenti. Kif spjegat fil-premessa (77), dan involva l-għeluq ta' produtturi tal-Unjoni kbar u tnaqqis fil-produzzjoni qabel il-perjodu kkonsidrat u titjib fil-produttività waqt il-perjodu kkunsidrat, kif inhu deskritt fil-premessa (84).

4.3.2. Kostijiet lavorattivi

- (90) Il-kostijiet medji lavorattivi tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi

	2012	2013	2014	PIR
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	32 266	33 259	33 516	32 638
Indiċi (2012 = 100)	100	103	104	101

Sors: It-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji

- (91) Bejn l-2012 u l-PIR, il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu stabbli. Dawn żdiedu biss marġinalment b'1 %.

4.3.3. Inventarji

- (92) Il-livelli tal-ħażniet tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 10

L-inventarji

	2012	2013	2014	PIR
Ħażniet ta' għeluq (f'm ³)	10 172	10 780	12 060	7 661
Indiċi (2012 = 100)	100	106	119	75
Il-ħażna tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	9	9	10	7
Indiċi (2012 = 100)	100	106	117	73

Sors: It-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji

- (93) Normalment, kif osservat ukoll fl-investigazzjoni oriġinali, il-okoumé plywood jiġi prodott skont l-ordnijiet li jidhru u l-livelli tal-ħażna jkunu tipikament baxxi. Madankollu, il-livelli tal-ħażna żdiedu tul il-perjodu kkunsidrat tar-rieżami preċedenti u laħqu s-6 589 m³ waqt il-PIR tar-rieżami preċedenti bħala konsegwenza ta' tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ. Waqt il-perjodu kkunsidrat tar-rieżami attwali, dawn baqgħu f'livell relattivament għoli u naqsu biss waqt il-PIR attwali. Fi kwalunkwe każ, dawn xorta baqgħu ogħla mil-livell li, b'mod raġonevoli, jista' jitqies li jirrifletti l-ammonti ta' prodotti mibjugħin iżda mhux ikkonsenjati.

- (94) Kumplessivament, il-ħażniet tal-għeluq żdiedu b'25 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-ħażniet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni naqsu minn 9 % fl-2012 għal 7 % matul il-PIR, jiġifieri b'2 punti perċentwali.

4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiżdied il-kapital

Tabella 11

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti, il-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

	2012	2013	2014	PIR
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	- 3,5	- 0,2	1,6	0,3
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	195	247	208
Fluss tal-flus (EUR)	2 212 306	3 019 172	3 020 670	1 614 559
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	136	137	73
Investimenti (EUR)	665 967	3 052 041	9 226 166	1 991 786
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	458	1 385	299
Redditi fuq l-investimenti (%)	- 8,2	- 0,4	3,9	0,7
<i>Indiċi (2012 = 100)</i>	100	195	247	208

Sors: It-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji.

- (95) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-prodott simili għall-konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Waqt il-perjodu kollu kkunsidrat, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet baxxa ferm. Il-profittabbiltà kienet negattiva fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat u saret biss marġinalment pożittiva fl-2014 u waqt il-PIR. B'mod ġenerali, din irkuprat minn -3,5 % fl-2012 għal 0,3 % waqt il-PIR. Dan il-livell huwa ferm aktar baxx minn dak osservat fir-rieżami preċedenti, fejn kien ivarja bejn 4,3 % u 9,8 %. Kif spjegat fil-premessi (86) sa (89) aktar 'il fuq, it-titjib fil-profittabbiltà rriżulta minn żieda marġinali fil-prezzijiet tal-bejgħ u fil-volumi tal-bejgħ u anki minħabba tnaqqis marġinali fil-kost tal-produzzjoni, li rriżulta wkoll parzjament minħabba titjib fil-produttività.
- (96) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja hija stess l-attività tagħha. Il-fluss tal-flus żdied mill-2012 għall-2014 u naqas waqt il-PIR, fejn laħaq livelli aktar baxxi minn dawk tal-2012. Kumplessivament, f'termini assoluti, il-fluss tal-flus kien flivell baxx tul il-perjodu kkunsidrat kollu u kien ferm aktar baxx milli waqt il-perjodu kkunsidrat tar-rieżami preċedenti, fejn kien ivarja bejn EUR 10,5 miljun u EUR 15,9 miljun. Il-livell baxx ta' fluss tal-flus huwa konformi mal-profittabbiltà baxxa osservata tul il-perjodu kkunsidrat tar-rieżami attwali.
- (97) Marbutin mat-tnaqqis fl-industrija tal-Unjoni, l-investimenti fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat (2012) kienu flivell baxx ħafna u materjalment aktar baxxi mil-livelli osservati waqt ir-rieżami preċedenti u anki aktar baxxi mil-livell neċessarju sabiex jinħoloq kumpens għad-deprezzament tal-assi fissi. Dawn laħqu livelli paragonabbli mar-rieżami preċedenti (bejn EUR 3,6 miljun u EUR 8,1 miljun) fis-snin 2013 u 2014, iżda naqsu għal darba oħra waqt il-PIR tal-investigazzjoni attwali.

- (98) Ir-redditu fuq l-investment huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-assi fiss. Bħal fil-każ tal-indikaturi finanzjarji l-oħrajn, ir-redditu fuq l-investment mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili kien negattiv fl-2012 u l-2013 u kemxejn pożittiv fl-2014 u waqt il-PIR, fejn irrifletta x-xejra ta' profittabbiltà. Kumplessivament, ir-redditu fuq l-investimenti żdied minn -8,2 % għal 0,7 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (99) Fejn tidħol il-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital, il-profitt baxx tal-industrija tal-Unjoni u l-abbiltà dgħajfa tagħha li tiġġenera l-flus kontanti għamlu ż-żieda tal-fondi ġġenerati internament baxxa ħafna. Konsegwentement, l-abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital kienet iddeterjorat minn meta sar ir-rieżami preċedenti. F'ċerti każijiet, dan ħalla impatt fuq l-abbiltà li twettaq l-investimenti.

5. Konklużjoni dwar il-ħsara

- (100) L-analiżi wriet li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni fraġli. Wara t-tnaqqis fil-konsum tas-suq tal-Unjoni wara r-rieżami preċedenti, kif inhu deskritt fil-premessa (62), l-industrija tal-Unjoni kellha tadatta għall-kundizzjonijiet tas-suq deterjorati, li tjiebu biss waqt il-PIR. L-Unjoni rreaġixxiet permezz ta' ristrutturar u tnaqqis fin-numru ta' impjegati, u dan irriżulta fl-għeluq ta' numru ta' produttori tal-Unjoni, telf sinifikanti ta' impjegati, kif ukoll tnaqqis sostanzjali fil-kapaċità ta' produzzjoni u fil-volum ta' produzzjoni meta mqabbel mar-rieżami preċedenti. Dawn l-isforzi kien qed jibda jkollhom impatt pożittiv lejn l-aħħar tal-perjodu kkunsidrat tar-rieżami attwali, fejn il-produttività tal-industrija tal-Unjoni, il-bejgħ, is-sehem mis-suq u l-profittabbiltà reġġu żdiedu. Madankollu, il-proċess ta' rkupru tal-industrija tal-Unjoni huwa wieħed kajman u għadu fi stadju bikri, minħabba li l-profitt milħuq waqt il-PIR kien baxx ħafna meta mqabbel ma' dak milħuq waqt il-perjodu kkunsidrat tar-rieżami preċedenti.

F. IL-PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA JEW TA' KONTINWAZZJONI TAL-ĤSARA

- (101) Ir-rieżami preċedenti kkonkluda li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni kkawżat minn importazzjonijiet tal-prodott kkonċernat li huwa l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ⁽¹⁾.
- (102) Wara r-rieżami preċedenti, is-suq tal-Unjoni tal-okoumé plywood kien iddeterjora b'konsum imnaqqas, kif inhu deskritt fil-premessa (63) aktar 'il fuq. Konsegwentement, l-irkupru osservat fir-rieżami preċedenti kien treġġa' lura wara u l-industrija tal-Unjoni kienet għaddiet minn serje ta' għeluq. Kien biss waqt l-aħħar sentejn tal-perjodu kkunsidrat tar-rieżami attwali li l-industrija tal-Unjoni reġġet bdiet tirreġstra l-profitti, li madankollu xorta baqgħu baxxi ħafna u biss marġinalment oġhla minn punt ta' ekwilibriju anki waqt il-PIR.
- (103) Ir-rieżami attwali wera li l-industrija tal-Unjoni qiegħda f'sitwazzjoni fraġli. Għaldaqant, l-industrija tal-Unjoni tkun partikolarment vulnerabbli jekk importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u bi prezzijiet baxxi miċ-Ċina jerġgħu jibdeu jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Huwa għalhekk tassew probabbli li d-dannu materjali jerġa' jseħħ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għadd ta' elementi jappoġġjaw din il-valutazzjoni.
- (104) L-ewwel nett, kif ġie deskritt fil-premessi (52) u (53) aktar 'il fuq, fid-dawl ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni konsidervoli tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-kapaċità żejda stmata sinifikanti taċ-Ċina u l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni, huwa probabbli li fin-nuqqas ta' miżuri l-importazzjonijiet miċ-Ċina jissoktaw fi kwantitajiet sinifikanti. Bħala indikazzjoni tal-potenzjal tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li jżidu l-produzzjoni u l-esportazzjoni tagħhom tal-okoumé plywood malajr, għandu jiġi mfakkar li fl-investigazzjoni oriġinali, il-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu kapaċi jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni minn madwar 9 500 m³ għal aktar minn 83 500 m³ finqas minn tliet snin (mill-2001 sa nofs l-2003).
- (105) L-ebda element ma nstab li jindika li l-użu tal-okoumé fil-produzzjoni tal-plywood ġie sostitwit b'mod stabbli minn speċijiet oħrajn ta' injam. L-investigazzjoni żvelat li l-produtturi Ċiniżi għadhom jużaw l-okoumé biex jimmaffaturaw il-plywood, kif muri fil-premessa (51) aktar 'il fuq, permezz tal-volum ta' produzzjoni sinifikanti tal-okoumé plywood disponibbli fiċ-Ċina. Minħabba dazji antidumping fis-seħħ, l-importazzjonijiet miċ-Ċina kważi waqfu waqt il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, kif ikkonfermat mill-investigazzjoni, kien għad hemm domanda għall-okoumé plywood fis-suq tal-Unjoni waqt l-istess perjodu.

⁽¹⁾ Ara l-premessi 64 sa 72 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 82/2011.

- (106) It-tieni nett, fir-rigward tal-livell tal-prezz probabbli, li fih il-produtturi esportaturi Ċiniżi kieku jespportaw lejn is-suq tal-Unjoni, billi ma kienx hemm importazzjonijiet miċ-Ċina waqt il-PIR, dan kien ibbażat fuq l-offerti kummerċjali lis-suq tal-Unjoni u pajjiżi terzi oħrajn ipprovduti fit-talba għal rieżami tal-iskadenza, kif deskritt fil-pemessa (45). Fuq il-bażi ta' dan, il-prezzijiet kieku jvarjaw bejn 313 EUR/m³ u 540 EUR/m³. Ir-rappreżentattività ta' dawn l-indikazzjonijiet tal-prezzijiet ġiet ikkonfermata mil-livell tal-prezz irrapportat fil-bażi ta' dejta 14(6) wara l-PIR tar-rieżami attwali, kif inhu msemmi fil-premessa (45).
- (107) Fuq din il-bażi, il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' aktar minn 100 %.
- (108) Fil-każ probabbli li l-importazzjonijiet miċ-Ċina tal-prodott ikkonċernat jergħu jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping li jkunu ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u fi kwantitajiet sinifikanti, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx f'pożizzjoni li żżomm il-livelli tal-prezzijiet attwali tagħha. Din il-probabbli ta' dipressjoni fil-prezzijiet tabilħaqq ixkekkel l-irkupru attwali u fraġli tal-industrija tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni tispiċċa ġġarrab telf malajr ħafna.
- (109) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kieku titef il-bejgħ u s-sehem mis-suq fis-suq tal-Unjoni b'mod rapidu u, konsegwentement, tonqos il-produzzjoni. B'riżultat ta' dan, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità, li kienet laqget livelli aċċettabbli biss wara proċess ta' ristrutturar sinifikanti, terġa' tonqos. Dan l-iżvilupp x'aktarx li jwassal għal aktar għeluq ta' produtturi tal-Unjoni. Fil-fatt, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni li għadha fraġli tal-industrija tal-Unjoni, mhux eskluż li anki l-eżistenza nnifisha ta' din l-industrija fl-Unjoni titqiegħed f'periklu.
- (110) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa konkluż li f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu, x'aktarx ikun hemm rikorrenza tad-dannu malajr minn importazzjonijiet mill-ġdid oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina.

G. L-INTERESS TAL-UNJONI

1. Kummenti preliminari

- (111) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antidumping eżistenti kontra ċ-Ċina tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (112) Iż-żamma ta' miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina ttejjeb il-possibbiltà għall-industrija tal-Unjoni li tilħaq livell raġonevoli ta' profittabbiltà, minħabba li dan jgħin lill-industrija tal-Unjoni żżomm il-prezzijiet tagħha fl-livelli raġonevoli li jkopru l-kost tal-produzzjoni. Il-miżuri jipprevjenu lill-produtturi esportaturi Ċiniżi milli jżidu l-volumi ta' esportazzjoni tagħhom b'mod sostanzjali fl-livelli ta' prezzijiet baxxi u oġġett ta' dumping u għalhekk jimbuttaw 'il barra mis-suq lill-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, teżisti probabbli ta' rikorrenza ta' dumping ta' dannu f'volumi sostanzjali li l-industrija tal-Unjoni ma tiflaħx għalihom, speċjalment meta wieħed jikkunsidra s-sitwazzjoni vulnerabbli tagħha wara d-deterjorazzjoni tas-suq. Il-miżuri jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tikkonsolida l-irkupru tagħha u ttejjeb l-indikaturi ekonomiċi u finanzjarji tagħha biex tilħaq profittabbiltà stabbli u sana. Min-naħa l-oħra, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, anki l-eżistenza tal-industrija tal-Unjoni titqiegħed f'periklu, u dan iwassal għall-għeluq u telf ta' impjiegi fis-suq tal-Unjoni.
- (113) Għalhekk għie konkluż li huwa ċar li iż-żamma tal-miżuri antidumping kontra ċ-Ċina tkun fl-interess ċar tal-industrija tal-Unjoni.

3. L-interessi tal-importaturi

- (114) Ġew ikkuntattjati madwar 36 importatur/utent magħrufa potenzjali fl-istadju tal-bidu u ġew mistiedna jispjegaw l-attività tagħhom u biex jimlew formola ta' kampjunar għal importaturi mhux relatati mehmuża mal-Avviż ta' Bidu, jekk applikabbli.

- (115) Tlettax-il importatur issottomettaw il-formola ta' kampjunar. Kollha indikaw li ma importawx okoumé plywood miċ-Ċina.
- (116) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza li tissuġġerixxi li l-miżuri antidumping attwali affettwaw lill-importaturi b'mod konsiderevoli, ġie konkluż li ż-żamma tal-miżuri mhijex ser taffettwa lill-importaturi tal-Unjoni b'mod sinifikanti.
- (117) Fir-rigward tal-utenti, dawk prinċipali qegħdin fl-industrija tal-bini, applikazzjonijiet industrijali bħat-trasport u l-utenti finali marittimi, u stabbilimenti oħrajn bħal tal-għamara. Dawn l-industriji jammontaw għal madwar 80 % tal-konsum tal-okoumé plywood skont it-talba għal rieżami ta-iskadenza. Utenti prinċipali oħrajn huma l-manifatturi industrijali ta' prodotti mobbli, bħal mezzi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u marittimi, u trasportazzoni vertikali (liftijiet).
- (118) L-ebda wieħed mill-utenti li ġew ikkuntattjati fl-istadju ta' bidu ma ppreżentaw kummenti. Barra minn hekk, l-ebda operatur ma ppreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tal-Avviż ta' Bidu.
- (119) Filwaqt li l-ebda assoċjazzjoni ta' utenti tal-okoumé plywood mhi magħrufa, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-"Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumatur" u stednitha taġti l-opinjoni ta' tagħha. Ma waslu l-ebda kummenti.
- (120) Barra minn hekk, l-ebda utent jew assoċjazzjoni oħra ma ressqu kummenti.
- (121) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri, ma jkollhiex impatt negattiv sinifikanti fuq l-utenti fl-Unjoni.

4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (122) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-okoumé plywood mir-RPĊ.

H. MIŻURI ANTIDUMPING

- (123) Mill-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq jirriżulta li, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' okoumé plywood li joriġina mir-RPĊ, imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 82/2011, għandhom jinżammu.
- (124) Ir-rati tad-dazju antidumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn dawn il-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz ta' tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jstgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".
- (125) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju antidumping individwali (pereżempju wara bidla fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', pereżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew bejgħ. Jekk ikun xieraq, dan ir-Regolament imbagħad jiġi emendat skont kif ikun meħtieġ billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali.
- (126) Sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' evażjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, huwa kkunsidrat li f'dan il-każ huma meħtieġa miżuri speċjali biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji antidumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu l-preżentazzjoni lill-awtoritajiet Doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjoni li ma tkunx akkumpanjata minn tali fattura għandha tkun soġġetta għad-dazju anti-dumping applikabbli għal "il-kumpaniji l-oħrajn kollha".

(127) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw mir-rati individwali inqas tad-dazju jiżiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, it-tali żieda fil-volum tista' titqies li tikkostitwixxi fiha nfisha bidla fil-mudell tan-negozju minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. Fit-tali ċirkustanzi u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkumvenzjoni. Din l-investigazzjoni, fost l-oħrajn, tista' teżamina l-bżonn tat-tneħħija tar-rati individwali tad-dazju u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju applikabbli għall-pajjiż kollu.

(128) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma esprimiex opinjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju antidumping definittiv huwa bil-preżenti impost fuq l-importazzjoni ta' okoumé plywood, iddefinit bħala plywood li jikkonsisti biss minn folji ta' injam, b'kull saff ma jaqbiżx h'xuna ta' 6 mm, b'tal-anqas saff wieħed fuq barra tal-okoumé mhux mgħotti b'film permanenti ta' materjal ieħor, u li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 4412 31 10 (kodiċi TARIC 4412 31 10 10) u joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Rata tad-dazju	Kodiċi TARIC addizzjonali
Nantong Zongyi Plywood Co. Ltd Xingdong Town, Tongzhou City, Jiangsu Province, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	9,6 %	A526
Zhejiang Deren Bamboo-Wood Technologies Co. Ltd Linhai Economic Development Zone, Zhejiang, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	23,5 %	A527
Zhonglin Enterprise (Dangshan) Co. Ltd Xue Lou Miao Pu, Dangshan County, Anhui Province 235323, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	6,5 %	A528
Jiaying Jinlin Lumber Co. Ltd North of Ganyao Town, Jiashan, Zhejiang Province, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	17 %	A529
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	66,7 %	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu/ismha u l-kariga, abbozzata kif ġej: "Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum) ta' okoumé plywood mibjuġh għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert b'din il-fattura, ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Jekk ebda fattura bħal din ma tiġi ppreżentata, għandu japplika d-dazju applikabbli fuq "Il-kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/649**tal-5 ta' April 2017****li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROCĊEDURA**1.1. Miżuri Proviżorji**

- (1) Fis-7 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju antidumping proviżorju fuq importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar f'koljaturi jew le (inklużi prodotti "cut-to-length" u "strixxi dojoq"), mhux maħdumin aktar ħlief b'laminazzjoni termali, mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin ("il-prodott ikkonċernat") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 ⁽²⁾ ("ir-Regolament proviżorju").
- (2) L-investigazzjoni kienet bdiet fit-13 ta' Frar 2016 ⁽³⁾ wara lment li kien ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2016 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("Eurofer" jew "l-ilmentatur") fisem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar.
- (3) Kif iddikjarat fil-premessa (23) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sat-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").
- (4) Kif imsemmi fil-premessa (3) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni bdiet ukoll iż-żewġ investigazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) Fit-13 ta' Mejju 2016 ⁽⁴⁾, investigazzjoni kontra s-sussidji fuq importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;
 - (b) Fis-7 ta' Lulju 2016 ⁽⁵⁾, investigazzjoni antidumping dwar importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, is-Serbja u l-Ukrajna.

1.2. Reġistrazzjoni

- (5) Kif iddikjarat fil-premessa (4) tar-Regolament proviżorju, fil-5 ta' April 2016 min għamel l-ilmenti ppreżenta talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mir-RPĊ tal-prodott ikkonċernat. Fit-2 ta' Ġunju 2016, min għamel l-ilment aġġorna t-talba billi pprova *data* finanzjarja aktar reċenti, iżda fil-11 ta' Awwissu 2016, irtiraha.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1778 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠUL 272, 7.10.2016, p. 33).⁽³⁾ ĠU C 58, 13.2.2016, p. 9.⁽⁴⁾ Notifika ta' bidu ta' proċediment antisussidji dwar importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 172, 13.5.2016, p. 29).⁽⁵⁾ Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping dwar importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja, is-Serbja u l-Ukrajna (ĠU C 246, 7.7.2016, p. 7).

1.3. Proċedura sussegwenti

- (6) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li abbażi tagħhom ġie impost id-dazju antidumping proviżorju (id-divulgazzjoni proviżorja), għadd ta' partijiet interessati għamlu preżentazzjonijiet bil-miktub. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-oportunità.
- (7) Kif stipulat fid-dettall fil-premessi minn (135) u segwenti hawn taħt, parti interessata ġiet mistiedna mis-servizzi tal-Kummissjoni biex titlob l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta f'ċerti proċeduri kummerċjali ("l-Uffiċjal tas-Seduta") dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli proviżorji u dwar id-dritt tagħha li jkollha aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali. Is-seduta ta' smiġh saret fis-7 ta' Frar 2017.
- (8) Il-Kummissjoni kompliet tfttex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għall-konklużjonijiet definittivi tagħha. Biex ikollha aktar informazzjoni komprensiva għad-dispożizzjoni tagħha dwar l-ispejjeż ta' produzzjoni tal-Unjoni (skont it-tip ta' prodott għal kull trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni), il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun intalbu jipprovdur *data* addizzjonali. Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kollha pprovdew l-informazzjoni mitluba.
- (9) Il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet biħsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkumentaw dwar id-divulgazzjoni definittiva.
- (10) Fejn xieraq, il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu.

1.4. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili

- (11) Il-premessa (24) tar-Regolament proviżorju stipulat id-definizzjoni proviżorja tal-prodott ikkonċernat.
- (12) Il-premessi minn (29) sa (35) tar-Regolament proviżorju stipulaw it-talba minn produttur esportatur Ċiniż u minn importatur biex l-azzar tal-ġhodda u l-azzar ta' veloċità għolja jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott, u r-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni eskudiet proviżorjament l-azzar tal-ġhodda u l-azzar ta' veloċità għolja mill-ambitu tal-prodott.
- (13) Wara d-divulgazzjoni definittiva l-ilmentatur tenna l-kumment tiegħu li din it-talba ma' kellhiex bażi soda u li hemm riskju ta' ċirkomvenzjoni fil-każ li dawn it-talbiet jiġu aċċettati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni osservat li hi diġà kkunsidrat ir-riskju ta' evażjoni fl-istadju proviżorju. Kif stipulat fil-premessa (34) tar-Regolament proviżorju, hija kkonstatat li l-importazzjonijiet tal-azzar tal-ġhodda u l-azzar ta' veloċità għolja, mill-aspett ta' volum jirrappreżentaw madwar 1,25 % tal-importazzjonijiet totali Ċiniżi matul l-2015, u li jaqgħu taħt kodiċijiet NM speċifiċi differenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda evidenza li tista' tindika bidla fil-mudell tan-negożju wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, u dan jissuġġerixxi evażjoni potenzjali.
- (14) Minħabba r-raġunijiet stipulati fil-premessi minn (32) sa (34) tar-Regolament proviżorju u fin-nuqqas ta' fatti jew evidenza ġodda, il-Kummissjoni żammet mad-deċiżjoni tagħha li teskludi l-azzar tal-ġhodda u l-azzar ta' veloċità għolja mill-ambitu tal-prodott.
- (15) Il-premessi minn (36) sa (37) tar-Regolament proviżorju stipulaw it-talba ta' utent Taljan biex jiġu esklużi tipi ta' prodotti oħrajn mill-ambitu tal-prodott. Kif iddikjarat fil-premessi (38) u (39) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni proviżorjament irrifjutat dawn it-talbiet iżda ddikjarat li tinvestiga ulterjorment din it-talba għall-esklużjoni tal-prodotti. Wara d-divulgazzjoni proviżorja, dan l-utent Taljan tenna t-talba tiegħu.
- (16) Matul iżjara ta' verifika fil-post tal-kumpanija, il-Kummissjoni ppruvat tiċċara l-punti li semma dan l-utent.
- (17) Iżda l-utent ma offra l-ebda element ġdid matul dawn id-diskussjonijiet. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ħadhet dawn it-talbiet u kkonfermat il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi (38) u (39) tar-Regolament proviżorju.
- (18) Wara d-divulgazzjoni finali, l-utent Taljan tenna t-talba tiegħu li tipi tal-azzar Liberi mill-Interstizji (IF), tipi ta' azzar b'fażi doppja, tipi ta' azzar tal-karbonju għoli, u tipi ta' azzar mhux bil-granijiet orjentati jiġu esklużi. Dan l-utent irrefera għal diskussjoni mal-investigaturi tal-Kummissjoni li matulha l-utent qal li l-Uffiċjali tal-Kummissjoni aċċettaw li hemm differenza f'dawk li huma karatteristiċi kimiċi u iżi finali bejn tipi "ordinarji" u tipi oħrajn ta' kwalità għolja tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, dan l-utent irrefera għal żewġ investigazzjonijiet oħra fejn il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi ċerti tipi ta' prodotti. L-ewwel każ kien investigazzjoni

kontra ċirkomvenzjoni li tirrigwarda ċerti fojl tal-aluminju mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bbażata fuq modifika żgħira allegata tal-prodott. F'dak il-każ, tip partikolari ta' fojl tal-aluminju użat għal ipproċessar ulterjuri ġie allegatament eskluż mill-estensjoni għall-prodott f'it modifikat ⁽¹⁾. It-tieni każ kien jirrigwarda investigazzjoni dwar ċerti tipi ta' azzar li huma reżistenti għall-korrożjoni (corrosion resistant steels -CRS) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ⁽²⁾, fejn l-ambitu tal-prodott ġie definit tali biex jeskluđu l-gradi awtopropulsivi mill-ambitu tal-miżuri.

- (19) Il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba. L-ewwel, il-laqgħa li saret fil-bini tal-kumpanija kienet skambju ta' informazzjoni biex jiġu ċċarati ċerti punti li indika l-utent. L-utent ma jistax inissel aspettattivi leġittimi minn tali tip ta' laqgħa informali. Barra minn hekk, kuntrarju għal dak li qed jgħid l-utent, l-investigaturi tal-Kummissjoni qatt ma qablu li kien hemm differenza bejn ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat f'termini ta' karatteristiċi kimiċi u użi finali. It-tieni, huwa minnu li d-deskrizzjoni attwali u l-kodiċi NM tal-prodott ikkonċernat jinkludu varjetà wiesgħa ta' tipi mill-perspettiva ta' kwalità. Madankollu, il-produzzjoni ta' tipi ta' kwalità għolja tal-prodott ikkonċernat kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-produtturi esportaturi hija inerenti għall-proċess tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, u tipi ogħla ta' kwalità isiru mill-istess materjal bażiku u bl-istess apparat ta' produzzjoni. Għalhekk, dan l-argumenti mhux suffiċjenti biex iwassal għall-konklużjoni mitluba mill-utent. It-tielet, iż-żewġ każijiet li jirreferi għalihom l-utent jinsabu għaddejjin u għadha ma saret l-ebda konklużjoni finali. Aktar minn hekk, waħda miż-żewġ każijiet (il-każ li jikkonċerna t-tip partikolari ta' fojl tal-aluminju) tirrigwarda każ kontra ċ-ċirkomvenzjoni, u għaldaqstant mhux rilevanti. Ir-raba', għat-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat inklużi l-hekk imsejja tipi ta' kwalità għolja, mhux possibbli li tiġi identifikata d-differenza bejn il-ħafna tipi tal-prodott ikkonċernat abbażi ta' spezzjoni viżiva, u għalhekk esklużjoni ma tkunx maniġġabbli mill-awtoritajiet doganali. Il-ħames, f'ħafna każijiet, il-prodotti lanqas biss jistgħu jingħarfu minn analiżi kimika jew minn testijiet mikrostrutturali, minħabba li tali karatteristiċi speċifiċi jiffaċċaw biss matul il-proċess ulterjuri ta' rrumblar bil-kiesi. Bħala konklużjoni, dawn it-tipi ta' kwalità relattivament ogħla jissodisfaw għal kollox ukoll id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, u l-ebda argument konvinċenti ma ġie ppreżentat biex jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott ikkonċernat.
- (20) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor dwar l-ambitu tal-prodott u l-prodott simili, il-konklużjonijiet li waslu għalihom fil-premessi minn (24) sa (28) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.
- (21) Il-prodott ikkonċernat huwa b'hekk definit bħala ċerti prodotti tal-ħadid irrumblati ċatti, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar, f'koljaturi jew le (inklużi prodotti "cut-to-length" u "strixxi dojq"), mhux maħdumin aktar ħliet b'laminazzjoni termali, mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin li joriġinaw fir-RPĊ.

Il-prodott ikkonċernat ma jinkludix:

- prodotti tal-azzar inossidabbli u azzar elettriku tas-siliċju bil-granijiet orjentati,
- prodotti tal-azzar tal-għodda u azzar b'veloċità għolja,
- prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinj f'riljev, ta' hxa li taqbeż l-10 mm u ta' wiśa' ta' 600 mm jew aktar, u
- prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinj f'riljev, ta' hxa ta' 4,75 mm jew aktar iżda li ma taqbiżx l-10 mm u ta' wiśa' ta' 2 050 mm jew aktar.

⁽¹⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/865 tal-31 ta' Mejju 2016 li jniedi investigazzjoni dwar l-evazzjoni possibbli tal-miżuri kontra d-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2384 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, permezz ta' importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju kemm kemm immodifikati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 144, 1.6.2016, p. 35).

⁽²⁾ Proċeduri Relatati mal-Implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni, Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrożjoni li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 459, 9.12.2016, p. 17).

Il-prodott ikkonċernat bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, ex 7225 19 10, 7225 30 90, ex 7225 40 60, 7225 40 90, ex 7226 19 10, 7226 91 91 u 7226 91 99.

2. ID-DUMPING

2.1. Il-valur normali

- (22) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, u wara d-divulgazzjoni definittiva, l-Assoċjazzjoni Ċiniża tal-Hadid u l-Azzar (Chinese Iron and Steel Association, CISA) qalet li d-differenza bejn il-marġnijiet tad-dannu u tad-dumping tqajjem dubji dwar il-preċiżjoni tal-metodoloġija tal-Kummissjoni. Is-CISA stmat li l-valur normali fil-pajjiż analogu kien 61 % ogħla mill-prezz indikattiv tal-industrija tal-Unjoni. Skont is-CISA, il-valuri normali pprovduti minn produttur li huwa relatat mal-ilmentatur, kif inhu l-każ fl-investigazzjoni attwali, xi drabi huma għoljin wisq.
- (23) Barra minn hekk, is-CISA qalet li, jekk id-*data* hija korretta fattwalment, fid-dawl ta' differenza bħal din, il-Kummissjoni jinħtieġ li tinvalida l-għażla tal-Istati Uniti bħala pajjiż analogu validu, tagħmel aġġustamenti fid-*data* jew, minflok, tuża *data* tal-UE.
- (24) Skont id-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija intitolata li tuża l-prezzijiet ta' kumpaniji relatati mal-produtturi tal-UE meta l-pajjiż analogu jkun xieraq. Dan kien il-każ fl-investigazzjonijiet dwar żbarri u vireg tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi għar-rinfurzar tal-konkrit (l-Afrika t'Isfel) ⁽¹⁾ u dwar prodotti tal-azzar irrumbliati ċatti fil-kiesaħ (il-Kanada) ⁽²⁾, kif semmiet is-CISA stess. L-eżistenza ta' relazzjoni bejn il-produttur tal-pajjiż analogu u produttur tal-Unjoni ma tinvalidax u lanqas ma taffettwa d-determinazzjoni tal-valur normali li huwa bbażat fuq *data* vverifikata kif xieraq.
- (25) Il-kalkoli dwar il-valur normali saru u ġew validati skont in-normi ġuridiċi applikabbli. Huma fattwalment korretti.
- (26) L-Istati Uniti huma suq kompetittiv b'għaxar produtturi domestiċi u importazzjonijiet sostanzjali minn ħafna ta' pajjiżi. Għandhom miżuri antidumping u miżuri kompensatorji fis-seħħ li jippermettu lill-kumpaniji tagħhom joperaw f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. B'hekk, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni għaliex ma għandhomx jintużaw il-prezzijiet tal-Istati Uniti. Barra minn hekk, ma nġhatat l-ebda evidenza ta' sostenn li tiġġustifika li jsir aġġustament.
- (27) Wara d-divulgazzjoni definittiva, parti waħda interessata reġgħet esprimiet dubju dwar l-għażla tal-Istati Uniti tal-Amerika bħala pajjiż analogu validu fil-każ preżenti, billi esprimiet dubju dwar l-affidabilità tal-valur normali f'dak il-pajjiż li sabet li huwa għoli wisq meta mqabbel mal-prezz fis-suq tal-Unjoni. Minħabba li d-*data* tal-pajjiż analogu ġiet ivverifikata u nstabt li hija korretta, l-argument ġie miċħud.
- (28) Rigward is-suġġeriment dwar il-prezzijiet effettivament imħallsin jew li għandhom jitħallsu fl-Unjoni, l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jippermetti l-użu ta' dawn il-prezzijiet biss meta l-użu tal-prezzijiet jew l-esportazzjonijiet ta' pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ma jkunx possibbli. Peress li l-użu tal-prezzijiet tal-Istati Uniti tal-Amerika (il-metodu tal-pajjiż analogu) huwa possibbli fil-każ attwali, dan is-suġġeriment ġie rifjutat.
- (29) B'hekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha dwar il-valur normali.

2.2. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni

- (30) Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni għamlet aġġustamenti fit-tranżazzjonijiet fejn il-produtturi esportaturi jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu ta' importatur.

⁽¹⁾ ĠUL 23, 29.1.2016, p. 16.

⁽²⁾ ĠUL 210, 4.8.2016, p. 1.

- (31) Dawn l-aġġustamenti saru b'referenza għall-profitt effettiv tal-importaturi relatati.
- (32) Minħabba r-relazzjoni bejn dawn il-produtturi esportaturi u n-negozjanti/importaturi relatati, il-profitti effettivi tal-importaturi relatati għandhom madankollu jitqiesu bħala mhux affidabbli. Għal din ir-raġuni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, jinħtieġ li jiġi stabbilit marġni ta' profitt adegwat mill-awtorità tal-investigazzjoni fuq bażi raġonevoli. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-profitti magħmulin minn importatur mhux relatat jikkostitwixxu bażi raġonevoli f'din is-sitwazzjoni.
- (33) Madankollu, billi l-Kummissjoni ma kellhiex il-kooperazzjoni ta' importatur mhux relatat matul din l-investigazzjoni, irrikorriet għall-profitt ta' importatur mhux relatat ta' prodott li jixxiebah. B'hekk, il-Kummissjoni għamlet użu mill-profitt ta' importatur ta' prodotti tal-azzar ċatti b'laminazzjoni kiesħa, li jixbhu ħafna l-prodott ikkonċernat, kif spjegat fil-premessa (221) tar-regolament proviżorju. Dan il-profitt ġie ddeterminat fl-investigazzjoni dwar il-prodotti ċatti b'laminazzjoni kiesħa tal-azzar imsemmijin fil-premessa (24) hawn fuq. Il-kalkolu tal-prezzijiet tal-esportazzjoni ġie aġġustat bix-xieraq.

2.3. Il-paragun

- (34) Il-produttur esportatur Jiangsu Shagang Group sostna li l-Kummissjoni ma żvelatx l-aġġustamenti kollha li saru fuq il-prezz tal-esportazzjoni ta' Shagang u għamel referenza għal aġġustament speċifiku. Il-Kummissjoni ċċarat li l-bażi legali għal dan l-aġġustament kien l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku minħabba li jirreferi għal valwazzjoni pożittiva li rċeviet kumpanija relatata li twettaq funzjonijiet li jixbhu lil dawk ta' aġent li jaħdem abbażi ta' kummissjoni. Bħala risposta, Shagang sostna li jinħtieġ li huwa jiġi kkunsidrat bħala entità ekonomika waħda flimkien mal-kumpaniji relatati tiegħu u, b'hekk, jinħtieġ li dan l-aġġustament ma jsirx. Fis-16 ta' Novembru 2016, wara talba minn Shagang, saret seduta ta' smigħ bejn Shagang u s-servizzi tal-Kummissjoni biex jiddiskutu ulterjorment din il-kwistjoni. Barra minn hekk, wara d-divulgazzjoni definittiva, fit-12 ta' Jannar 2017, sar it-tieni smiegħ biex fost l-oħrajn jiġi diskuss dan l-argument.
- (35) Shagang tenniet li l-kumpaniji relatati tagħha (żewġ negozjanti f'Hong Kong u Singapore, rispettivament) jitrattaw il-prodotti ta' Shagang, f'dak li jirrigwarda prodotti tal-azzar biss, u l-fatt li ż-żewġ negozjanti relatati huma involuti wkoll fil-kummerċ ta' prodotti (għajr azzar) li ma tipproduċihomx Shagang huwa irrelevanti biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' entità ekonomika unika.
- (36) Skont il-każistika stabbilita, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma meħtieġa li jikkunsidraw il-fatturi kollha neċessarji biex jiġi determinat jekk in-negozjant relatat iwettaqx il-funzjonijiet ta' dipartiment integrat tal-bejgħ f'dak il-produttur u li dawk il-fatturi ma jistgħux ikunu limitati għall-prodott ikkonċernat. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom id-dritt li jikkunsidraw fatturi bħall-bejgħ minn negozjanti ta' prodotti li mhumiex il-prodott ikkonċernat kif ukoll il-bejgħ ta' tali negozjant ta' prodotti li huma furnuti minn produtturi li mhumiex il-produttur relatat miegħu. Skont dan, il-Kummissjoni analizzat ħafna fatturi u stabbilixxiet, fost l-oħrajn, li: (i) kien hemm żieda konsistenti fil-prezz mitlub minn kumpanija relatata fiċ-Ċina lin-negozjanti relatati tagħha barra mill-pajjiż; (ii) l-attività ewlenija ta' dawn in-negozjanti, li tammonta għal madwar 90 % tal-fatturat tagħhom, kienet tikkonsisti fil-kummerċ ta' prodotti li mhumiex il-prodott ikkonċernat inkluż attivitajiet kummerċjali ma' partijiet mhux relatati; (iii) f'ċerti każi, instab li kienu tħallsu tariffi u spejjeż fuq bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni; (iv) il-liċenzja kummerċjali ta' wieħed minn dawn in-negozjanti relatati kienet tiddekrivi l-attivitajiet prinċipali tagħha bħala "bejgħ bl-ingrossa fuq il-bażi ta' kummissjoni jew kuntratt, pereż. kummissjonarji", (v) fuq il-bażi tar-rapport tal-introjtu ġie stabbilit li l-profitt tan-negozjanti relatati nfushom kien ikopri l-ispejjeż kollha relevanti, minflok ma dawn l-ispejjeż ġew koperti mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-kumpanija omm. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-negozjanti relatati u Shagang ma jiffurmawx entità ekonomika unika. Għalhekk it-talba ġiet rifjutata u l-aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku nżamm.

2.4. Il-marġni tad-dumping

- (37) Minħabba l-korrezzjoni li saret fid-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni msemmi fil-premessa (33) iktar 'il fuq, il-marġnijiet tad-dumping ta' żewġ gruppi ta' kumpaniji ġew ikkalkulati mill-ġdid u dan wassal għal żieda żgħira. Din iż-żieda kellha impatt ukoll fuq il-marġni ta' dumping tal-kumpaniji l-oħrajn kollha, kemm dawk li kkooperaw kif ukoll dawk li ma kkooperawx, minħabba li dan il-marġni huwa bbażat fuq il-marġnijiet tal-kumpaniji li kkooperaw.

- (38) Il-marġnijiet definittivi tad-dumping mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 1

Marġnijiet ta' dumping, ir-RPĊ

Produtturi esportaturi Ċiniżi	Marġni ta' dumping definittiv
Bengang Steel Plates Co., Ltd	97,3 %
Hesteel Group Co., Ltd	95,5 %
Jiangsu Shagang Group	106,9 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	100,5 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	106,9 %

3. DANNU**3.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

- (39) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kument fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stipulati fil-premessi minn (62) sa (66) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.2. Il-Konsum tal-Unjoni

- (40) Parti interessata qalet li l-konsum kumplessiv tal-Unjoni ġie sottovalutat minħabba li l-bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni lil kumpaniji relatati, li jsir f'kundizzjonijiet komparabbli lil dawk li jingħataw lis-suq ħieles, ġew esklużi mill-kalkolu tal-konsum tal-Unjoni.
- (41) Din it-talba ma ntlagħhetx: L-ewwel, kif stipulat fil-premessa (69) tar-Regolament proviżorju, id-distinzjoni bejn is-suq magħluq u s-suq ħieles hija rilevanti għall-analiżi tad-dannu għaliex il-prodotti maħsuba għal użu ristrett mhumiex esposti għall-kompetizzjoni diretta mill-importazzjonijiet, u l-prezzijiet ta' trasferiment huma f'fissati fil-grupp skont politiki differenti tal-prezzijiet. Għall-kuntrarju, il-produzzjoni destinata għas-suq ħieles hija f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, u l-prezzijiet huma prezzijiet tas-suq ħieles. It-tieni, is-suq ħieles kumplessiv jinkludi bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati u bejgħ mhux magħluq lil kumpaniji relatati. Ġie investigat u kkonfermat li dan il-bejgħ mhux ristrett huwa tabilħaq bejgħ bil-prezzijiet tas-suq u li l-konsumatur relatat kellu għażla ħieles ta' fornitur, irrISPETTIVAMENT minn jekk il-fornitur kienx relatat jew le. B'konsegwenza ta' dan, il-konsum tal-Unjoni (suq ħieles) ma ġiex sottovalutat.
- (42) F'dan ir-rigward, fit-Tabella 2 u t-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju, l-iżvilupp tal-konsum tal-Unjoni fis-suq magħluq u fis-suq ħieles kien irrapportat u spjegat. Jekk wieħed jgħaqqad iż-żewġ tabelli, jirriżulta li l-konsum kumplessiv (li allura jinkludi s-suq magħluq u dak ħieles) evolva kif ġej tul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 2

Konsum kumplessiv (suq magħluq u ħieles) (tunnellati)

	2012	2013	2014	PI
Konsum kumplessiv	72 181 046	74 710 254	76 026 649	77 427 389
Indiċi (2012 = 100)	100	104	105	107

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer, u l-Eurostat

- (43) It-tabella ta' hawn fuq turi li l-konsum kumplessiv żdied sa livell li kien f'it ogħla fil-perjodu ta' investigazzjoni milli fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat. Din ix-xejra hija spjegata miż-żieda fil-konsum ristrett li, f'termini assoluti, kien iktar b'saħħtu miż-żieda fil-konsum tas-suq ħieles.
- (44) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha li huma stipulati fil-premessi minn (67) sa (74) tar-Regolament proviżorju dwar il-konsum tal-Unjoni.

3.3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

- (45) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment fir-rigward tal-volum, is-sehem tas-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-Kummissjoni kkonfermat ukoll il-konklużjonijiet tagħha stipulati fil-premessi minn (75) sa (82) tar-Regolament proviżorju dwar dawn is-suġġetti.

3.4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

3.4.1. Rimarki ġenerali

- (46) Ma wasal l-ebda kumment dwar din il-parti tar-Regolament proviżorju.

3.4.2. L-indikaturi makroekonomiċi

- (47) Wara l-miżuri proviżorji, parti interessata sostniet li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi makroekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni juru xejra pożittiva u ma qablitx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali.
- (48) Din it-talba ma ntlaghetx. L-ewwel, fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni ma ddikjaratx li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali. Għall-kuntrarju, fil-premessa (119) tar-Regolament proviżorju ddikjarat li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni dgħajfa fl-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni iżda mhux sal-punt li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali matul il-perjodu kkunsidrat fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku. It-tieni, f'dan ir-rigward, kif deskritt fil-premessa (117) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rreferiet għall-fatt li xi indikaturi makroekonomiċi (bħall-volumi tal-produzzjoni, u r-rati tal-użu tal-kapaċità minħabba ż-żieda fil-konsum ristrett u ħieles) kienu għadhom isegwu xejra pożittiva.
- (49) B'hekk il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stipulati fil-premessi minn (87) sa (103) tar-Regolament proviżorju rigward l-indikaturi makroekonomiċi.

3.4.3. L-indikaturi mikroekonomiċi

- (50) L-istess parti interessata nnutat li matul il-perjodu kkunsidrat, indipendentement mill-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina (baxx jew għoli), il-kost ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu dejjem ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom, ħlief fis-sena 2014 li kienet l-unika eċċezzjoni. Hija indikat ukoll li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun baqgħu fil-biċċa l-kbira ma jagħmlux profit matul il-perjodu kkunsidrat. B'hekk, din il-parti interessata talbet lill-Kummissjoni biex tinvestiga ulterjorment għaliex:
- (a) Il-produtturi tal-azzar tal-Unjoni fil-kampjun ġarrbu, matul il-perjodu 2012-2013, l-akbar telf tagħhom meta l-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu f'livell baxx u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu daqs jew ogħla minn daww tal-industrija tal-Unjoni;
- (b) Matul l-istess perjodu, il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom kienu aktar baxxi mill-kost ta' unità tal-produzzjoni.
- (51) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet l-ewwel għall-premessa (106) tar-Regolament proviżorju. Hemm, il-Kummissjoni ddikjarat li l-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet ġiet affettwata b'mod negattiv fl-2012 u l-2013 mill-konsegwenzi tal-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro, kif ukoll mit-tnaqqis fid-domanda għall-azzar fl-2012. Fl-2014, l-industrija tal-Unjoni bdiet proċess ta' rkupru li kompli wkoll fl-ewwel nofs tal-2015. Dan it-titjib temporanju tal-industrija tal-UE kien dovut għaż-żieda fl-isforzi tagħhom biex jibqgħu kompetittivi, b'mod partikolari biż-żieda fil-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni. It-tieni, kif imsemmi

fil-premessa (107) tar-Regolament proviżorju, l-kost tal-produzzjoni baqgħu ġeneralment ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ, li kienu qed jonqsu, u sabiex jiġi limitat it-telf fis-sehem mis-suq, il-produtturi tal-Unjoni seggew l-ispiral 'l isfel fil-prezzijiet u naqqsu b'mod sinifikanti l-prezz tal-bejgħ tagħhom, b'mod partikolari matul l-2015. Bħala riżultat, il-Kummissjoni kkunsidrat li kienet investigat u ċċarat dawn l-elementi biżżejjed.

- (52) L-istess parti interessata qalet ukoll li, meta kkalkulat b'lura l-kwantità tal-bejgħ abbażi tat-Tabelli 7 u 14 tar-Regolament proviżorju, sabet li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun jirrappreżentaw biss 31 % tal-volum tal-bejgħ kumplessiv tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li l-premessa (64) tar-Regolament proviżorju tiddikjara li jirrappreżentaw 45 % tal-produzzjoni kumplessiva tal-Unjoni. Din il-parti interessata qalet li differenza kbira bħal din tqajjem dubju dwar ir-rappreżentanza tal-kampjun, u li kwalunkwe bidla fil-kampjun setgħet wasslet għal konklużjonijiet kompletament differenti dwar id-dannu.
- (53) Kif imsemmi fil-premessa (64) tar-Regolament proviżorju, il-produzzjoni kumplessiva tal-Unjoni ġiet stabbilita għal madwar 74,7 miljuni. Dan jinkludi kemm is-suq ħieles kif ukoll is-suq magħluq. Għall-kuntrarju, it-Tabelli 7 u 14 fir-Regolament proviżorju jirreferu b'mod ċar għas-suq ħieles biss. B'hekk, jinkludu biss il-bejgħ fis-suq ħieles. Id-differenza li nstabet hija spjegata mill-fatt li l-produzzjoni kumplessiva użata fit-tqabbil li għamlet din il-parti interessata kienet tinkludi l-bejgħ ristrett, meta kellha tinkludi biss il-bejgħ fis-suq ħieles. Bħala konsegwenza, ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandu jkun hemm dubju dwar ir-rappreżentattività tal-kampjun magħżul.
- (54) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stipulati fil-premessi minn (104) sa (116) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.4.4. Konklużjoni dwar id-dannu

- (55) Abbażi tal-analiżi tal-kummenti, kif imqassra fil-premessi (39) sa (54) iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stipulati fil-premessi minn (117) sa (119) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni dgħajfa fl-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni iżda mhux sal-punt li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali matul il-perjodu kkunsidrat fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

4. THEDDIDA TA' DANNU

- (56) Skont il-każistika, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, f'ċerti ċirkostanzi huma intitolati li jqisu *data* mill-perjodu wara l-investigazzjoni meta jmexxu investigazzjonijiet antidumping li jkunu nbdew fuq il-bażi ta' allegazzjonijiet ta' theddida ta' dannu. Tabilħaqq, il-każistika tqis li d-deċiżjoni dwar jekk hemmx theddida ta' dannu, tirrekjedi, min-natura tagħha, analiżi prospettiva. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(9) tar-regolament bażiku jirrikjedi li l-konstatazzjoni ta' theddida ta' dannu materjali trid tkun ibbażata fuq fatti u mhux fuq sempliċi allegazzjoni, tbassir jew possibbiltà remota u li bidla fiċ-ċirkustanzi li toħloq sitwazzjoni ta' dumping li jikkawża dannu trid tkun prevista b'mod ċar u tkun imminenti.
- (57) Kif awtorizzata mill-każistika, u kif indikat fil-premessa (122) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kompliet bl-analiżi prospettiva tagħha wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, prinċipalment permezz tal-ġbir ta' *data* mit-tieni nofs tal-2016 għall-fatturi kollha li kienet investigat b'mod proviżorju, u permezz ta' analiżi dwar jekk din id-*data* addizzjonali setgħetx tintuża' biex tikkonferma jew tinvalida l-konklużjonijiet ibbażati fuq dik id-*data* mill-perjodu ta' investigazzjoni.
- (58) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Bażiku, li japplika l-istess għal investigazzjonijiet li jinbdew fuq il-bażi ta' allegazzjonijiet ta' theddida ta' dannu, konklużjonijiet rappreżentattivi jridu jkunu bbażati fuq perjodu li jkun skada qabel il-bidu tal-proċeduri. L-għan ta' dan il-prinċipju huwa li jiġi żgurat li r-riżultati tal-investigazzjoni jkunu rappreżentattivi u affidabbli, billi jiżgura li l-fatturi li fuqhom jiġu stabbiliti d-dumping u d-dannu ma jkunux influwenzati mill-imġieba mill-produtturi kkonċernati wara li tkun bdiet il-proċedura antidumping, u għaldaqstant li d-dazju definitiv antidumping impost bħala riżultat tal-proċedura jkun xieraq għal rimedju effikaċi tad-dannu kkawżat mid-dumping.

4.1. Rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni li tindika l-probabilità ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet

4.1.1. Aġġornament tad-data wara l-PI

- (59) Kif stipulat fil-premessa (124) tar-Regolament proviżorju, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu b'mod sinifikanti minn 246 720 għal 1 519 304 tunnellati bejn l-2012 u l-perjodu tal-investigazzjoni. L-istess premessa semmiet ukoll li l-volum tal-importazzjonijiet Ċinzi żdied ulterjorment (bi 8,5 %) fl-ewwel nofs tal-2016 (773 275 tunnellata) meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2015 (712 390 tunnellata).
- (60) Id-data disponibbli għall-perjodu addizzjonali minn Lulju sa Settembru 2016 turi li l-importazzjonijiet Ċinzi li huma oġġett ta' dumping bdew jonqsu meta mqabbla mal-PI (2015) u mal-perjodu ta' wara l-PI minn Jannar sa Ġunju 2016, bħala espressjoni bbażata fuq il-medji ta' kull xahar.

Tabella 3

L-evoluzzjoni tal-volum tal-importazzjonijiet Ċinzi (tunnellati)

	2014	PI (2015)	Jannar — Ġunju 2016	Lulju — Settembru 2016
Volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina	592 104	1 519 304	773 275	296 267
Medja ta' kull xahar ta' importazzjonijiet Ċinzi	49 342	126 608	128 879	98 756

Sors: Eurostat

- (61) Il-Kummissjoni b'hekk ikkonkludiet li x-xejra ta' żieda fil-volumi waqfet. Madankollu, waqt li kienet qed tivvaluta s-sinifikat u l-affidabbiltà ta' dawn iċ-ċifri biex tiġi kkonfermata jew invalidata l-analiżi tat-theddida ta' dannu, il-Kummissjoni osservat ukoll li:
- (a) Il-volumi tal-importazzjonijiet medji Ċinzi fix-xahar matul il-perjodu Lulju — Settembru 2016 għadhom id-doppju tal-importazzjonijiet medji fix-xahar fl-2014;
- (b) It-tnaqqis fl-importazzjonijiet medji Ċinzi fix-xahar bejn Lulju 2016 u Settembru 2016 (imqabbel mal-2015) jista' jiġi spjegat minn dawn li ġejjin:
- l-effett disważiv tat-talba tal-ilmentatur għar-reġistrazzjoni fil-5 ta' April 2016 u l-aġġornament tagħha f'Ġunju 2016 (li madankollu ġiet irtirata biss f'nofs Awwissu 2016);
 - l-adozzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1329⁽¹⁾, li skonthom ingābru retroattivament id-dazji antidumping għall-ewwel darba u;
 - l-għarfien dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar miżuri proviżorji fi żmien tmien (8) xhur mill-bidu (minflok disa' (9) xhur).

4.1.2. Kummmenti minn partijiet interessati wara r-Regolament proviżorju

- (62) Parti interessata argumentat li l-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha prinċipalment fuq sett ta' data, jiġifieri minn tmien l-2015, li kellha aktar minn disa' xhur fiż-żmien tal-investigazzjoni u li ma tistax tagħti l-aktar indikazzjoni affidabbli dwar il-probabbiltà ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet. Barra minn hekk, argumentat ukoll li analiżi tax-xejriet tal-importazzjoni għal perjodu ta' żmien rappreżentattiv kienet turi li l-volumi tal-importazzjonijiet qed jonqsu. Bħala riżultat ta' dan, din il-parti interessata kkwalifikat l-analiżi tal-Kummissjoni dwar it-theddida ta' dannu bħala difettuża.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1329 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi d-dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet reġistrati ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 27).

- (63) L-ewwel, il-Kummissjoni nnutat li kienet ipprovdiet id-*data* kollha li kienet disponibbli dak iż-żmien fil-premessa (124) tar-Regolament proviżorju, kemm għall-perjodu kkunsidrat kif ukoll għall-perjodu ta' wara l-investigazzjoni. It-tieni, il-Kummissjoni reġgħet aġġornat l-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi fil-premessa (60). F'dak l-aġġornament, il-Kummissjoni tabilħaqq innutat li hemm tnaqqis fil-volumi medji fix-xahar tal-importazzjonijiet Ċiniżi minn Lulju 2016 'il quddiem. Madankollu, dan it-tnaqqis jista' jiġi spjegat mir-raġunijiet kif imsemmija fil-premessa (61).

4.1.3. Kummenti minn partijiet interessati wara d-divulgazzjoni definittiva

- (64) Wara d-divulgazzjoni definittiva, iċ-China Iron and Steel Association (CISA) minn naħa waħda laqgħet l-użu li għamlet il-Kummissjoni minn *data* addizzjonali ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni, iżda min-naħa l-oħra argumentat li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi minn Lulju 2016 'il quddiem kienet żbaljata. Il-parti interessata ddikjarat li, minn aspett fattwali, il-volumi ta' importazzjonijiet Ċiniżi bdew jonqsu b'mod konsistenti sa mill-bidu tal-2016. Barra minn hekk, hija argumentat li l-Kummissjoni kienet qed tikser il-prinċipju ġenerali tal-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku billi ddikjarat li l-aktar tnaqqis reċenti ta' esportazzjonijiet Ċiniżi x'aktarx li jkunu fenomenu temporanju minħabba li deċiżjoni dwar theddida ta' dannu materjali trid "tkun ibbażata fuq il-fatti u mhux fuq allegazzjoni, tbassir jew possibbiltà remota". Għaldaqstant hija talbet li l-Kummissjoni tikkunsidra l-iktar *data* reċenti ta' wara l-PI fuq il-bażi tal-fatti biss, u ma tinterpretax id-*data* l-iktar reċenti ta' wara l-PI fid-dawl ta' possibbiltajiet remoti jew asserzjonijiet bla bażi. Kummenti simili waslu mingħand żewġ produttori esportaturi oħrajn Ċiniżi u mingħand l-utent Taljan.
- (65) Il-Kummissjoni qablet li x-xejra ta' żieda fil-volumi kienet waqfet, iżda l-iktar minn Lulju 2016 'il quddiem. Madankollu, hija osservat ukoll li l-livell assolut kien għadu għoli. Filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi għall-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2016 (773 275 tunnellata għal sitt (6) xhur) kienu inqas mill-perjodu minn Lulju sa Diċembru 2015 (806 914 tunnellata għal sitt (6) xhur), il-volumi medji ta' importazzjoni għall-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2016 xorta waħda kienu ogħla minn dawk għall-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2015 (712 390 tunnellata għal sitt (6) xhur) u għal kull perjodu preċedenti ta' sitt (6) xhur. It-tieni, il-Kummissjoni ma analizzatx ix-xejra tal-volumi tal-importazzjonijiet bħala fattur iżolat, iżda ħadet approċċ komprensiv. Hija pponderat u vvalutat mhux biss il-fatturi kollha li huma elenkati fl-Artikolu 3(9), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament bażiku iżda barra minn hekk ikkunsidrat xi fatturi oħra bħall-ordnijiet li dahl u l-profittabbiltà (ara t-Taqsimiet 4.2. – 4.5. Hawn taħt), sabiex ikollha bażi soda għall-valutazzjoni ġenerali tagħha.
- (66) Rigward ir-raġuni għalfejn l-esportazzjonijiet Ċiniżi naqsu l-iktar mit-tieni nofs tal-2016 'il quddiem, l-ispjegazzjonijiet mill-Kummissjoni huma bbażati fuq tliet fatti, jiġifieri d-dikjarazzjonijiet pubbliċi li saru fil-Komunikazzjoni dwar l-Azzar, it-talba għal reġistrazzjoni li għamel l-ilmentatur f'dan il-każ, u d-deċiżjoni dwar il-ġbir retroattiv ta' dazji fuq ċerti prodotti tal-azzar irrumblati fil-kiesaħ.

— Fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni dwar l-Azzar mill-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2016 ("L-Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa")⁽¹⁾ il-produtturi esportaturi Ċiniżi huma konxji dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tuża l-marġni disponibbli minnufih biex tħaffef aktar l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji billi tnaqqas il-proċeduri tal-investigazzjoni b'xahar (minn disa' xhur sa tmienja). Bħala riżultat, minħabba l-bidu ta' dan il-każ fit-13 ta' Frar 2016, kienu konxji li setgħu jiġu imposti miżuri proviżorji kmieni f'Ottubru 2016.

— Fil-5 ta' April 2016, l-ilmentatur ippreżenta talba għal reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mir-RPĊ għall-prodott ikkonċernat. Fit-2 ta' Ġunju 2016, l-ilmentatur aġġorna t-talba billi pprova informazzjoni aktar reċenti. Bħala riżultat, produttori esportaturi u esportaturi infurmati sew kienu jafu li kien hemm ir-riskju li — jekk jittrasbordaw il-prodott ikkonċernat mit-tieni nofs tal-2016 'il quddiem — il-prodotti simili esportati tagħhom setgħu jkunu soġġetti għal dazji retroattivi 90 jum qabel l-impożizzjoni potenzjali tad-dazji proviżorji f'Ottubru 2016, jiġifieri sa Lulju 2016.

— Fid-29 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1329, li abbażi tiegħu għall-ewwel darba d-dazji antidumping inġabru b'mod retroattiv fuq ċerti prodotti tal-azzar irrumblati fil-kiesaħ, li huma prodott tal-azzar ukoll. Bħala riżultat, ir-riskju li l-miżuri f'din i-proċedura jkunu japplikaw sa minn dakshekk kmieni bħal Lulju 2016 saret anki iktar ċerta minħabba li l-ġbir retroattiv f'dan il-każ kien jinvolvi prodott tal-azzar.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, Brussell, 16.3.2016, COM(2016) 155 final, L-Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir fl-Ewropa.

- (67) Is-CISA targumenta wkoll li l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni rigward għalfejn naqsu l-importazzjonijiet Ċiniżi mit-tieni nofs tal-2016 'il quddiem huma "possibbiltajiet remoti jew asserzjonijiet bla bażi". Kif muri hawn fuq l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni huma bbażati fuq il-fatti. Il-Kummissjoni tinnotta li s-CISA nnifisha ma pprovidietx spejgazzjoni alternattiva plawsibbli rigward għalfejn l-esportazzjonijiet Ċiniżi naqsu.
- (68) Fin-nuqqas ta' kull argument ieħor, il-Kummissjoni għalhekk ikkonfermat il-konklużjoni tagħha li l-iktar tnaqqis reċenti tal-esportazzjonijiet Ċiniżi x'aktarx li jkun fenomenu temporanju minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi identifikati fil-premessa (61) li mhux kapaċi jinvalida l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni rigward l-eżistenza ta' theddida ta' dannu. Jekk ma tittieħed l-ebda miżura fl-istadju definittiv, il-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi x'aktarx jerġgħu jiżdiedu, speċjalment fid-dawl tal-kapaċitajiet żejda attwali fir-RPĊ u l-kapaċità ta' assorbiment insuffiċjenti ta' stati terzi jew tar-RPĊ stess, kif spjegat mill-premessa (70) 'l quddiem.

4.1.4. Konklużjoni

- (69) It-tnaqqis fil-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi wara Lulju 2016 jista' jiġi spjegat mill-effett disważiv tat-talba għar-reġistrazzjoni u l-għarfien dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar miżuri proviżorji fi żmien tmien (8) xhur mill-bidu. Barra minn hekk, il-livell assolut tal-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi minn Lulju 2016 'il quddiem għadu għoli ħafna meta mqabbel mal-2014. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa probabbli li dan it-tnaqqis fil-volumi tal-importazzjonijiet huwa temporanju biss, u xejra bħal din terġa' għal li kienet jekk ma tiġi imposta l-ebda miżura. Għalhekk, ma biddlitx il-valutazzjoni tal-Kummissjoni li kien hemm theddida ta' dannu ċara u imminenti fi tmien il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.2. Kapaċità disponibbli b'mod liberu u suffiċjenti

4.2.1. Aġġornament tad-data wara l-PI

- (70) Kif innutat fil-premessa (133) u t-tabella fil-premessa (185) tar-Regolament proviżorju, il-produzzjoni attwali tal-2014 tal-prodott ikkonċernat fir-RPĊ (317,4 miljun tunnellata) hija madwar ħames (5) darbiet il-produzzjoni totali aggregata tar-Russja, l-Ukrajna, l-Iran u l-Brażil (57,4 miljun tunnellata). Dan il-fatt kien indikazzjoni tal-kapaċità enormi tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fir-RPĊ. Barra minn hekk, kif stipulat fil-premessi (140) u (139) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni sabet li l-kapaċità ta' assorbiment tas-suq tar-RPĊ mhix suffiċjenti, u li mhux probabbli li pajjiżi terzi jkun jistgħu jassorbixxu l-ammont enormi ta' kapaċità disponibbli b'mod liberu waħedhom.
- (71) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, il-Kummissjoni aġġornat it-tabella tal-premessa (185) tar-Regolament proviżorju abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli kif ġej:

Tabella 4

Il-produzzjoni attwali tal-prodott simili minn pajjiżi terzi (f'eluf ta' tunnellati)

Pajjiż	Kapaċità ta' azzar mhux maħdum stmat għas-sena 2015 ⁽¹⁾	Produzzjoni tal-azzar mhux maħdum fl-2014	Produzzjoni tal-azzar mhux maħdum fl-2015 ⁽²⁾	Kapaċità eċċes-siva teoretika fl-2015 ⁽²⁾	Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2014	Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2015
Ir-Russja	90 000	71 461	70 898	19 102	26 898	27 509
RPĊ	1 153 098	822 750	803 825	349 273	317 387	322 259

Pajjiż	Kapaċità ta' azzar mhux maħdum stmat għas-sena 2015 ⁽¹⁾	Produzzjoni tal-azzar mhux maħdum fl-2014	Produzzjoni tal-azzar mhux maħdum fl-2015 ⁽²⁾	Kapaċità eċċessiva teoretika fl-2015 ⁽²⁾	Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2014	Produzzjoni attwali tal-HRF fl-2015
L-Ukrajna	42 500	27 170	22 968	19 532	7 867	6 314
L-Iran	28 850	16 331	16 146	12 704	8 276	7 872
Il-Brażil	49 220	33 897	33 256	15 964	14 229	13 388

⁽¹⁾ *Sors għad-data dwar il-kapaċità: OECD [OECD, DSTI/SU/SC(2016)6/Final, 5 ta' Settembru 2016, id-Direttorat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, Ċifri aġġornati dwar il-kapaċità tax-xogħol tal-azzar u qafas propost għat-titjib tal-attività ta' monitoraġġ tal-kapaċità, Annex, p. 7 u segwitu].*

⁽²⁾ *Sors għad-data tal-produzzjoni: Assoċjazzjoni Dinjija Tal-Azzar, Steel Statistical Yearbook 2015 [Assoċjazzjoni Dinjija Tal-Azzar, Steel Statistical Yearbook 2016, it-Tabella 1 fuq paġni 1 u 2 u t-Tabella 13 fuq paġna 35, <http://www.worldsteel.org/statistics/statistics-archive/yearbook-archive.html>].*

Iċ-ċifri aġġornati tal-produzzjoni għall-2015 ta' hawn fuq għal prodotti simili juru li l-pajjiż ikkonċernat jaqbeż bil-bosta l-pajjiżi l-kbar l-oħra li jesportaw; iċ-ċifri aġġornati tal-kapaċità għall-2015 ta' hawn fuq għall-azzar mhux maħdum jindikaw ukoll li r-RPĊ biss għandha kapaċità żejda kbira biżżejjed (li tammonta għal kważi 350 miljun tunnellata fl-2015, imqabbel ma' 317-il miljun tunnellata fl-2014, kif turi t-tabella tal-premessa (185) tar-Regolament proviżorju).

Għalhekk, il-Kummissjoni tenniet li l-kapaċità żejda fil-produzzjoni tal-azzar fir-RPĊ tikkostitwixxi indikatur importanti dwar l-eżistenza ta' theddida ta' dannu imminenti għall-industrija tal-Unjoni.

(72) Barra minn hekk, l-informazzjoni u l-proġettazzjonijiet li jikkonċernaw il-kapaċità Ċiniża tal-azzar mhux maħdum u tal-prodott ikkonċernat li saru disponibbli wara Lulju 2016 għadhom juru l-istess inkonsistenzi:

(a) Fuq naħa waħda, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni anedottali li r-RPĊ apparentement bdiet tnaqqas il-kapaċità żejda tagħha: F'dan ir-rigward, id-Delegazzjoni tal-UE f'Beijing irrapportat li Viċi Direttor tal-Assoċjazzjoni Ċiniża tal-Hadid u l-Azzar (CISA) stqarr li matul l-2016 ir-RPĊ probabbilment se tnaqqas 70 miljun tunnellata ta' kapaċità żejda ta' azzar tħabbira tat-28 ta' Ottubru 2016). Barra minn hekk, Baosteel Group u Wuhan Steel Group ħabbru wkoll li kienu diġà ffinalizzaw il-mira għall-2016 tat-tnaqqis fil-kapaċità f'Ottubru 2016 (tħabbira tal-24 ta' Ottubru 2016).

(b) Min-naħa l-oħra, proġettazzjonijiet reċenti tal-OECD ⁽¹⁾ jistmaw li l-kapaċità Ċiniża se tonqos aktar fl-2016, l-2017 u l-2018. In-naħa Ċiniża kompliet tevita li tiġi involuta fi pjattaforma bilaterali bejn l-Unjoni u r-RPĊ biex isir monitoraġġ tal-kapaċità żejda tal-azzar. Barra minn hekk, it-13-il pjan ta' ħames (5) snin f'konnessjoni mal-"Pjan dwar l-aġġustament u l-aġġornament tal-industrija tal-azzar" (2016-2020) jassumi li l-volum tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum huwa previst li jkun 750-800 miljun tunnellata fl-2020 u li t-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum ikun ta' 100-150 miljun sal-2020. Jinkoraġġixxi wkoll lil dawg l-intrapriżi tal-azzar li jkunu f'pożizzjoni tajba biex imorru f'pajjiż barrani u jwaqqfu bażijiet għall-produzzjoni tal-azzar kif ukoll ċentri għall-ipproċessar u d-distribuzzjoni.

Fil-qosor, il-kwistjoni tal-kapaċità żejda fis-settur tal-azzar fir-RPĊ hija rrikonoxxuta mill-awtoritajiet Ċiniżi, u minkejja xi tħabbiriet li saru wara t-30 ta' Ġunju 2016, probabbli mhux se tiġi solvuta fil-futur qrib. Il-kapaċità żejda Ċiniża tant hi kbira li ma tistax tisparixxi f'perjodu qasir jew medju.

(73) Id-data li tikkonċerna l-kapaċità ta' assorbiment tar-RPĊ li saret disponibbli wara Lulju 2016 hija limitata. Madankollu, il-Kummissjoni kkonstatat li d-domanda domestika mbassra għall-azzar fiċ-Ċina hija waħda ta' "tkabbir baxx jew ebda tkabbir" fl-erba' (4) jew ħames (5) snin li ġejjin (2015-2020) peress li l-investimenti (bħal dawg fil-konstruzzjoni) qed iseħħu bil-mod, u dan se jkollu impatt drammatiku fuq il-konsum domestiku tal-azzar maħdum fiċ-Ċina ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Ir-rapport tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD, 8-9 ta' Settembru 2016, Ċifri aġġornati dwar il-kapaċità tax-xogħol tal-azzar u qafas propost għat-titjib tal-attività ta' monitoraġġ tal-kapaċità.

⁽²⁾ Richard Lu, 15 ta' Lulju 2016, the downside Chinese steel demand scenario: gory details, http://www.crugroup.com/about-cru/cruinsight/The_downside_Chinese_steel_demand_scenario_gory_details

- (74) Id-*data* dwar il-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiżi terzi li saret disponibbli minn Lulju 2016 'l quddiem indikat li:
- (a) Minn naħa waħda, f'Janar 2016, il-Malasja temmet investigazzjoni ta' salvagwardja rigward koljaturi b'laminazzjoni termali kontra ċ-Ċina u xi pajjiżi oħra f'Janar 2016, filwaqt li f'April 2016 it-Turkija temmet investigazzjoni antidumping li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' koljaturi b'laminazzjoni termali miċ-Ċina, Franza, il-Ġappun, ir-Rumanija, ir-Russja, is-Slovakkja u l-Ukrajna;
- (b) Min-naħa l-oħra, l-Indja reċentement imponiet rati ta' dazju finali f'investigazzjoni ta' salvagwardja dwar folji ċatti b'laminazzjoni termali u pjastru tal-azzar illigati jew mingħajr liga. Barra minn hekk, il-Brażil beda investigazzjoni antisussidji kontra l-importazzjonijiet ta' prodotti ċatti tal-azzar tal-karbonju b'laminazzjoni termali. Fl-aħħar, il-produtturi Torok irreġistraw petizzjonijiet għodda dwar id-dazji antidumping u kompensatorji kontra l-importazzjonijiet ta' koljaturi b'laminazzjoni termali li joriġinaw, fost l-oħrajn, miċ-Ċina. F'dan ir-rigward, wara d-divulgazzjoni finali, parti interessata infurmat lill-Kummissjoni li l-awtoritajiet Torok kienu fetħu sadanittant investigazzjoni għodda dwar dumping fil-21 ta' Diċembru 2016, li tkopri pjanċa tqila u ċerti tipi ta' HRF.

Bħala riżultat, abbażi ta' din l-informazzjoni aġġornata, mhux probabbli li pajjiżi terzi se jkun jistgħu jassorbu ż-żieda fl-esportazzjonijiet Ċiniżi bħala riżultat tal-ammont kbir tal-kapaċità Ċiniża disponibbli b'mod liberu. Anki jekk jinżamm l-*status quo* fl-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi oħrajn, jekk l-ebda miżura ma tkun imposta, is-suq tal-Unjoni probabbilment jibqa' fost il-miri prinċipali tal-esportazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping.

4.2.2. Kummenti minn partijiet interessati wara r-Regolament proviżorju u wara d-divulgazzjoni definittiva

- (75) Wara r-Regolament proviżorju l-ilmentatur irrefera għall-fatt li, mill-2008, ir-RPĊ ħabbret ħafna pjanijiet biex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda tal-azzar, iżda l-ebda wieħed minnhom ma rnexxa. Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur tenna li l-attentati preċedenti taċ-Ċina biex tillimita l-kapaċità eċċessiva domestika tal-azzar ukoll ma rnexxietx. Bħala konsegwenza, skont din il-parti interessata l-gvern Ċiniż x'aktarx li mhux se jkun jista' jeħles mill-kapaċità eċċessiva li ilha toqot lis-settur tal-azzar għal diversi snin u li pprova jirriżolvi iżda ma rnexxilux diversi drabi qabel.
- (76) Min-naħa l-oħra, wara d-divulgazzjoni definittiva, parti interessata oħra semmiet li l-Gvern Ċiniż dan l-aħħar ħabbar li fl-2016 kien issodisfa l-miri għat-tnaqqis ta' kapaċità eċċessiva fis-settur tal-azzar u li kien impenjat ħafna biex ikompli jnaqqas il-kapaċità fis-settur tal-azzar.
- (77) Rigward l-argument li l-Gvern Ċiniż kien konsistentement falla li jnaqqas il-kapaċità eċċessiva massiva tal-azzar, il-Kummissjoni jinħtieġ li tagħmel analiżi prospettiva f'każ ta' theddida ta' dannu. Għaldaqstant, hija kkunsidrat li d-dikjarazzjonijiet tal-ilmentatur huma irrelevanti minħabba li jirrigwardaw il-passat u ma jistgħux jintużaw biex wieħed jikkonkludi kif se jkun l-aġir futur tal-Gvern Ċiniż.
- (78) Rigward l-argument oppost dwar it-tnaqqis tal-kapaċità Ċiniża li għamlu partijiet interessati oħrajn, il-Kummissjoni tenniet li l-informazzjoni u l-projezzjonijiet li huma disponibbli rigward il-kapaċità Ċiniża ta' azzar grezz u l-prodott ikkonċernat juru inkonsistenzi. Madankollu, filwaqt li ma tiddebitax mill-impenn serju taċ-Ċina biex tnaqqas il-kapaċità li għandha, jibqa' l-fatt li l-kapaċità eċċessiva li hemm bħalissa, kif turi t-tabella 20 tar-Regolament Proviżorju, hija tant enormi li ma tistax b'mod realistiku tisparixxi fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju.
- (79) Rigward il-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiżi terzi, parti interessata rreferiet għall-fatt li l-Malasja u t-Turkija temmew żewġ investigazzjonijiet dwar koljaturi b'laminazzjoni termali kontra r-RPĊ. B'hekk, din il-parti interessata kkonkludiet li l-probabbiltà allegata ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali lejn l-Unjoni naqset.
- (80) Dawn id-dikjarazzjonijiet ġew rifjutati. Kif imsemmi fil-premessa (74), hu probabbli li pajjiżi oħrajn se jadottaw miżuri, u għalhekk ma jkunx probabbli li pajjiżi terzi jibdeu jassorbu l-kapaċità Ċiniża kbira waħedhom.
- (81) Rigward il-kapaċità ta' assorbiment tal-RPĊ, ma waslu kummenti mingħand ebda parti interessata.

4.2.3. *Konklużjoni*

- (82) Bħala konklużjoni, id-*data* ta' wara l-PI tikkonferma l-analiżi tal-Kummissjoni fl-istadju proviżorju: Minħabba l-progress limitat fit-tnaqqis tal-kapaċità massiva żejda fl-2016, huwa probabbli li volumi sinifikanti tal-kapaċità massiva żejda eżistenti tal-azzar, inkluż il-prodott simili, se jkomplu jiġu diretti lejn is-suq tal-Unjoni jekk ma jittiħdux miżuri. Il-kapaċitajiet żejda attwali u l-kapaċità ta' assorbiment insuffiċjenti ta' stati terzi jew ir-RPĊ nfisha jindikaw il-probabbiltà ta' żieda sostanzjali ta' esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni jekk ma jittiħdux miżuri fl-istadju definittiv.

4.3. **Il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet**4.3.1. *Aġġornament tad-data wara l-PI*

- (83) Rigward il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet, il-premessa (142) tar-Regolament proviżorju semmiet li l-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat naqsu bi 33 %, minn EUR 600/tunnellata fl-2012 għal EUR 404/tunnellata fl-2015. Barra minn hekk, it-tabella fil-premessa (145) tar-Regolament proviżorju turi tnaqqis ulterjuri kontinwu tal-prezzijiet unitarji Ċiniżi matul il-perjodu ta' wara l-investigazzjoni Jannar — Ġunju 2016 meta jidħlu fis-suq tal-Unjoni.
- (84) Id-*data* disponibbli li tikkonċerna l-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet għall-perjodu Lulju — Settembru 2016 turi li l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu:

Tabella 5

Prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-perjodu ta' wara l-PI

	Jannar 2016	Ġunju 2016	Lulju 2016	Awwissu 2016	Settembru 2016
Prezzijiet medji ta' importazzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi (EUR/tunnellata)	326	308	371	367	370

Sors: Eurostat


- (85) Iż-żieda reċenti fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi trid titqiegħed fil-kuntest li ġej:
- (a) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi ma kinux l-uniċi li żdiedu wara t-30 ta' Ġunju 2016. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi ewlenin oħrajn li jespportaw lejn l-Unjoni żdiedu wkoll wara t-30 ta' Ġunju 2016;
- (b) Il-livell milħuq fl-aħħar tliet xhur (Lulju — Settembru 2016) xorta kien taħt il-medja tal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-industrija tal-UE (madwar EUR 431/tunnellata fi tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni, kif turi t-tabella 11 tal-premessa (104) tar-Regolament proviżorju). B'hekk, minkejja ż-żieda fil-livelli tal-prezzijiet, it-tnaqqis kbir tal-prezzijiet jibqa', u dan iqiegħed lill-industrija tal-UE f'pożizzjoni mhux sostenibbli;
- (c) Raġuni importanti għal din iż-żieda globali fil-prezz tal-prodott ikkonċernat hija ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima. B'mod partikolari, il-prezzijiet tal-faħam tal-kokk kważi rdoppjaw (għal madwar EUR 200 t-tunnellata) f'Ottubru 2016, imqabbel mal-prezzijiet fl-ewwel nofs tal-2016. Dan ġie kkawżat mill-effett kombinat ta' nuqqas fis-siġhat obbligatorji ta' ħidma fil-minjieri tal-faħam Ċiniżi u għadd ta' interruzzjonijiet fil-minjieri Awstraljani. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li r-RPĊ u l-Awstralja huma fost l-aktar pajjiżi li jipproduċu faħam tal-kokk fid-dinja. Il-grafika ta' hawn taħt turi ż-żieda drammatika fil-prezz tal-faħam tal-kokk ⁽¹⁾.

(1) <http://www.businessinsider.com.au/is-it-a-bird-a-plane-no-its-the-coking-coal-price-2016-10>
<https://www.bloomberg.com/news/articles/2016-09-23/goldman-says-higher-coking-coal-prices-are-here-to-stay>

Grafika

Evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-faħam tal-kokk

Chart of the Day: Premium coking coal prices



B'hekk, wieħed jista' jassumi li l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat jerġgħu jibdwew jonqsu ladarba l-impatt ta' dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jikkonċernaw il-faħam tal-kokk ikun sfuma.

4.3.2. Kummenti minn partijiet interessati wara r-Regolament proviżorju

- (86) Parti interessata semmiet li l-analiżi tal-Kummissjoni hija limitata għal Ġunju 2016, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat komplew jiżdiedu wara Ġunju 2016. Hi talbet lill-Kummissjoni biex tikkunsidra din l-informazzjoni l-aktar reċenti. Parti interessata oħra semmiet ukoll li reċentement il-prezzijiet tal-importazzjonijiet bdew jiżdiedu.
- (87) Il-Kummissjoni kkonfermat, kif stipulat fit-tabella tal-premessa (84), li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu fil-perjodu Lulju — Settembru 2016. Madankollu, dawn il-partijiet interessati ma semmewx li l-prezzijiet żdiedu mad-dinja kollha, minħabba żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, b'mod partikolari tal-faħam tal-kokk, kif stipulat fil-premessa (85) ta' hawn fuq.

4.3.3. Kummenti minn partijiet interessati wara d-divulgazzjoni definittiva

- (88) Wara d-divulgazzjoni definittiva, iċ-China Iron and Steel Association (CISA) reġgħet argumentat li l-Kummissjoni kienet qed tikser il-prinċipju ġenerali tal-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku minħabba li deċiżjoni ta' theddida ta' dannu materjali trid "tkun ibbażata fuq il-fatti u mhux fuq allegazzjoni, tbassir jew possibbiltà remota". F'dan il-kuntest hija rreferiet għal "kuntest partikolari, li jikkonsisti biss minn possibbiltajiet". It-tieni, hija allegat li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-prezz medju tal-importazzjoni matul l-aktar perjodu reċenti minn Lulju sa Settembru 2016 kien inqas mill-kost ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-aħħar tal-PI qed iqarraq għaliex tali tqabbil huwa bbażat fuq żewġ perjodu differenti, u għaldaqstant, ma jqabbilx "tuffieħ ma' tuffieħ". Kummenti simili waslu mingħand utent Taljan u mingħand il-produtturi esportaturi Ċiniżi l-oħrajn. Wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi semma li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet naqsu bi 13,5 % bejn Jannar 2016 u Settembru 2016.
- (89) Produttur esportatur Ċiniż ieħor ikkummenta wkoll li xejra ta' żieda fil-prezzijiet tal-importazzjoni hija indikazzjoni li ma hemmx theddida ta' dannu u rrefera f'dan ir-rigward għall-każistika.
- (90) L-ewwel, rigward l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ġenerali tal-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ttenni li hija bbażat id-deċiżjoni fuq fatti, u mhux fuq allegazzjonijiet, suppożizzjonijiet jew possibbiltajiet remoti. Il-Kummissjoni qieset il-fatti bħad-data li hemm fit-Tabella 5, u interpretat din id-data, li

skontha ġie nnutat tnaqqis fil-prezzijiet sa Ġunju 2016, u wara kien hemm żieda, l-iktar minħabba żieda fil-prezzijiet tal-materja prima kif stipulat fil-premessa (85) hawn fuq. It-tieni, is-CISA nnifisha ma tipprovdix spjegazzjoni alternattiva plawsibbli għall-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' importazzjonijiet miċ-Ċina. It-tielet, il-Kummissjoni ma analizzatx ix-xejra tal-prezzijiet Ċiniżi bħala fattur iżolat, iżda ħadet approċċ komprensiv. Hija pponderat u vvalutat mhux biss il-fatturi kollha li huma elenkati fl-Artikolu 3 (9), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament bażiku iżda wkoll xi fatturi oħra bħall-ordnijiet li daħlu u l-profittabbiltà (ara t-Taqsima 4.5) sabiex ikollha bażi fattwali b'saħħitha għall-valutazzjoni ġenerali tagħha.

- (91) Rigward l-allegazzjoni li l-Kummissjoni intenzjonalment qarrqet lill-partijiet interessati billi qabblat il-prezz medju tal-importazzjoni matul il-perjodu Lulju — Settembru 2016 mal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-aħħar tal-PI, il-Kummissjoni b'mod ċar iddistingwiet iż-żewġ perjodi. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi enfazzzjat li d-data dwar il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-aħħar tal-PI kienet l-iktar data reċenti disponibbli f'din il-proċedura minħabba li ma tinġabarx data ta' wara l-PI dwar il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, anki jekk — ipotetikament — il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-iktar perjodu reċenti kien naqas, dan ma jkun jinvalida l-fatt li l-livell tal-prezzijiet Ċiniżi f'Settembru 2016 kien għadu jagħmel pressjoni enormi fuq l-industrija tal-azzar tal-Unjoni.
- (92) Rigward l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma segwixx il-każistika, il-Kummissjoni nnutat li dan l-argument ma jaħdimx, minħabba li l-Kummissjoni f'dan il-każ analizzat l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima fil-perjodu ta' wara l-investigazzjoni, kif muri fil-premessa (85). Għaldaqstant dan l-argument huwa miċħud.

4.3.4. Konklużjoni

- (93) Anki biż-żieda fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi minn Lulju 2016 'il quddiem, u fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn, id-data ta' wara l-PI dwar il-prezzijiet ġeneralment ma tinvalidax il-konklużjoni li t-tnaqqis fil-prezzijiet Ċiniżi kien wassal għal theddida ta' dannu. Din it-theddida ta' dannu ma tneħħiex biż-żieda reċenti fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi minn Lulju 2016 'il quddiem. Kif stipulat fil-premessa (85), anki din iż-żieda fil-livell tal-prezzijiet ma twaqqafx it-tnaqqis enormi tal-prezzijiet li jqiegħed lill-industrija tal-UE f'pożizzjoni mhux sostenibbli meta ż-żieda fil-prezzijiet Ċiniżi titqabbel mal-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni. Fl-aħħar, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda fil-prezzijiet tal-importazzjoni tista' tkun biss xejra temporanja, li probabbilment tiegħaf ladarba r-raġunijiet għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima jkunu sfumaw. Il-produtturi esportaturi Ċiniżi kellhom iffissar ta' prezzijiet aggressiv fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fit-tieni nofs tal-2015 u l-ewwel nofs tal-2016. Jekk ma tittieħed l-ebda miżura, u meta wieħed iqis il-kapaċità żejda massiva eżistenti tal-azzar Ċiniżi, inkluż il-prodott ikkonċernat, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jistgħu jżommu strateġija ta' prezzijiet aggressiva, waqt li jnaqqsu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom għal livelli minimi.

4.4. Il-livell tal-inventarji

4.4.1. Aġġornament tad-data ta' wara l-PI

- (94) Rigward il-livell tal-inventarji, il-premessa (147) tar-Regolament proviżorju semmiet li l-Kummissjoni qieset li dan il-fattur ma għandux xi sinifikat partikolari, prinċipalment għax il-produtturi tal-Unjoni jipproduċu skont l-ordni, fattur li jippermetti li jżommu l-livelli tal-inventarji tagħhom baxxi.
- (95) Rigward l-istokks fir-RPĊ, wara l-investigazzjoni, il-Kummissjoni għal darb'oħra ma setgħetx issib data komprensiva dwar l-istokks, minkejja talbiet lill-produtturi Ċiniżi li kienu qed jikkooperaw u r-riċerkaturi tagħha stess.
- (96) Madankollu, il-Kummissjoni sabet li, skont rapporti, l-inventarji tal-azzar fl-imħażen ta' 40 belt Ċiniżi maġġuri naqsu għal 8,89 miljun tunnellata tard f'Ottubru 2016 minn 9,41 miljun tunnellata tard f'Settembru 2016. Barra minn hekk, l-inventarji tal-azzar ta' 80 mitħna maġġuri Ċiniżi ammontaw għal 13,46 miljun tunnellata tard f'Settembru 2016 ⁽¹⁾ meta mqabbel ma' 16,07 miljun tunnellata tard f'Settembru 2015.

4.4.2. Kummenti minn partijiet interessati wara r-Regolament proviżorju u wara d-divulgazzjoni definittiva.

- (97) Ma wasal l-ebda kumment mingħand partijiet interessati rigward il-livell tal-inventarji.

⁽¹⁾ Estratt mill-aġġornament ta' kull xahar ta' Worldsteel dwar l-industrija Ċiniża tal-azzar, Ottubru 2016.

4.4.3. Konklużjoni

- (98) Bħala konklużjoni, l-inventarji tal-azzar fir-RPĊ baqgħu f'madwar l-istess livelli wara t-30 ta' Ġunju 2016 bħal daww stipulati fil-premessa (150) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni b'hekk ikkonfermat il-konklużjoni tagħha fil-premessa (151) tar-Regolament proviżorju.

4.5. Elementi oħrajn: Profittabilità u l-volum tal-ordnijiet fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni

4.5.1. Aġġornament tad-data wara l-PI

- (99) Kif stipulat fil-premessa (155) tar-Regolament proviżorju, id-dħul tal-ordnijiet żviluppa b'mod negattiv. Barra minn hekk, l-investigazzjoni stabbilixxiet deterjorament ulterjuri tal-profittabilità tal-ilmentaturi li jirrappreżentaw madwar 90 % tal-produzzjoni kumplessiva tal-industrija tal-Unjoni.

Id-data disponibbli għall-perjodu minn Lulju 2015 sa Ġunju 2016 turi deterjorament ulterjuri fil-profittabilità, minkejja xejra aktar pożittiva (mqabbla mal-2015), għad-dħul tal-ordnijiet kif ġej:

Tabella 6

Evoluzzjoni tal-profittabilità u d-dħul tal-ordnijiet tal-ilmentaturi

Deskrizzjoni	2013	2014	2015	April 2015 — Marzu 2016	Lulju 2015 — Ġunju 2016
Profittabilità	- 4,86 %	- 1,28 %	minn - 3 % sa - 5 %	minn - 5 % sa - 7 %	minn - 7 % sa - 9 %
Dħul tal-ordnijiet	16 631 630	16 677 099	15 529 155	15 636 444	15 944 183

Sors: Eurofer, kollha vverifikati barra l-aħħar kolonna

4.5.2. Kummenti minn partijiet interessati wara d-divulgazzjoni definittiva

- (100) Wara d-divulgazzjoni definittiva, iċ-China Iron and Steel Association (CISA) argumentat li, minħabba l-ordnijiet proċessati fil-perjodu ta' wara l-investigazzjoni żdiedu, il-produtturi tal-Unjoni rċevew iżjed ordnijiet u għalhekk l-industrija tal-Unjoni għandha futur pożittiv.
- (101) Il-Kummissjoni qablet li l-ordnijiet proċessati żdiedu kemxejn, iżda fl-istess ħin irreferiet għat-telf rekord li ġarrbu l-ilmentaturi li deher ukoll fl-istess tabella. Bħala konsegwenza ta' dan, anki jekk ikun hemm irkupru possibbli għall-produtturi tal-Unjoni matul l-aktar perjodu reċenti ta' wara l-PI, tali rkupru ma jkunx jikkumpensa għat-telf li qed jiżdied b'mod drammatiku mġarrab fl-istess perjodu.

4.5.3. Konklużjoni

- (102) Bħala konklużjoni, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni sabet deterjorament ulterjuri tal-profittabilità tal-ilmentaturi fl-aktar perjodu reċenti. Għaldaqstant, il-valutazzjoni li kienet teżisti theddida ta' dannu imminenti fi tmiem l-2015 ma ġietx invalidata. Pjuttost, id-deterjorament ulterjuri fil-profittabilità fl-ewwel nofs tal-2016 ikkonferma l-preċiżjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' dan l-indikatur.

4.6. Prevedibbiltà u imminenza tal-bidla fiċ-ċirkustanzi

- (103) L-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku jipprovdli li "... il-bidla fiċ-ċirkustanzi li kieku toħloq sitwazzjoni ta' dumping li jikkawża dannu għandha tkun ġiet imbassa b'mod ċar u għandha tkun imminenti".
- (104) Kif stipulat fil-premessa (157) tar-Regolament proviżorju, il-fatturi kollha msemmeja hawn fuq ġew analizzati u vverifikati fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod partikolari, il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun laħqet il-livell mhux sostenibbli ta' - 10 % fir-raba' trimestru tal-2015 meta l-prezzjoni tal-prezzijiet Ċinzi kienet inħasset l-aktar.

- (105) Barra minn hekk, id-*data* tal-perjodu ta' wara l-investigazzjoni żvelat li x-xejra negattiva fil-profitabilità tal-Unjoni, li bdiet fit-tieni nofs tal-2015, kompliet matul l-ewwel nofs tal-2016.
- (106) Id-*data* disponibbli għall-perjodu Lulju — Settembru 2016 ippreżentat stampa mħallta. Filwaqt li l-volumi ta' importazzjonijiet Ċiniżi naqsu, il-kapaċità żejda baqgħet ta' theddida. Rigward iż-żieda fil-prezzijiet Ċiniżi matul l-istess perjodu reċenti, anki jekk — ipotetikament — il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-iktar perjodu reċenti kien naqas, jibqa' l-fatt li l-livell tal-prezzijiet Ċiniżi f'Settembru 2016 kien għadu jagħmel pressjoni enormi fuq l-industrija tal-azzar tal-Unjoni. Minn dan isegwi li t-theddida ta' dannu kienet imminenti u prevedibbli wara tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni.
- (107) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li kien ċar li kien hemm bidla prevedibbli u imminenti fiċ-ċirkostanzi fi tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni, li kienet se toħloq sitwazzjoni li fiha d-dumping se jikkawża dannu.

4.7. Konklużjonijiet dwar it-theddida ta' dannu

- (108) Kif imsemmi fil-premessa (158) tar-Regolament proviżorju, waqt li l-industrija tal-Unjoni kienet qed tirkupra matul l-2014 u l-ewwel żewġ trimestri tal-2015, kważi l-indikaturi tad-dannu kollha bdew jaqgħu drammatikament matul it-tieni nofs tal-2015. L-investigazzjoni żvelat li din ix-xejra negattiva, li bdiet fit-tieni nofs tal-2015, ma kinitx invalidata matul l-ewwel nofs tal-2016. Bħala riżultat, il-fatturi kollha vvalutati fil-qafas tal-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari r-rata sinifikattiva ta' żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-2015 bi tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet, il-kapaċità eċċessiva kbira fir-RPĊ, u l-iżviluppi negattivi fil-profitabilità tal-industrija tal-Unjoni jindikaw l-istess direzzjoni.
- (109) Id-*data* disponibbli għall-perjodu Lulju — Settembru 2016 tippreżenta stampa mħallta. Waqt li l-volumi tal-importazzjoni Ċiniża naqsu, il-kapaċità żejda baqgħet theddida u l-prezzijiet baqgħu taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni minkejja ż-żieda aktar reċenti tagħhom.
- (110) Fid-dawl ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm theddida ta' dannu prevedibbli ċara u imminenti għall-industrija tal-Unjoni fit-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni. Din il-valutazzjoni ma ġietx invalidata mill-iżviluppi ta' wara l-PI analizzati hawn fuq.
- (111) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadhet it-talba tas-CISA — wara d-divulgazzjoni definittiva — li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni ma kinitx konformi mal-każistika, billi nnutat iż-żewġ differenzi ewlenin li ġejjin bejn l-approċċ tagħha fil-każ preżenti u dak li wassal għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 ⁽¹⁾:

— L-ewwel, kif imsemmi fil-premessa (119) tar-Regolament proviżorju l-industrija tal-Unjoni nstabet f'din li kienet f'sitwazzjoni dgħajfa fl-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni, iżda mhux sal-punt li sofriet dannu materjali matul il-perjodu kkunsidrat fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

— It-tieni, il-Kummissjoni analizzat u vvalutat bir-reqqa d-*data* ta' wara l-PI sal-punt possibbli fil-każ preżenti sabiex tikkonferma jew tinvalida l-konklużjonijiet tagħha, kif awtorizzat mill-każistika.

5. KAWŻALITÀ

- (112) Parti interessata tenniet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ir-Russja kellha l-akbar volum ta' importazzjonijiet fl-Unjoni u li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi, għalkemm dawn kienu qed jiżdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, xorta baqgħu fl-livell baxx ħafna, jiġifieri madwar 4 %. Wara d-divulgazzjoni definittiva, parti oħra interessata kkomentat ukoll li 4 % biss tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ċiniżi kienu jipprekludu konklużjoni ta' kawżalità.
- (113) Dawn l-allegazzjonijiet ġew indirizzati fil-premessi minn (177) sa (188) tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, rigward is-sehem mis-suq, il-premessa (77) tar-Regolament proviżorju ddikjarat li s-sehem mis-suq totali tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni żdied aktar minn ħames darbiet matul il-perjodu kkunsidrat.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldatura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 262, 6.10.2009, p. 19).

- (114) Skont l-ilmentatur, ikun xieraq li l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina jiġu akkumulati mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ta' ħames pajjiżi oħra koperti minn investigazzjoni, li għaddejja attwalment. Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur tenna dan il-punt.
- (115) Il-Kummissjoni ma sabithiex possibbli f'dan il-każ li tikkumula l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping billi tgħaqqad iż-żewġ investigazzjonijiet. Il-kunċett ta' importazzjonijiet li jkunu "fl-istess ħin soġġetti għal investigazzjonijiet kontra dumping," skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku jirrekjedi jew importazzjonijiet li qegħdin taħt l-istess investigazzjoni jew importazzjonijiet li huma taħt żewġ investigazzjonijiet differenti li għaddejjin simultanjament u li għandhom l-istess perjodi ta' investigazzjoni jew perjodi ta' investigazzjoni li huma fil-biċċa l-kbira mrikkbin. F'dan il-każ, iż-żewġ investigazzjonijiet għandhom perjodi ta' investigazzjoni differenti, bi trikkib tal-PI ta' sitt xhur biss.
- (116) Minħabba dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stipulati fil-premessi minn (197) sa (198) tar-Regolament proviżorju.

6. L-INTERESS TAL-UNJONI

6.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (117) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward l-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjoni li ntlaħqet fil-premessa (203) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

6.2. L-interess tal-importaturi

- (118) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward l-interess tal-importaturi, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha li ntlaħqet fil-premessa (204) tar-Regolament proviżorju wkoll.

6.3. L-interess tal-utenti

- (119) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, xi utenti stqarru li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri antidumping kontra l-pajjiż kkonċernat. Huma allegaw li miżuri antidumping ikunu kontra l-interess tal-utenti għaliex:

- (a) Ikollhom effett antikompetittiv u;
- (b) Iwasslu għal volumi akbar ta' importazzjonijiet ta' prodotti downstream manifatturati f'pajjiżi terzi.

- (120) L-allegazzjoni li l-miżuri antidumping ikollhom effett antikompetittiv kienet diġà ġiet indirizzata fil-premessi minn (205) sa (212) tar-Regolament proviżorju. L-allegazzjoni li l-miżuri antidumping fuq il-prodott ikkonċernat iwasslu għal volumi akbar ta' prodotti downstream mmanifatturati f'pajjiżi terzi ma kinitx appoġġata minn informazzjoni addizzjonali sostantiva. Il-Kummissjoni ħadhet dan l-argument.

- (121) L-utent Taljan li kkoopera matul l-investigazzjoni argumenta li l-premessa (210) tar-Regolament proviżorju jintheiġ li tiġi kkomplementata billi jiġi indikat ukoll l-impatt li għandhom il-miżuri antidumping fuq il-marġni tal-profitt tiegħu. F'dan ir-rigward, l-utent Taljan qal li — bis-suppożizzjoni ta' dazju antidumping ta' 22,6 % — il-profitt tiegħu qabel it-taxxi jonqos b'2,3 punti perċentwali. Bħala riżultat, ikkonkluda li l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping se jkollhom impatt sinifikanti fuq il-profittabilità tiegħu u, *a fortiori*, fuq l-utenti l-oħrajn iż-żgħar li mhumiex relatati u li huma attivi fl-ipproċessar tal-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li d-dazji antidumping se jkollhom effett negattiv fuq il-profittabilità tal-utent Taljan. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-utent mhuwiex esklussivament dipendenti fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda xtara wkoll il-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni minn produttori tal-Unjoni kif ukoll minn produttori oħrajn f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-profittabilità tiegħu għandha tibqa' pożittiva, għalkemm fuq livell aktar baxx.

- (122) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur argumenta li r-riżultati ta' dan l-utent Taljan f'termini ta' tkabbir u profitti huwa f'kuntrast qawwi ma' dawk tal-produttori tal-Unjoni, li qed isofru telf kbir. Il-Kummissjoni kkuksidrat li dan l-argument ma biddilx l-analiżi dwar l-impatt fuq l-utenti. Pjuttost, l-interessi tal-produttur tal-Unjoni ġew ikkuksidrati kif stabbilit fit-Taqsima 6.1.

- (123) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri fuq utenti oħrajn billi dawn ma kkooperawx matul din l-investigazzjoni.

- (124) Minħabba dan ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' xi kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha fil-premessa (213) tar-Regolament proviżorju.

6.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (125) Fin-nuqqas ta' xi kumment ieħor rigward l-interess tal-Unjoni, il-konklużjonijiet milluqta fi premessi minn (214) sa (217) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

7. MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI

7.1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

- (126) Il-Kummissjoni għażlet li tistabbilixxi proviżorjament il-profitt fil-mira bħala 7 % ibbażat fuq studju tal-OECD, li ssimula kif l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni mir-reċessjoni kkawżata mill-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-2009 kieku kien jiżviluppa. Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji u kif imsemmi fil-premessa (224) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni investigat iktar din il-kwistjoni, mhux biss fid-dawl tal-kummenti li waslulha wara d-divulgazzjoni, iżda wkoll billi talbet u analizzat iktar informazzjoni f'dan ir-rigward.
- (127) Wara d-divulgazzjoni proviżorja u definittiva, ħafna partijiet ikkummentaw dwar il-profitt fil-mira ta' 7 %. Parti interessata ddikjarat li kien baxx wisq, filwaqt li parti interessata oħra qalet li kien eċċessiv.
- (128) Eurofer qieset li l-profitt fil-mira ta' 7 % kien baxx wisq. L-ewwelnett, din qalet li l-aktar metodu xieraq biex jiġi determinat il-marġni tal-profitt kien jew li titqies id-*data* minn investigazzjoni preċedenti dwar prodotti ċatti b'laminazzjoni termali (fis-sena 2000), jew li titqies il-profittabilità miksuba mill-industrija tal-azzar matul is-sena 2008. Profitt fil-mira bbażat fuq il-profitti miksuba fis-sena 2000 iwassal għal profitt fil-mira ta' 12,9 %, filwaqt li jekk ikun ibbażat fuq il-profitti miksuba matul is-sena 2008, dan iwassal għal profitt fil-mira ta' 14,4 %. L-Eurofer allegat li fil-kuntest fejn ma saret l-ebda bidla teknoloġika u finanzjarja fl-Unjoni mis-sena 2000 'l hawn, l-użu tal-profitti miksuba fis-sena 2000 ikun xieraq. L-użu tal-profitti miksubin fl-2008 jista' jkun għażla oħra, billi l-Kummissjoni vverifikat id-*data* dwar il-profittabilità għal perjodu ta' 10 snin, inkluża s-sena 2008, li kienet is-sena qabel bdiet il-kriżi finanzjarja. L-Eurofer żiedet li l-profitt fil-mira jinħtieġ li ma jkunx derivat minn snin li ġew affettwati jew mill-kriżi ekonomika jew inkella mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat. It-tieni, jekk il-Kummissjoni rrifjutat iż-żewġ approċċi, l-Eurofer stqarret li l-profitt fil-mira appoġġat mill-istudju tal-2013 tal-OECD jinħtieġ li jiġi aġġustat fid-dawl tar-riżultati attwali miksubin matul il-PI mill-industrija Ewropea tal-HRF. Dan imbagħad iwassal għal marġni ta' profitt raġonevoli ta' 10 %.
- (129) Kif spjegat fil-premessa (220) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni stabbilixxiet li l-użu tal-profitti miksubin fis-sena 2000 bħala bażi għall-profitt fil-mira mhix għażla raġonevoli. Anki bis-suppożizzjoni mhux probabbli li — kif tallega l-Eurofer — ma kien hemm l-ebda bidla teknoloġika u finanzjarja fl-Unjoni mis-sena 2000 'hawn, kien hemm tal-inqas xi bidliet fid-daqs tas-suq tal-Unjoni mis-sena 2000 bħala riżultat tal-għadd dejjem jikber ta' Stati Membri matul il-perjodu 2000-2016. It-tieni, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (222) tar-Regolament proviżorju, l-użu tal-profitti li nkisbu fis-sena 2008 bħala bażi għall-profitt fil-mira wkoll mhux għażla xierqa, prinċipalment għaliex każ ta' theddida ta' dannu, jirrekjedi, pjuttost, analiżi prospettiva. Fl-aħħar, it-talba tal-Eurofer li l-profitt mira jizded minn 7 % għal 10 % — fil-każ li l-profitt fil-mira ma jkunx ibbażat la fuq is-sena 2000 u lanqas fuq is-sena 2008 — ma kinitx sostanzjata biżżejjed.
- (130) Il-produttur esportatur Ċiniż Hebei Iron & Steel Group ⁽¹⁾ u l-importatur relatat tiegħu Duferco S.A. qalu li l-użu ta' profitt fil-mira ta' 7 % kien eċċessiv, mhux xieraq u mhux preċiż għar-raġunijiet li ġejjin: L-ewwel, jirrifletti stima tal-qligħ li hija mimlija b'inċertezza u li l-parametri sottostanti tagħha sadattant inbidlu. It-tieni, jirrifletti l-profittabilità meħtieġa għas-sopravivenza tal-industrija tal-azzar globali tal-Unjoni, mhux speċifikament tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. It-tielet, billi l-Kummissjoni kienet iddeterminat proviżorjament li l-importazzjonijiet kienu oġġett ta' dumping fl-2015, għall-kuntrarju ma sar l-ebda dumping fis-snin 2012 – 2014, fejn il-profitti li nkisbu matul dan l-aħħar perjodu varjaw bejn – 3,3 % (telf) u 0,4 % (profitt). Fl-alternattiva, bis-suppożizzjoni li sar dumping matul is-snin 2012-2014, l-aktar sena reċenti fejn ma' hemm l-ebda

⁽¹⁾ Kif spjegat fil-premessa (168) hawn taħt, il-grupp ta' produttori esportaturi "Hebei Iron & Steel Group" biddel ismu għal "Hesteel Group Co., Ltd" matul l-investigazzjoni. Il-kumpaniji relatati tiegħu wkoll biddlu isimhom. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet kif xieraq dawn il-bidliet fl-ismijiet u adattat l-Artikolu 1 paragrafu 2 skont dan.

evidenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat hija s-sena 2011 fejn kien hemm profitti li ammontaw għal medja ta' 3,11 %. Barra minn hekk, wara divulgazzjoni definittiva, l-istess produttur esportatur Ċiniż allega li dan l-approċċ kien manifestament bi ksur tal-każistika tal-qorti, minħabba li kien responsabbli għal fatturi oħra apparti d-dumping u pjuttost huwa maħsub li jiżgura li l-industrija tal-Unjoni tibqa' ħajja.

- (131) L-ewwel, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, il-parti interessata ma ssostantjatx l-allegazzjonijiet tagħha li l-parametri sottostanti li huma l-bażi tal-istudju użat biex jiddetermina l-profitt fil-mira ta' 7 % sadanittant kienu nbidlu.
- (132) It-tieni, il-parti interessata argumentat ukoll li l-istudju jirrifletti profittabilità meħtieġa għas-sopravivenza tal-industrija tal-azzar globali tal-Unjoni, mhux speċifikament tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. F'dan ir-rigward, kif diġà stipulat fil-premessa (223) tar-Regolament proviżorju, fin-nuqqas ta' *data* affidabbli oħra, il-Kummissjoni ekwivalat dawn iċ-ċifri magħmula għall-industrija tal-azzar b'mod ġenerali għall-prodott ikkonċernat, billi l-HRF tikkostitwixxi proporzjon kbir tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum.
- (133) It-tielet, rigward il-kumment biex tintuża *d-data* dwar il-profittabilità jew mill-perjodu 2012 – 2014 jew mis-sena 2011, dan ma jidherx li huwa xieraq. Il-profitt fil-mira huwa l-prezz li l-industrija tal-Unjoni tista' tibbaża fuq b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Kif imsemmi fil-premessa (106) tar-Regolament proviżorju, is-snin 2012, 2013 u 2014 ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala snin b'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni minħabba s-sitwazzjoni ta' wara l-kriżi tad-dejn fiż-Żona tal-Euro, u t-tnaqqis fid-domanda għall-azzar fl-2012. Barra minn hekk, kif instab fil-każ ta' prodotti laminati fil-kiesaħ⁽¹⁾, id-*data* tal-2011 mhix affidabbli minħabba l-impatt tal-kriżi finanzjarja tal-2009 li xorta kellha impatt fuq id-*data* dwar il-profittabilità sentejn wara.
- (134) Abbażi ta' dak ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li l-profitt fil-mira ta' 7 % kien l-aktar bażi xierqa f'dan il-każ ta' theddida ta' dannu. Din il-fehma tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti⁽²⁾ li l-analiżi dwar jekk hemmx theddida ta' dannu tirrekjedi, min-natura tagħha, analiżi prospettiva.

7.2. Miżuri definittivi

7.2.1. L-aċċess għal data kunfidenzjali

- (135) Ir-rappreżentant legali ta' produttur esportatur Ċiniż iddikjara li l-informazzjoni ddivulgata fid-divulgazzjoni proviżorja ma tippermettix li hu jikkummenta dwar il-korrettezza u r-rilevanza tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-marġni tad-dumping, l-effetti fuq il-prezzijiet, u l-kalkoli tal-marġni tad-dannu, inkluż jekk il-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezzijiet u s-sottokwotazzjonijiet qisux il-bejgħ kollu tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, jew ta' daww biss fejn kien hemm il-bejgħ ta' tipi ta' prodotti li jaqblu mill-produtturi esportaturi Ċiniżi. F'dan il-kuntest, fit-8 ta' Novembru 2016, il-produttur esportatur Ċiniż talab kjarifiki. Barra minn hekk, fit-8 ta' Novembru 2016 u wara d-divulgazzjoni definittiva, il-produttur esportatur Ċiniż talab ukoll li jkollu aċċess għal ċerta informazzjoni kunfidenzjali. Issuġġerixxa li r-rappreżentanti legali biss ikollhom aċċess għal din l-informazzjoni kunfidenzjali, jew bħala alternattiva, jiġi involut l-Uffiċjal tas-Seduta.
- (136) Is-servizzi tal-Kummissjoni wieġbu fit-8 ta' Diċembru 2016 li l-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz u tas-sottokwotazzjoni kienu jqisu biss tipi ta' prodotti korrispondenti biex iqabblu *d-data* dwar il-bejgħ tal-produttur esportatur Ċiniż mad-*data* dwar il-bejgħ mill-produtturi tal-UE. F'kull każ, il-volum ta' prodotti paragonabbli mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni rrappreżenta biss 62 % tal-volum ta' esportazzjoni totali tagħha. F'dan ir-rigward, il-prodotti esportati lejn l-Unjoni minn dan il-produttur esportatur speċifiku setgħu jitqabblu ma' prodott tal-Unjoni paragonabbli. Barra minn hekk, informaw lir-rappreżentant legali ta' dik il-parti li t-talba tiegħu biex ikollu aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali ma setgħetx tiġi aċċettata minħabba li l-Kummissjoni hija marbuta li tipproteġi l-kunfidenzjalità tad-*data* ta' partijiet interessati oħrajn. Billi skont il-liġi attwali ma' hemm l-ebda mezz ieħor kif tiġi protetta l-kunfidenzjalità u, fl-istess ħin, tiġi fornuta l-informazzjoni mitluba lill-partijiet, is-servizzi tal-Kummissjoni qalulu jikkuntatta lill-Uffiċjal tas-Seduta biex dan jivverifika l-informazzjoni kunfidenzjali.
- (137) F'dan il-kuntest, wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur ikkummenta f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni hija legalment obligata li tipproteġi *d-data* kunfidenzjali li jippreżentaw il-partijiet interessati kollha. Għaldaqstant hija rrifjutat li twarrab il-protezzjoni mogħtija lil din id-*data* kunfidenzjali permezz tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku.

⁽¹⁾ ĠUL 210, 4.8.2016, p. 1.

⁽²⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' April 2016, numru tal-kawża C-186/14, premessa 72, li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2014, dwar il-Kawża T-528/09, Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, premessa 71.

- (138) Skont il-liġi attwali tal-Unjoni, kif interpretata mill-każistika, mhuwiex legalment possibbli li jingħata aċċess għal *data* kunfidenzjali li tipprovdi parti interessata lil xi parti interessata oħra, sakemm mhux bil-kunsens ta' min ipprova d-*data*, jew fil-każ ta' litiġju quddiem il-Qrati tal-Unjoni. L-unika alternattiva hija l-mekkaniżmu ta' kontrolli previst mill-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni tad-29 ta' Frar 2012 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-Uffiċjal tas-Seduta⁽¹⁾. Saret seduta ta' smiegħ fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-7 ta' Frar 2017, fejn ġie diskuss il-qafas legali rigward l-aċċess għal *data* kunfidenzjali.

7.2.2. Talba għal kjarifiki ulterjuri wara d-divulgazzjoni definittiva

- (139) Wara d-divulgazzjoni definittiva, ir-rappreżentant legali tal-istess produttur esportatur Ċiniż instema' għall-ewwel darba fit-12 ta' Jannar 2017 biex jiġu diskussi fid-dettall il-kjarifiki li kien talab. Wara din il-laqgħa, huwa tenna fi preżentazzjoni bil-miktub tal-istess ġurnata t-talba tiegħu li tingħatalu informazzjoni dwar il-kalkoli tad-dannu "biex jifhem aħjar in-natura u l-grad tal-effetti tal-prezzijiet li allegatament jeżistu".
- (140) Fit-18 ta' Jannar 2017, is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew fittra separata l-kjarifiki kollha sal-punt possibbli — jiġifieri mingħajr ma kisru l-obbligu legali tar-regolament bażiku li jipproteġu *data* kunfidenzjali — li kien talab ir-rappreżentant legali ta' dan il-produttur esportatur Ċiniż. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnutat li hemm tqabbil ta' 100 % bejn l-10 tipi tal-prodott ikkonċernat mibjugħa minn dan i-produttur esportatur Ċiniż u dawk mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni. Iktar minn dan, wieħed biss mill għaxar (10) tipi ta' prodott jirrappreżenta madwar 75 % tal-volumi kollha tal-bejgħ tiegħu lill-Unjoni matul il-PI.

7.2.3. L-inklużjoni ta' hekk imsejjaħ "marġni tal-importaturi" fil-kalkolu tal-marġnijiet tat-twaqqiġ tal-prezzijiet tal-bejgħ u tas-sottokwotazzjoni

- (141) Wara divulgazzjoni proviżorja u definittiva, produttur esportatur Ċiniż ikkontesta l-mod kif il-Kummissjoni kienet ikkalkolat il-marġni tad-dannu. Din il-parti interessata allegat li l-prezzijiet tal-bejgħ Ċiniżi jridu jiġu aġġustati b'hekk imsejjaħ "marġni tal-importaturi", jiġifieri li jinkludi l-iżdoganar tal-merkanzija, l-immaniġġar, il-finanzjament, l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (Selling, General and Administrative Expenses, SG&A), u l-profit (f'ammont ta' 5 %). Bħala tali, il-prezz dirett mill-imahżen tal-importatur ikun jinkludi elementi tal-kost simili għal dawk korrispondenti għall-prezz tal-bejgħ mill-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-parti interessata allegat li l-Kummissjoni kienet ħadet prezz tal-iżbark biss (jiġifieri, mingħajr ebda aġġustament għal SG&A u profit) li mhux biżżejjed biex isir paragun xieraq bejn il-prezzijiet rispettivi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u l-produtturi tal-Unjoni għall-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezzijiet u s-sottokwotazzjoni. Biex issostni l-punt tagħha, il-parti interessata rreferiet għal żewġ Regolamenti proviżorji, li t-tnejn imorru lura aktar minn 20 sena. Dan il-produttur esportatur Ċiniż allega wkoll li l-Kummissjoni kienet injorat il-fatt li l-prezz tal-esportazzjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni kien ikun affettwat mir-relazzjoni bejn l-esportatur u l-importatur. Permezz ta' dan, il-Kummissjoni tispiċċa tuża, fl-aħħar mill-aħħar, il-prezz tat-trasferiment bejn il-kumpaniji relatati bħala bażi għat-tqabbil mal-prezzijiet mill-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni.
- (142) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba għar-raġuni li gejjja. l-għan tal-kalkolu ta' marġni ta' dannu huwa li jiġi ddeterminat jekk l-impożizzjoni ta' rata ta' dazju iktar baxxa (minn dik ibbażata fuq il-marġni ta' dumping) fuq il-prezz tal-esportazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tkunx biżżejjed biex tikkanċella d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din il-valutazzjoni jinħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prezz tal-esportazzjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, li hu meqjus bħala livell komparabbli mal-prezz tal-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni. Il-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni biex tqabbel id-*data* tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u l-produtturi tal-Unjoni rigward it-twaqqiġ tal-prezzijiet u s-sottokwotazzjoni tiżgura li kemm il-produtturi esportaturi kif ukoll il-produtturi tal-Unjoni jirċievu għall-kuntrarju trattament ekwu. Il-Kummissjoni kkunsidrat li d-determinazzjoni tal-prezz ta' importazzjoni rilevanti u l-kalkoli tat-twaqqiġ ta' prezzijiet u s-sottokwotazzjonijiet jinħtieġ li ma jiġux influwenzati minn jekk l-esportazzjonijiet isiru f'relazzjoni ma' operazzjonijiet fl-Unjoni jew indipendentement minnhom. Għal dak il-għan, il-prezz rilevanti li jrid jitqies huwa l-prezz li bih il-prodott ikkonċernat jinbiegħ lill-Unjoni, u mhux il-prezz li bih il-materjali importati jergħu jinbiegħu mill-produtturi importaturi fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirreferi għall-premissa (144) ta' dan ir-Regolament. B'hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-approċċ tagħha kien wieħed preċiż.

7.2.4. Dipendenza b'analoġija fuq l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku

- (143) L-ilmentatur ikkummenta li l-Kummissjoni jinħtieġ li tapplika l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku meta tiddetermina l-prezzijiet tal-esportazzjoni għal bejgħ li jsir permezz ta' importaturi relatati fil-kuntest tal-kalkolu tal-marġni tad-dannu. Din il-parti interessata kkummentat ukoll li, b'differenza mill-każ tal-laminazzjoni fil-kiesaħ, id-divulgazzjoni proviżorja ma kinitx tikkonferma b'mod espliċitu li ntużat din il-metodoloġija.

(1) ĠUL 107, 19.4.2012, p. 5.

- (144) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-għan tal-kalkolu ta' marġni ta' dannu huwa li jiddetermina jekk l-impożizzjoni ta' rata ta' dazju iktar baxxa (minn dik ibbażata fuq il-marġni ta' dumping) fuq il-prezz tal-esportazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tkunx biżżejjed biex tikkanċella d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din il-valutazzjoni jinħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prezz tal-esportazzjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, li hu meġus bħala livell komparabbli mal-prezz tal-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni. Fil-każ tal-bejgħ ta' esportazzjonijiet permezz ta' importaturi relatati, il-prezz tal-esportazzjoni hu ddeterminat abbażi tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel konsumatur indipendenti aġġustat kif xieraq skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Peress li l-prezz tal-esportazzjoni huwa element indispensabbli għall-kalkolu tal-marġni ta' dannu u peress li din id-dispożizzjoni hija l-unika dispożizzjoni fir-Regolament bażiku li tagħti gwida dwar kif jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni b'analoġija hija ġġustifikata.
- (145) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CISA argumentat li kienet sorpriża li l-Kummissjoni applikat b'analoġija l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Hija allegat li tali applikazzjoni kienet bi ksur tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku nnfsu, u invalida permezz ta' żball manifest ta' valutazzjoni. Hija allegat ukoll li mill-inqas produttur esportatur Ċiniż wieħed kien qed jesporta permezz ta' importaturi relatati u li konsegwentement ir-rata tad-dazju definittiva tiegħu tkun esaġerata.
- (146) L-ewwel, il-Kummissjoni wiegħbet li l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku huwa l-unika dispożizzjoni tar-Regolament bażiku li tagħti gwida dwar il-kostruzzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni. Għalhekk l-applikazzjoni tiegħu hija ġustifikata fil-qafas tal-kalkolu ta' marġni ta' dannu. It-tieni, kuntrarju għal dak li huwa allegat, hija l-prassi tal-Kummissjoni f'każijiet reċenti li b'mod konsistenti ⁽¹⁾ tapplika l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku b'analoġija fil-qafas tal-kalkolu ta' marġni ta' dannu. It-tielet, l-għan tal-kalkoli tal-marġni ta' dannu mhuwiex li jitkejjel sa liema punt qed jikkawża dannu l-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni, iżda pjuttost jekk l-esportazzjonijiet mill-produttur esportatur Ċiniż għandhomx tali effett negattiv billi jwaqqgħu l-prezz u joħlqu sottokwotazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-prezz rilevanti li jrid jitqies huwa l-prezz li bih il-prodott ikkonċernat jinbiegħ lill-Unjoni, u mhux il-prezz li bih il-materjali importati jerġgħu jinbiegħu mill-produtturi importaturi fl-Unjoni. Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni kkonfermat li użat din il-metodoloġija biex tiddetermina l-prezzijiet tal-esportazzjoni għall-bejgħ li sar permezz ta' importaturi relatati.

7.2.5. Il-perjodu li għandu jintuża għall-kalkolu tal-marġni tad-dannu f'każ ta' theddida ta' dannu

- (147) L-ilmentatur ikkritika l-fatt li l-Kummissjoni kienet proviżorjament applikat approċċ standard dwar dannu materjali billi ħadet il-marġni tad-dannu medju matul il-PI kollu (jiġifieri l-2015). Allega li dan mhux approċċ korrett peress li l-marġni tat-theddida ta' dannu jrid jirrifletti t-theddida, u meta t-theddida timmaterjalizza aktar tard matul il-PI, il-marġni tad-dannu jrid jirrifletti l-impatt konkret tat-theddida. Sabiex tneħħi b'mod effettiv l-impatt tat-theddida ta' dannu, il-Kummissjoni jinħtieġ li tħares lejn dawk il-partijiet tal-PI fejn it-theddida ta' dannu tkun bdiet timmaterjalizza. F'dan il-kuntest, l-ilmentatur irrefera għall-fatt li t-theddida ta' dannu beda jkollha impatt fuq l-industrija tal-azzar tal-Unjoni mit-tieni nofs tal-2015 'il quddiem. Għalhekk, it-tieni nofs tal-2015 biss jinħtieġ li jintuża għall-kalkolu tal-marġnijiet tat-twaqqiġ tal-prezzijiet tal-bejgħ u tas-sottokwotazzjoni. L-ilmentatur semma' wkoll li l-każijiet ta' theddida ta' dannu huma mmirati biex jippermettu lill-Kummissjoni taġixxi b'mod effettiv u preventiv qabel it-theddida ta' dannu tikkawża dannu jekk il-Kummissjoni ma tkunx inklinata li tbidel il-metodu tagħha tal-kalkolu tal-marġni (tat-theddida) tad-dannu, l-industriji jkollhom jistennew aktar, sakemm isofru dannu materjali għal sena sħiħa, biex jitolbu protezzjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping sabiex jakkwistaw marġni tad-dannu realistiku. Imgħiba bħal din tkun detrimental għall-impjiegi u għall-attivitajiet industrijali fis-suq tal-Unjoni, u ddgħajef ukoll l-oġġettivi tal-ilmenti dwar theddida ta' dannu.
- (148) Wara analiżi dettaljata tal-argumenti tal-ilmentatur, il-Kummissjoni fakkret li kienet ikkonkludiet proviżorjament li kien hemm bidla imminenti u prevedibbli b'mod ċar fiċ-ċirkostanzi fl-aħħar tal-perjodu tal-investigazzjoni, li tista' toħloq sitwazzjoni li fiha d-dumping se jikkawża dannu. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet fost oħrajn għall-premessi (157), (159) u (198) tar-Regolament proviżorju li jgħid li "filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tirkupra matul l-2014 u l-ewwel żewġ trimestri tal-2015, kważi l-indikaturi tad-dannu kollha bdew jaqgħu drammatikament matul it-tieni nofs tal-2015. L-investigazzjoni żvelat li din ix-xejra negattiva, li bdiet fit-tieni nofs tal-2015, ma kinitx invalidata matul l-ewwel nofs tal-2016". Fil-premessa (163) tar-Regolament proviżorju, ipprovdiet ulterjorment li "Fid-dawl tal-koinċidenza fiż-żmien bejn, fuq naħa waħda, il-livell dejjem

⁽¹⁾ Pereżempju wieħed jista' jirreferi għall-każijiet li ġejjin:

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 217/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti folji tal-aluminju f'rombli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari (tal-Poplu) taċ-Ċina (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 11),
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1953 tad-29 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 109).

jiżded ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet kontinwament jonqsu u, min-naħa l-oħra, it-telf tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u deprezzament fil-prezzijiet li rriżultaw f'aktar telf, b'mod partikolari mit-tieni nofs tal-2015 'il quddiem, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni."

- (149) It-tieni, rigward il-mertu tal-kwistjoni, il-Kummissjoni stabbilixxiet li, kif imniżżel fil-premessa (157) tar-Regolament proviżorju, ix-xejra negattiva bdiet fit-tieni nofs tal-2015 u wasslet għal bidla imminente u prevedibbli b'mod ċar fiċ-ċirkostanzi fl-aħħar tal-perjodu tal-investigazzjoni li tista' toħloq sitwazzjoni li fiha d-dumping jikkawża dannu, jekk ma tittieħed l-ebda miżura. Dan huwa f'konformità ma' dak li stqarret il-Kummissjoni fil-premessa (113) tar-Regolament proviżorju li "*il-produtturi tal-Unjoni setgħu jirkupraw parzjalment matul l-2014 u fl-ewwel nofs tal-2015*". B'konsegwenza ta' hekk, it-tieni nofs tal-2015 jirrifletti aħjar l-impatt attwali tat-theddida ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni li jinħtieġ li titneħħa.
- (150) It-tielet, il-Qorti sostniet li l-analiżi tad-*data* tal-perjodu ta' wara l-investigazzjoni hija xierqa b'mod partikolari f'investigazzjoni li tiddetermina jekk hemmx theddida ta' dannu li, min-natura tagħha stess, tirrekjedi analiżi prospettiva. Għall-Kummissjoni, it-tieni nofs tal-2015 jidher li jwieġeb aħjar għal dan ir-rekwiżit peress li huwa aktar qrib tal-iżviluppi futuri mill-PI sħiħ.
- (151) Ir-raba', kalkolu abbażi ta' perjodu ta' investigazzjoni sħiħ, irrISPettivament minn jekk kienx hemm sinjali ta' xejriet negattivi, jipperikola l-oġġett ta' każ ta' theddida ta' dannu li jkun hemm azzjoni effettiva u preventiva qabel it-theddida ta' dannu tikkawża dannu.
- (152) Għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni aċċettat l-opinjoni li, f'dan il-każ partikolari, il-perjodu biex jiġu kkalkolati l-marġni tad-dannu jinħtieġ li jkun ibbażat fuq it-tieni nofs tal-2015 u mhux fuq il-perjodu sħiħ tal-investigazzjoni.
- (153) Bħala riżultat, il-Kummissjoni talbet *data* addizzjonali lill-produtturi li kienu qed jikkooperaw. Irċeviet *data* trimestrali addizzjonali tal-PI dwar il-kost tal-produzzjoni minn kull tip ta' prodott għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u wara vverifikat din id-*data*. Il-verifiki kienu jikkonċernaw biss id-*data* addizzjonali pprovduta li ma kinitx intalbet qabel, u żgurati li d-*data* li fuqha l-Kummissjoni eventwalment ibbażat il-konklużjonijiet tagħha kienet affidabbli.
- (154) Minħabba li l-livell ta' kooperazzjoni kien ikkunsidrat għoli, il-marġni ta' dannu definittiv għar-RPĊ, applikabbli għal produtturi esportaturi li ma kinux fil-kampjun li kkooperaw, ġie kkalkulat bħala l-medja tat-tliet produtturi esportaturi/gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun. Il-marġni ta' dannu definittiv għar-RPĊ, applikabbli għal produtturi esportaturi li ma kkooperawx, ġie stabbilit fil-livell tal-ogħla marġni tat-tliet kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji li kkooperaw.
- (155) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CISA kkummentat li l-PI sħiħ intuża bħala bażi għall-kalkolu tal-prezz unitarju fil-mira għall-industrija tal-Unjoni, filwaqt li sitt (6) xhur biss mill-PI ntużaw għall-kalkolu tal-prezz tal-bejgħ unitarju ta' ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni għall-produtturi esportaturi ċiniżi li jappartjenu għall-grupp Shagang. Bħala riżultat, is-CISA talbet lill-Kummissjoni biex tikkalkula mill-ġdid iż-żewġ elementi billi tuża d-*data* disponibbli għall-istess perjodu.
- (156) Wara l-analiżi, instab li dan il-kumment kien preċiż. Il-Kummissjoni għalhekk għamlet kalkolu mill-ġdid tal-prezz unitarju fil-mira tal-industrija tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi ċiniżi, li jappartjenu għall-grupp Shagang, billi użat tali *data* tal-kost tal-produzzjoni għall-istess perjodu(it-tieni nofs tal-2015) bħala l-perjodu użat għall-kalkolu tal-prezz tal-bejgħ unitarju ta' ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-produtturi esportaturi ċiniżi kollha.
- (157) Il-kalkolu rivedut wassal għall-konklużjoni li l-marġni tad-dannu għall-kumpaniji li jappartjenu għall-grupp Shagang niżel minn 36,6 % għal 35,9 %.
- (158) Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat il-kalkoli inizjali tal-marġni tad-dannu taż-żewġ produtturi esportaturi ċiniżi l-oħra. Filwaqt li l-kalkolu inizjali għall-grupp Hebei kien ivvalutat korrett, l-analiżi tal-kalkolu inizjali għal Bengang Steel Plates Co., Ltd wera li li kien jinkludi l-iżbalji klerikali li ġejjin:

— Tip ta' prodott wieħed instab li kien eskluż bi żball mill-kalkolu inizjali. Bħala riżultat, il-kalkolu rivedut kien jinkludi dan it-tip ta' prodott peress li dan it-tip ta' prodott kien miġjugħ kemm mill-produtturi tal-Unjoni kif ukoll minn Bengang Steel Plates Co., Ltd;

— Ftit valuri fid-*data* tal-industrija tal-Unjoni ġew assoċjati flimkien bi żball fil-folja tal-kalkolu.

Bħala riżultat tal-effetti msemmijin hawn fuq, il-marġni tad-dannu għal dan il-produttur esportatur Ċiniż żdied għal 28,1 % (minflok 25,5 %).

- (159) Il-kalkolu rivedut tal-prezz unitarju fil-mira tal-industrija tal-Unjoni ġie kkomunikat kemm lill-grupp Shagang kif ukoll lil Bengang Steel Plates Co., Ltd fis-16 ta' Jannar 2017. Minħabba li l-uniku element li nbidel meta mqabbel mad-divulgazzjoni definittiva bid-*data* tat-22 ta' Diċembru 2016 kien il-prezz fil-mira tal-industrija tal-Unjoni, iż-żewġ partijiet interessati ntalbu jikkummentaw rigward dawn id-divulgazzjonijiet limitati addizzjonali sat-18 ta' Jannar 2017. Sa dakinhar, però, ma wasal l-ebda kumment.
- (160) Wara d-divulgazzjoni definittiva, produttur esportatur Ċiniż wieħed ikkummenta wkoll li ma kienx persważ bir-raġunijiet mogħtija li l-użu biss tad-*data* li tkopri t-tieni nofs tal-2015 ikun jirrifletti aktar xieraq is-sitwazzjoni tal-impatt tat-theddida. Huwa allega wkoll li kull użu selettiv tal-perjodu għall-iskop tal-kalkolu tal-marġni tad-dannu jrendi t-tqabbil tad-dumping u l-marġni tad-dannu għall-iskop tar-“regola tad-dazju inferjuri” illoġiku u distorsiv, u jwassal għal marġnijiet ogħla milli kieku kienet intużat is-sena sħiħa tal-2015 B'riżultat ta' dan, huwa talba lill-Kummissjoni biex tuża perjodu ta' 12-il xahar biex tikkalkula l-marġni tad-dannu, simili għall-perjodu li ntūza għall-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping. Kummenti simili waslu mingħand l-utent Taljan, li żied li l-użu selettiv ta' informazzjoni li tirrigwarda parti mill-PI ma jippermettix għal valutazzjoni oġġettiva tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu fil-każ preżenti.
- (161) Kumment simili wasal mingħand is-CISA u mingħand iż-żewġ produttori esportaturi Ċiniżi, li t-tnejn allegaw li l-għażla ta' perjodu ta' sitt xhur kien bi ksur taċ-ċertezza legali u tal-aspettattivi leġittimi. F'dan ir-rigward, filwaqt li l-produttur esportatur Ċiniż l-ieħor allega prinċipalment l-limitu għal perjodu ta' sitt xhur fuq is-sett tad-*data* ma jikkwalifikax bħala evidenza pożittiva skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, is-CISA rreferiet għall-punt 5.1 tan-Notifika ta' Bidu billi ddikjarat li “l-investigazzjoni ta' dumping u dannu se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 u l-każistika”.
- (162) Barra minn hekk, produttur esportatur Ċiniż wieħed semma wkoll li hija l-prassi stabbilita tal-Kummissjoni li ma tużax *data* li tirreferi għal parti biss tal-perjodu ta' investigazzjoni u li l-metodoloġija applikata f'dan il-każ mhijiex konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Antidumping tad-WTO li “il-perjodu tal-ġbir tad-*data*...għandu jinkludi l-perjodu fl-intier tiegħu tal-kollezzjoni tad-*data* għall-investigazzjoni tad-dumping”.
- (163) Il-Kummissjoni ħadhet dawn l-argumenti kollha kif ġej: L-ewwel, id-determinazzjoni ta' dumping u dannu ssir fuq il-bażi ta' perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat iddefiniti b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku u mħabbra fin-Notifika ta' Bidu. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament bażiku ma jipprevedix xi metodu speċifiku għall-kalkolu tal-marġni tad-dannu użat għall-applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri. It-tieni, ir-Regolament bażiku wkoll ma jipprevedix kriterji speċifiċi għad-definizzjoni tal-perjodu li matulu l-parametri għall-kalkolu tal-marġni tad-dannu jiġu vvalutati. Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-perjodu magħżul jirrifletti l-ispeċifiċità tal-każ u huwa xieraq fil-kuntest ta' analiżi prospettiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni użat għall-kalkolu tal-marġni tad-dannu l-istess perjodu ta' sitt (6) xhur biex tqabbel il-prezz tal-esportazzjoni u l-prezz fil-mira biex tiżgura valutazzjoni oġġettiva.
- (164) B'kunsiderazzjoni għall-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq fil-premessi minn (135) sa (163), u fin-nuqqas ta' xi kummenti oħrajn, il-marġnijiet ta' dannu definittivi ġew ikkalkolati mill-ġdid bid-*data* għat-tieni nofs tal-2015. Dawn il-marġnijiet definittivi mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej. Murija hawn ukoll ir-rati tad-dazju definittivi.

Tabella 7

Marġnijiet u Rati ta' Dazju Definittivi

Produtturi esportaturi Ċiniżi	Marġni ta' dumping definittiv	Marġni ta' dannu definittiv	Rata tad-dazju definittiv
Bengang Steel Plates Co., Ltd	97,3 %	28,1 %	28,1 %
Hesteel Group Co., Ltd	95,5 %	18,1 %	18,1 %

Produtturi esportaturi Ċiniżi	Marġni ta' dumping definittiv	Marġni ta' dannu definittiv	Rata tad-dazju definittiv
Jiangsu Shagang Group	106,9 %	35,9 %	35,9 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	100,5 %	27,3 %	27,3 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	106,9 %	35,9 %	35,9 %

- (165) Il-marġnijiet ta' dannu msemmija hawn fuq ġew imqarriba 'l isfel, fejn xieraq, lejn l-egreb parti minn għaxra ta' figura wara kummenti minn produttur esportatur wara d-divulgazzjoni definittiva.
- (166) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, huma jirriflettu l-qagħda li nstabiet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju (kuntrarju għad-dazju fil-pajjiż kollu applikabbli għall-“kumpaniji l-oħrajn kollha”) huma għaldaqstant esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u huwa mmanifatturat mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati magħmulin minn kumpanija oħra li isimha mhux speċifikament imsemmi fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' daww imsemmija b'mod speċifiku, jinħtieġ li ma jibbenefikawx minn dawn ir-rati u jinħtieġ li jkun soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-“kumpaniji l-oħrajn kollha”.
- (167) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpanija individwali (pereżempju wara bidla fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) jinħtieġ li tiġi indirizzata lill-Kummissjoni (*) bl-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari kull bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u mal-bejgħ b'esportazzjoni assoċjat, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, dan ir-Regolament se jiġi emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali.
- (168) “Hebei Iron & Steel Group” biddel ismu għal “Hesteel Group Co., Ltd” matul l-investigazzjoni. Uħud mill-kumpaniji relatati tiegħu wkoll biddlu ismhom. Il-Kummissjoni rrikonossiet kif xieraq dawn il-bidliet fl-ismijiet u adattat l-Artikolu 1 paragrafu 2 skont dan.
- (169) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' evażjoni, qed jitqies li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-miżuri antidumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej. il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn fattura bħal din għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

7.3. Rilaxx ta' dazji proviżorji

- (170) Wara d-divulgazzjoni definittiva, perti waħda interessata qalet li l-Kummissjoni ma tistax definittivament tiġbor dazji proviżorji skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament bażiku sakemm ma jintweriex li fin-nuqqas ta' miżuri proviżorji, is-sitwazzjoni tkun żviluppat f'dannu materjali qabel l-adozzjoni tal-miżuri definittivi.
- (171) Fid-dawl tal-konklużjonijiet fil-każ preżenti, il-Kummissjoni tqis li, skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament bażiku, l-ammonti żgurati permezz tad-dazju antidumping proviżorju, impost mir-Regolament proviżorju, jinħtieġ li jiġu rilaxxati.
- (172) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

(*) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Brussels, Belgium.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv antidumping huwa impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar, f'koljaturi jew le (inklużi prodotti "cut-to-length" u "strixxi dojq"), mhux maħdumin aktar ħlief b'laminazzjoni termali, mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Il-prodott ikkonċernat ma jinkludix:

- prodotti tal-azzar inossidabbli u azzar elettriku tas-siliċju bil-granijiet orjentati,
- prodotti tal-azzar tal-għodda u azzar b'veloċità għolja,
- prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji friljev, ta' ħxuna li taqbeż l-10 mm u ta' wiśa' ta' 600 mm jew aktar, u
- prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji friljev, ta' ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar iżda li ma taqbiżx l-10 mm u ta' wiśa' ta' 2 050 mm jew aktar.

Il-prodott ikkonċernat bħalissa jaqa' fil-kodiċijiet NM 7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, ex 7225 19 10 (il-kodiċi TARIC 7225 19 10 90), 7225 30 90, ex 7225 40 60 (il-kodiċi TARIC 7225 40 60 90), 7225 40 90, ex 7226 19 10 (il-kodiċi TARIC 7226 19 10 90), 7226 91 91 u 7226 91 99.

2. Ir-rata tad-dazju tal-antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

Pajjiż	Kumpanija	Ir-Rata tad-dazju definittiv	Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC
RPĊ	Bengang Steel Plates Co., Ltd	28,1 %	C157
	Handan Iron & Steel Group Han-Bao Co., Ltd	18,1 %	C158
	Hesteel Co., Ltd Tangshan Branch ⁽¹⁾	18,1 %	C159
	Hesteel Co., Ltd Chengde Branch ⁽²⁾	18,1 %	C160
	Zhangjiagang Hongchang Plate Co., Ltd	35,9 %	C161
	Zhangjiagang GTA Plate Co., Ltd	35,9 %	C162
	Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness I	27,3 %	Ara l-Anness
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	35,9 %	C999

⁽¹⁾ Qabel "Hebei Iron & Steel Co., Ltd Tangshan Branch".

⁽²⁾ Qabel "Hebei Iron & Steel Co., Ltd Chengde Branch".

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju antidumping speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 isseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li tinkludi dikjarazzjoni bid-data u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat minn ismu/isimha u l-kariga, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt(a), niċċertifika li l-(volum) ta' prodotti tal-azzar b'laminazzjoni termali mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura kienu manifatturati minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, għandha tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

5. Meta xi produttur esportatur ġdid fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jipprovdi evidenza biżżejjed lill-Kummissjoni li:
- (1) ma esportax lill-Unjoni il-prodott deskritt fil-paragrafu 1 fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015 (il-perjodu tal-investigazzjoni),
 - (2) ma huwiex relatat ma xi esportatur jew produttur fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li huwa soġġett għal miżuri antidumping imposti minn dan ir-Regolament,
 - (3) esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni li dwar huma bbażati l-miżuri, jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni,

Il-paragrafu 2 jista' jiġi emendat billi jiżdied il-produttur esportatur il-ġdid mal-kumpaniji li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun u għalhekk huma soġġetti għal dazju individwali li ma jeċċedix il-medja ponderata ta' 27,3 %.

Artikolu 2

L-ammonti ggarantiti bħala dazji antidumping provviżorji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 ⁽¹⁾ għandhom jiġu rilaxxati b'mod definittiv.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 tal-10 ta' Frar 2016 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (ĠUL 37, 12.2.2016, p. 1).

ANNEX

Il-pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Angang Steel Company Limited	C150
	Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd.	C151
	Jiangyin Xingcheng Special Steel Works Co., Ltd.	C147
	Shanxi Taigang Stainless Steel Co., Ltd.	C163
	Shougang Jingtang United Iron & Steel Co., Ltd	C164
	Maanshan Iron & Steel Co., Ltd	C165
	Rizhao Steel Wire Co., Ltd.	C166
	Rizhao Baohua New Material Co., Ltd.	C167
	Tangshan Yanshan Iron and Steel Co., Ltd.	C168
	Wuhan Iron & Steel Co., Ltd.	C156

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/650**tal-5 ta' April 2017****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2017.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Jerzy PLEWA**Direttur Ġenerali**Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	EG	350,6
	MA	112,2
	SN	284,4
	TN	214,0
	TR	112,4
	ZZ	214,7
0707 00 05	TR	155,6
	ZZ	155,6
0709 93 10	MA	53,1
	TR	148,4
	ZZ	100,8
0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28	EG	54,9
	IL	78,6
	MA	48,3
	TN	55,5
	TR	75,1
	ZZ	62,5
	ZZ	62,5
0805 50 10	TR	74,4
	ZZ	74,4
0808 10 80	BR	110,7
	CL	108,0
	CN	161,4
	US	133,8
	ZA	111,7
	ZZ	125,1
	ZZ	125,1
0808 30 90	AR	121,6
	CL	154,7
	CN	90,2
	ZA	127,9
	ZZ	123,6
	ZZ	123,6

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/651

tat-3 ta' April 2017

li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Netherlandiż,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ⁽¹⁾, (UE) 2015/190 ⁽²⁾ u (UE) 2015/994 ⁽³⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġiet proposta s-Sinjura A. (Annemiek) JETTEN (*Mayor of Sluis*).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura A. (Annemiek) JETTEN, *Mayor of the municipality of Vlaardingen* (bidla tal-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' April 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

R. GALDES

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/652**tad-29 ta' Marzu 2017****dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem “Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa”***(notifikata bid-dokument C(2017) 2200)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)5969 tat-13 ta' Settembru 2013, ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem “Minority SafePack — miljun firma favur id-diversità” ġiet miċħuda. Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Frar 2017 (il-kawża T-646/13) annullat dik id-Deċiżjoni, fuq il-bażi li l-Kummissjoni ma kinitx konformi mal-obbligu tagħha li tgħid x'inhuma r-raġunijiet billi ma indikatx liema miżuri, fost dawk stipulati fl-anness tal-IEĊ proposta, ma jaqgħux taħt il-kompetenza tagħha, u lanqas ir-raġunijiet li jsostnu dik il-konklużjoni. Sabiex tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni jkollha tadottata Deċiżjoni ġdida dwar it-talba għar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.
- (2) Is-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem “Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa” jirreferi għas-segwenti “Nappellew lill-UE biex ittejjeb il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u lingwistiċi u sabiex issaħħaħ id-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni”.
- (3) L-oġġettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jirreferu għas-segwenti “Nappellaw lill-UE tadotta ġabra ta' atti legali li jtejbu l-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u lingwistiċi u li jsaħħu d-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni. Hija għandha tinkludi azzjonijiet ta' politika fl-oqsma tal-lingwi reġjonali u minoritarji, l-edukazzjoni u l-kultura, il-politika reġjonali, il-parteċipazzjoni, l-ugwaljanza, il-kontenut awdjoviżiv u midja oħra kif ukoll għajnuna reġjonali (mill-istat)”.
- (4) L-anness tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jsemmi b'mod speċifiku 11-il att legali tal-Unjoni li, skont l-għan tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, għandhom, essenzjalment, jiġu proposti mill-Kummissjoni, jiġifieri:
 - (a) rakkomandazzjoni tal-Kunsill “dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni” abbażi tat-tieni inċiż tal-Artikolu 167(5) TFUE u t-tieni inċiż tal-Artikolu 165(4) TFUE;
 - (b) deċiżjoni jew regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill abbażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) TFUE u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 165(4) TFUE, li s-suġġett tagħha jew tiegħu jkun li jiġu adattati “programmi ta' ffinanzjar sabiex isiru aċċessibbli għal komunitajiet żgħar lingwistiċi reġjonali u ta' minoranza”;
 - (c) deċiżjoni jew regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill abbażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) TFUE u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 165(4) TFUE, li s-suġġett tagħha jew tiegħu ikun li jinħoloq ċentru għad-diversità lingwistika li jsaħħaħ l-għarfien tal-importanza tal-lingwi reġjonali u ta' minoranza u li jippromwovi d-diversità fil-livell kollha u li jkun iffinanzjat prinċipalment mill-Unjoni Ewropea;
 - (d) regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill abbażi tal-Artikoli 177 TFUE u 178 TFUE, li s-suġġett tiegħu ikun li jiġu adattati d-dispożizzjonijiet komuni dwar il-fondi reġjonali tal-UE b'tali mod li l-protezzjoni tal-minoranzi u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika ikunu inklużi filhom bħala oġġettivi tematiċi;

⁽¹⁾ ĠUL 65, 11.3.2011, p. 1.

- (e) regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 173(3) TFUE u l-Artikolu 182(1) TFUE, li s-suġġett tiegħu ikun li jinbidel ir-regolament relatat mal-programm "Orizzont 2020" sabiex titjeb ir-riċerka fuq il-valur miżjud li tista' ġġib id-diversità kulturali u lingwistika tal-minoranzi nazzjonali lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku freġjuni tal-UE;
- (f) direttiva, regolament jew deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 20(2) TFUE u l-Artikolu 25 TFUE għall-iskop ta' tisħiħ fi ħdan l-UE tal-post taċ-ċittadini li jappartjenu għal xi minoranza nazzjonali, bil-għan li jiġi żgurat li l-preokkupazzjonijiet leġittimi tagħhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew;
- (g) miżuri effikaċi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u biex jipromwovu t-trattament indaqs, inkluż għall-minoranzi nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' revizzjoni tad-direttivi eżistenti tal-Kunsill rigward it-trattament indaqs, abbażi tal-Artikolu 19(1) TFUE;
- (h) emendar tal-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex tiggarantixxi trattament indaqs approssimattiv bejn persuni apolidi u ċ-ċittadini tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 79(2) TFUE;
- (i) regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 118 TFUE, sabiex jiġi introdott dritt tal-awtur unitarju sabiex l-UE kollha kemm hi tkun tista' tiġi kkunsidrata suq intern fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur;
- (j) emenda għad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, għall-fini li tiġi ggarantita l-libertà tal-provvista ta' servizzi awdjoviżivi u r-riċezzjoni tagħhom freġjuni fejn ikunu jirreżjedu minoranzi nazzjonali, abbażi tal-Artikolu 53(1) TFUE u l-Artikolu 63 TFUE;
- (k) regolament jew deċiżjoni tal-Kunsill, bil-għan li jkun hemm eżenzjoni ta' kategorija għal proġetti li jipromwovu l-minoranzi nazzjonali u l-kultura tagħhom, abbażi tal-Artikolu 109 TFUE, l-Artikolu 108(4) TFUE u l-Artikolu 107(3)(e) TFUE.
- (5) Jistgħu jiġu adottati atti legali tal-Unjoni għall-fini li jiġu implimentati t-Trattati
- fl-oqsma tat-titjeb tal-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej; il-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-patrimonju kulturali ta' importanza Ewropea; skambji kulturali mhux kummerċjali; il-kreazzjoni artistika u letterarja, inklużi fis-settur awdjo-viżiv,
 - fl-oqsma tal-iżvilupp tal-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, inkluż fost oħrajn permezz tat-tagħlim u t-tixrid tal-lingwi tal-Istati Membri,
 - fid-definizzjoni tal-kompiti, l-oġettivi ta' prijorità u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali sakemm l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni,
 - rigward miżuri speċifiċi b'appoġġ għall-azzjoni meħuda fl-Istati Membri sabiex jinkisbu l-oġettivi li jitħaffef l-aġġustament li jkollha tagħmel l-industrija minħabba bidliet strutturali, li jiġi inkoraġġit ambjent favorevoli għall-inizjattiva u għall-iżvilupp ta' impriżi madwar l-Unjoni, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji, jiġi inkoraġġit ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-impriżi, tisserdaq esplojtazzjoni aħjar tal-potenzjal industrijali tal-politiki tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,
 - fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku fil-forma ta' programm qafas pluriennali li jistabbilixxi l-oġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi li jridu jinkisbu permezz tal-attivitajiet tal-Unjoni u li jiffissa l-prijoritajiet relevanti, bl-indikazzjoni tal-linji ġenerali ta' tali attivitajiet u billi jiġi stabbilit l-ammont kumplessiv massimu u r-regoli dettaljati għall-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-programm qafas u l-ishma rispettivi f'kull attività li għaliha jkun hemm provvediment,
 - fil-qasam tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terz residenti legalment fi Stat Membru inklużi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

- għall-ħolqien ta' drittijiet Ewropej ta' proprjetà intellettuali sabiex tingħata protezzjoni uniformi għad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali madwar l-Unjoni u għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' awtorizzazzjoni, koordinazzjoni u superviżjoni madwar l-Unjoni kollha,
 - għall-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġijiet, regolamenti jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri rigward il-bidu u t-tkomplija tal-attivitajiet ta' dawk li jaħdmu għal rashom,
 - għad-determinazzjoni tal-kategoriji ta' għajnuna mogħtija mill-istat li huma eżenti mill-proċedura li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 108(2) TFUE.
- (6) Għal dawk ir-raġunijiet, l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, sal-punt safejn l-għan tagħha jkun li l-Kummissjoni tressaq proposti għal atti legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati kif imsemmi fil-punti (a)–(e) u (h)–(k) tal-premessa 4 ma taqax 'il barra b'mod manifest mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposti għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.
- (7) Att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati ma jistax jiġi adottat għall-fini tat-tisħiħ fi ħdan l-UE tal-post taċ-ċittadini li jappartjenu għal minoranza nazzjonali, bil-għan li jiġi żgurat li l-preokkupazzjonijiet leġittimi tagħhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew. L-Artikolu 20(2) TFUE jipprova għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawk id-drittijiet jinkludu d-dritt tal-vot u li wieħed joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza, bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat. L-Artikolu 25 TFUE jistipula li abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità skont proċedura leġislattiva speċjali u wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jista' jadotta dispożizzjonijiet sabiex isaħħaħ jew iżid id-drittijiet elenkati fl-Artikolu 20(2) TFUE. Madankollu, id-drittijiet imsaħħa jew miżjuda b'tali dispożizzjonijiet iridu jkunu diretti kontra Stati Membri oħra, u mhux kontra dak li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat ikun ċittadin, jew inkella kontra l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Bil-maqlub, l-att legali previst mill-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġgħib l-isem "Minority SafePack — miljun firma favur id-diversità fl-Ewropa" ma fih l-ebda kwalifiki simili. Għaldaqstant, hija toħloq drittijiet infurzabbli kontra l-Istat Membru ta' ċittadinanza taċ-ċittadin tal-Unjoni. Għalhekk, l-Artikoli 25 u 20(2) TFUE ma jstgħux jikkostitwixxu bażi legali għall-adozzjoni ta' att legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati "għall-fini tat-tisħiħ fi ħdan l-UE tal-post taċ-ċittadini li jappartjenu għal minoranza nazzjonali, bil-għan li jiġi żgurat li l-preokkupazzjonijiet leġittimi tagħhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew". Sa dak il-punt li l-att legali previst mill-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġgħib l-isem "Minority SafePack — miljun firma favur id-diversità fl-Ewropa" ikun fil-qofol tiegħu jolqot id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-elezzjoni tal-Membri tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, tkun l-istituzzjoni tal-aħħar li, f'konformità mal-Artikolu 223 TFUE, tfassal proposta biex jiġi stabbiliti dawn id-dispożizzjonijiet, skont proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew bi prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. Għalhekk, it-Trattati ma jagħtux is-setgħa lill-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal atti legali bħal dan.
- (8) Att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati lanqas ma jista' jiġi adottat għar-rigward ta' miżuri effikaċi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u biex jipromwovu t-trattament indaqs, inkluż għall-minoranzi nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' reviżjoni tad-direttivi eżistenti tal-Kunsill li jolqtu t-trattament indaqs. Filwaqt li, irrispettivament mill-qasam ta' azzjoni tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma marbuta li jirrispettaw "id-diversità kulturali u lingwistika" skont l-Artikolu 3(3) TUE, u li ma jagħmlux diskriminazzjoni abbażi tal-"appartenenza għal minoranza lingwistika" skont l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tikkostitwixxi bażi legali għal xi azzjoni, tkun liema tkun, mill-istituzzjonijiet. L-Artikolu 19 TFUE jistipula li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati u fil-limiti tas-setgħat mogħtija minnhom lill-Unjoni, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skond proċedura leġislattiva speċjali u bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu azzjoni xierqa sabiex jiġġieledd id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-disabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali. Madankollu, din il-lista eżawrjenti ta' raġunijiet ta' diskriminazzjoni ma tinkludix l-appartenenza għal minoranza nazzjonali. Għalhekk, l-Artikolu 19 TFUE ma jstax jikkostitwixxi l-bażi legali għall-adozzjoni ta' att legali tal-Unjoni għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-proposti tat-Trattati għal "miżuri effettivi sabiex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni u biex jiġi promoss it-trattament indaqs, inkluż għal minoranzi nazzjonali".
- (9) Għal dawn ir-raġunijiet, l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, sal-punt fejn l-għan tagħha jkun li l-Kummissjoni tippreżenta proposti għal atti legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati kif imsemmi fil-punti (f) u (g) tal-premessa 4 b'mod manifest taqa' 'il barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposti għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.

- (10) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jsaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi, fost affarijiet oħra, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (11) Għal dan il-għan, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini sabiex tithegġegħ il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir aktar aċċessibbli.
- (12) Jenhtiegħ għalhekk li tiġi rreġistra l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li għib l-isem "Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa" Jenhtiegħ li jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal din l-inizjattiva sal-punt li din ikollha l-għan li jsiru proposti mill-Kummissjoni għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati kif imsemmi fil-punti (a) — (e) u (h) — (k) tal-premessa 4.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li għib l-isem "Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa" hija b'dan irreġistrata.
2. Jistgħu jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, abbażi tal-fehim li jkollha l-għan li jsiru proposti mill-Kummissjoni għal
- rakkomandazzjoni tal-Kunsill "dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni";
 - deċiżjoni jew regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li s-suġġett tagħha jew tiegħu jkun l-adozzjoni ta' "programmi ta' ffinanzjar sabiex isiru aċċessibbli għal komunitajiet żgħar lingwistiċi reġjonali u ta' minoranza";
 - deċiżjoni jew regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li s-suġġett tiegħu jew tagħha jkun li jinħoloq ċentru għad-diversità lingwistika li jsaħħaħ l-għarfien tal-importanza tal-lingwi reġjonali u ta' minoranza u li jippromwovi d-diversità fil-livelli kollha u li jkun iffinanzjat prinċipalment mill-Unjoni Ewropea;
 - regolament li jadatta r-regoli ġenerali applikabbli għall-kompiti, l-oġġettivi prijoritarji u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali b'tali mod li jittieħed kont tal-protezzjoni ta' minoranzi u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika, sakemm l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni;
 - regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li s-suġġett tiegħu jkun li jinbidel ir-regolament relatat mal-programm "Orizzont 2020" sabiex titjeb ir-riċerka fuq il-valur miżjud li tista' għib id-diversità kulturali u lingwistika tal-minoranzi nazzjonali lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku f'reġjuni tal-UE;
 - l-emendar tal-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex jiġi garantit trattament indaqs approssimattiv bejn persuni apolidi u ċ-ċittadini tal-Unjoni;
 - regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sabiex jiġi introdott dritt tal-awtur unitarju sabiex l-UE kollha kemm hi tkun tista' tiġi kkunsidrata suq intern fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur;
 - emenda għad-Direttiva 2010/13/UE, għall-fini li tiġi ggarantita l-libertà tal-provvista ta' servizzi ta' kontenut awdjoviżiv, u r-riċezzjoni tagħhom, f'reġjuni fejn ikunu jirreżjedu minoranzi nazzjonali;
 - regolament jew deċiżjoni tal-Kunsill, bil-għan li jkun hemm eżenzjoni ta' kategorija għal proġetti li jippromwovu l-minoranzi nazzjonali u l-kultura tagħhom mill-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) TFUE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' April 2017.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem "Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa", rappreżentata mis-Sur Hans Heinrich HANSEN u s-Sur Hunor KELEMEN li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-ewwel Viċi President

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT